Parlament Ewropew
2019-2024

Kumitat għal-Libertajiet Ċivili, il-Ġustizzja u l-Intern

2022/0047(COD)

2.2.2023

OPINJONI

tal-Kumitat għal-Libertajiet Ċivili, il-Ġustizzja u l-Intern

għall-Kumitat għall-Industrija, ir-Riċerka u l-Enerġija

dwar il-proposta għal regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar regoli armonizzati dwar l-aċċess ġust għad-data u l-użu tagħha (l-Att dwar id-Data)
(COM(2022)0068 – C9-0051/2022 – 2022/0047(COD))

Rapporteur għal opinjoni (*): Sergey Lagodinsky

(*) Kumitat assoċjat – Artikolu 57 tar-Regoli ta' Proċedura

PA_Legam

ĠUSTIFIKAZZJONI QASIRA

1. Informazzjoni ġenerali

Il-proposta għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar regoli armonizzati dwar l-aċċess ġust għad-data u l-użu tagħha (l-Att dwar id-Data) hija parti mill-Istrateġija Ewropea għad-Data tal-Kummissjoni, imħabbra fi Frar 2020.

Skont il-Kummissjoni, l-Att dwar id-Data ġie propost bil-għan li jiżgura "l-ġustizzja fl-allokazzjoni tal-valur mid-data" u "[j]rawwem l-aċċess għad-data u l-użu tagħha". Bl-użu ta' parti mit-80 % tad-data industrijali mhux użata, b'volum mistenni ta' "175 zettabyte mistennija fl-2025", il-Kummissjoni qiegħda tistenna li "joħolqu €270 biljun ta' PDG addizzjonali sal-2028", skont l-istqarrija għall-istampa tagħha.

2. Il-Pożizzjoni tar-Rapporteur

Ir-rapporteur jimmira li jkun hemm għadd ta' modi ta' titjib, bl-aktar importanti jkunu dawn li ġejjin:

A. Kontra ġungla għad-data personali

Id-dritt fundamentali għall-protezzjoni tad-data personali għandu l-għeruq tiegħu fir-realizzazzjoni li f'soċjetà demokratika, individwu jeħtieġ li jkun jista' jiddeċiedi fuq l-informazzjoni li ħaddieħor għandu fuqu, u li jeżerċita kontroll. Sabiex jiġu protetti dawn l-interessi fundamentali, id-data personali ma għandhiex titħalla ssir komodità negozjabbli. Għalhekk, il-kondiviżjoni tad-data mid-detenturi tad-data ma' partijiet terzi għandha ssir prinċipalment għal skopijiet bħall-forniment ta' servizzi ta' wara l-bejgħ, biex jiġu pprovduti aġġornamenti li jsewwu problemi ta' sigurtà u użabbiltà, u għall-finijiet ta' servizzi ta' intermedjazzjoni tad-data u organizzazzjonijiet ta' altruiżmu tad-data skont l-Att dwar il-Governanza tad-Data.

B. It-tisħiħ tal-minimizzazzjoni tad-data u l-limitazzjoni tal-ħażna

Il-prinċipji tal-minimizzazzjoni tad-data u tal-limitazzjoni tal-ħażna fir-Regolament Ġenerali dwar il-Protezzjoni tad-Data jirriżultaw mid-dritt fundamentali għall-protezzjoni tad-data personali. Meta din ma tibqax meħtieġa għall-għan tal-ipproċessar, u kull meta jkun possibbli, id-detenturi tad-data għandhom iħassru jew janonimizzaw id-data. Huwa biss f'dawk il-każijiet li dan ma jkunx possibbli biex jiġi ssodisfat l-għan, li għandu jsir użu mill-aggregazzjoni, il-psewdonimizzazzjoni, jew il-kriptaġġ. Biż-żieda fid-data disponibbli, u t-taħlita ta' settijiet ta' data mhux personali, l-identifikazzjoni mill-ġdid ta' suġġett tad-data anke fuq il-bażi ta' settijiet ta' data anonimizzati ssir iżjed plawżibbli. Din trid tiġi pprevenuta.

C. L-inklużjoni ta' data personali derivata u inferita

Id-data kkonċernata mid-dispożizzjonijiet tal-Att dwar id-Data ma tiġix prodotta minn apparati u kkomunikati lid-detenturi tad-data biss. Xi data, bħall-metadata, teżisti biss fl-infrastruttura tad-detentur tad-data. Għalhekk, tali data personali derivata u inferita għandha tkun fil-kamp ta' applikazzjoni u tiġi pprovduta lis-suġġetti tad-data.

D. Is-separazzjoni tax-xiri ta' prodott mill-forniment ta' servizz ta' data

Ix-xiri ta' prodott spiss jingħaqad mal-forniment ta' servizz relatat. Sabiex tiġi ffaċilitata l-awtonomija kuntrattwali tal-utenti, l-opinjoni tal-LIBE tipproponi s-separazzjoni tal-kuntratt għax-xiri ta' prodott mill-ftehim dwar il-provvista ta' tali servizz relatat.

E. Il-kalibrazzjoni tal-kondiviżjoni tad-data bejn in-Negozji u l-Gvern

Id-dispożizzjonijiet dwar il-kondiviżjoni tad-data bejn in-negozji u l-gvern qajmu tħassib dwar iċ-ċertezza tad-dritt u l-proporzjonalità. Id-definizzjonijiet ta' ħtieġa eċċezzjonali u ta' emerġenza pubblika ġew irriformulati biex isiru aktar preċiżi u tiġi evitata l-inċertezza. L-Artikolu 15 b'mod partikolari issa jevita li jinterferixxi mar-rekwiżit bħala dritt fundamentali tal-prevedibbiltà tal-liġi u l-inċertezza fis-sens li t-tnaqqis tal-piż amministrattiv ma jistax jiġi ponderat faċilment mill-impatti potenzjali fuq id-drittijiet fundamentali tal-provvista.

EMENDI

Il-Kumitat għal-Libertajiet Ċivili, il-Ġustizzja u l-Intern jistieden lill-Kumitat għall-Industrija, ir-Riċerka u l-Enerġija, bħala l-kumitat responsabbli, biex jieħu inkunsiderazzjoni l-emendi li ġejjin:

Emenda 1

Proposta għal regolament
Premessa 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(1) F'dawn l-aħħar snin, it-teknoloġiji xprunati mid-data kellhom effetti trasformattivi fuq is-setturi kollha tal-ekonomija. Il-proliferazzjoni fi prodotti konnessi mal-internet tal-oġġetti b'mod partikolari żiedet il-volum u l-valur potenzjali tad-data għall-konsumaturi, għan-negozji u għas-soċjetà. Data ta' kwalità għolja u interoperabbli minn oqsma differenti żżid il-kompetittività u l-innovazzjoni u tiżgura tkabbir ekonomiku sostenibbli. L-istess sett ta' data jista' potenzjalment jintuża u jintuża mill-ġdid għal varjetà ta' skopijiet u sa grad mhux limitat, mingħajr ebda telf fil-kwalità jew fil-kwantità tiegħu.	(1) F'dawn l-aħħar snin, it-teknoloġiji xprunati mid-data kellhom effetti trasformattivi fuq is-setturi kollha tal-ekonomija. Il-proliferazzjoni fi prodotti konnessi mal-internet tal-oġġetti b'mod partikolari żiedet il-volum u l-valur potenzjali tad-data għall-konsumaturi, għan-negozji u għas-soċjetà. Data ta' kwalità għolja u interoperabbli minn oqsma differenti żżid il-kompetittività u l-innovazzjoni u tiżgura tkabbir ekonomiku sostenibbli. L-istess sett ta' data jista' potenzjalment jintuża u jintuża mill-ġdid għal varjetà ta' skopijiet u sa grad mhux limitat, mingħajr ebda telf fil-kwalità jew fil-kwantità tiegħu***, filwaqt li jiġu rrispettati l-għażliet tal-utenti u l-leġiżlazzjoni applikabbli sabiex***

tipproteġihom.

Emenda 2

Proposta għal regolament
Premessa 4

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(4) Sabiex ***jiġu indirizzati l-ħtiġijiet tal-ekonomija diġitali u biex*** jitneħħew l-ostakli għal suq intern ***tad-data*** li jiffunzjona tajjeb, huwa meħtieġ li jiġi stabbilit qafas armonizzat li jispeċifika min, minbarra l-manifattur jew detentur ieħor tad-data huwa intitolat li jaċċessa d-data ġġenerata minn prodotti jew minn servizzi relatati, taħt liema kundizzjonijiet u fuq liema bażi. Għaldaqstant, jenħtieġ li l-Istati Membri ma jadottawx u lanqas iżommu rekwiżiti nazzjonali addizzjonali dwar dawk il-kwistjonijiet li jaqgħu fl-ambitu ta' dan ir-Regolament, sakemm dan ma jkunx previst espliċitament f'dan ir-Regolament, peress li dan jaffettwa l-applikazzjoni diretta u uniformi ta' dan ir-Regolament.	(4) Sabiex jitneħħew l-ostakli għal suq intern ***għall-prodotti konnessi u s-servizzi relatati*** li jiffunzjona tajjeb, huwa meħtieġ li jiġi stabbilit qafas armonizzat li jispeċifika min, minbarra l-manifattur jew detentur ieħor tad-data huwa intitolat***, fuq talba minn utent,*** li jaċċessa d-data ġġenerata minn prodotti jew minn servizzi relatati, taħt liema kundizzjonijiet u fuq liema bażi. Għaldaqstant, jenħtieġ li l-Istati Membri ma jadottawx u lanqas iżommu rekwiżiti nazzjonali addizzjonali dwar dawk il-kwistjonijiet li jaqgħu fl-ambitu ta' dan ir-Regolament, sakemm dan ma jkunx previst espliċitament f'dan ir-Regolament, peress li dan jaffettwa l-applikazzjoni diretta u uniformi ta' dan ir-Regolament.

Emenda 3

Proposta għal regolament
Premessa 5

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(5) Dan ir-Regolament jiżgura li l-utenti ta' prodott jew ta' servizz relatat fl-Unjoni jkunu jistgħu jaċċessaw, fil-ħin, id-data ġġenerata mill-użu ta' dak il-prodott jew ta' dak is-servizz relatat u li dawk l-utenti jkunu jistgħu jużaw id-data, inkluż billi jikkondividu d-data ma' partijiet terzi tal-għażla tagħhom. Huwa jimponi l-obbligu fuq id-detentur tad-data li jagħmel id-data disponibbli għall-utenti u għal partijiet terzi nnominati mill-utenti f'ċerti	(5) Dan ir-Regolament jiżgura li l-utenti ta' prodott jew ta' servizz relatat fl-Unjoni jkunu jistgħu jaċċessaw, fil-ħin, id-data ġġenerata mill-użu ta' dak il-prodott jew ***data miksuba, miġbura, jew iġġenerata b'mod legali waqt il-provvista*** ta' dak is-servizz relatat u li dawk l-utenti jkunu jistgħu jużaw id-data, inkluż billi jikkondividu d-data ma' partijiet terzi tal-għażla tagħhom. Huwa jimponi l-obbligu fuq id-detentur tad-data li jagħmel id-data

ċirkostanzi. Jiżgura wkoll li d-detenturi tad-data jagħmlu d-data disponibbli għar-riċevituri tad-data fl-Unjoni taħt termini ġusti, raġonevoli u nondiskriminatorji u b'mod trasparenti. Ir-regoli tal-liġi privata huma kruċjali fil-qafas ġenerali tal-kondiviżjoni tad-data. Għalhekk, dan ir-Regolament jadatta r-regoli tal-liġi kuntrattwali u jipprevjeni l-isfruttament ta' żbilanċi kuntrattwali li jxekklu l-aċċess u l-użu ġust tad-data għall-intrapriżi mikro, żgħar jew ta' daqs medju skont it-tifsira tar-Rakkomandazzjoni 2003/361/KE. Dan ir-Regolament jiżgura wkoll li d-detenturi tad-data jagħmlu disponibbli lill-korpi tas-settur pubbliku tal-Istati Membri u lill-istituzzjonijiet, l-aġenziji jew il-korpi tal-Unjoni, fejn ikun hemm ħtieġa eċċezzjonali***, id-data li hija meħtieġa għat-twettiq tal-kompiti mwettqa fl-interess*** pubbliku. Barra minn hekk, dan ir-Regolament ifittex li jiffaċilita l-bidla bejn is-servizzi tal-ipproċessar tad-data u li jsaħħaħ l-interoperabbiltà tal-mekkaniżmi u s-servizzi tal-kondiviżjoni tad-data u tad-data fl-Unjoni. Jenħtieġ li dan ir-Regolament ma jiġix interpretat bħala li jirrikonoxxi jew li joħloq xi bażi ġuridika għad-detentur tad-data biex iżomm, ikollu aċċess għal jew jipproċessa d-data, jew bħala li jagħti kwalunkwe dritt ġdid lid-detentur tad-data biex juża d-data ġġenerata mill-użu ta' prodott jew servizz relatat. Minflok, huwa jieħu bħala l-punt tat-tluq tiegħu l-kontroll li d-detentur tad-data effettivament igawdi, de facto jew de jure, fuq data ġġenerata minn prodotti jew servizzi relatati.

disponibbli għall-utenti u għal partijiet terzi nnominati mill-utenti f'ċerti ċirkostanzi. Jiżgura wkoll li d-detenturi tad-data jagħmlu d-data disponibbli***, fuq talba minn utent,*** għar-riċevituri tad-data fl-Unjoni taħt termini ġusti, raġonevoli u nondiskriminatorji u b'mod trasparenti. Ir-regoli tal-liġi privata huma kruċjali fil-qafas ġenerali tal-kondiviżjoni tad-data. Għalhekk, dan ir-Regolament jadatta r-regoli tal-liġi kuntrattwali u jipprevjeni l-isfruttament ta' żbilanċi kuntrattwali li jxekklu l-aċċess u l-użu ġust tad-data għall-intrapriżi mikro, żgħar jew ta' daqs medju skont it-tifsira tar-Rakkomandazzjoni 2003/361/KE. Dan ir-Regolament jiżgura wkoll li d-detenturi tad-data jagħmlu disponibbli lill-korpi tas-settur pubbliku tal-Istati Membri u lill-istituzzjonijiet, l-aġenziji jew il-korpi tal-Unjoni, fejn ikun hemm ħtieġa eċċezzjonali ***fil-kuntest ta' emerġenza*** pubbliku. Barra minn hekk, dan ir-Regolament ifittex li jiffaċilita l-bidla bejn is-servizzi tal-ipproċessar tad-data u li jsaħħaħ l-interoperabbiltà tal-mekkaniżmi u s-servizzi tal-kondiviżjoni tad-data u tad-data fl-Unjoni. Jenħtieġ li dan ir-Regolament ma jiġix interpretat bħala li jirrikonoxxi jew li joħloq xi bażi ġuridika għad-detentur tad-data biex iżomm, ikollu aċċess għal jew jipproċessa d-data, jew bħala li jagħti kwalunkwe dritt ġdid lid-detentur tad-data biex juża d-data ġġenerata mill-użu ta' prodott jew servizz relatat. Minflok, huwa jieħu bħala l-punt tat-tluq tiegħu l-kontroll li d-detentur tad-data effettivament igawdi, de facto jew de jure, fuq data ġġenerata minn prodotti jew servizzi relatati.

Emenda 4

Proposta għal regolament
Premessa 6

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(6) Il-ġenerazzjoni tad-data hija r-	(6) Il-ġenerazzjoni tad-data hija r-

riżultat tal-azzjonijiet ta' mill-inqas żewġ atturi, id-disinjatur jew il-manifattur ta' prodott u l-utent ta' dak il-prodott. Dan iwassal għal mistoqsijiet ta' ġustizzja fl-ekonomija diġitali, minħabba li d-data rreġistrata minn tali prodotti jew servizzi relatati hija input importanti għas-suq ta' wara l-bejgħ, servizzi anċillari u servizzi oħrajn. Sabiex jiġu realizzati l-benefiċċji ekonomiċi importanti tad-data bħala oġġett mhux rivali għall-ekonomija u għas-soċjetà, approċċ ġenerali għall-assenjazzjoni tad-drittijiet tal-aċċess u tal-użu fuq id-data huwa preferibbli għall-għoti ta' drittijiet esklużivi ta' aċċess u ta' użu.

riżultat tal-azzjonijiet ta' mill-inqas żewġ atturi, id-disinjatur jew il-manifattur ta' prodott u l-utent ta' dak il-prodott. Dan iwassal għal mistoqsijiet ta' ġustizzja fl-ekonomija diġitali, minħabba li d-data rreġistrata minn tali prodotti jew servizzi relatati hija input importanti għas-suq ta' wara l-bejgħ, servizzi anċillari u servizzi oħrajn. Sabiex jiġu realizzati l-benefiċċji ekonomiċi importanti tad-data bħala oġġett mhux rivali għall-ekonomija u għas-soċjetà, approċċ ġenerali għall-assenjazzjoni tad-drittijiet tal-aċċess u tal-użu fuq id-data ***mhux personali*** huwa preferibbli għall-għoti ta' drittijiet esklużivi ta' aċċess u ta' użu.

Emenda 5

Proposta għal regolament
Premessa 7

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(7) Id-dritt fundamentali għall-protezzjoni tad-data personali huwa ssalvagwardjat b'mod partikolari skont ir-Regolament (UE) 2016/679 u r-Regolament (UE) 2018/1725. Barra minn hekk, id-Direttiva 2002/58/KE tipproteġi l-ħajja privata u l-kunfidenzjalità tal-komunikazzjonijiet, inkluż l-għoti ta' kundizzjonijiet għal kwalunkwe ħżin ta' data personali u mhux personali fit-tagħmir terminali u l-aċċess għalih. Dawn l-istrumenti jipprovdu l-bażi għall-ipproċessar tad-data sostenibbli u responsabbli, inkluż fejn is-settijiet ta' data jinkludu taħlita ta' data personali u mhux personali. Dan ir-Regolament jikkomplementa u huwa mingħajr preġudizzju għad-dritt tal-Unjoni dwar il-protezzjoni tad-data u l-privatezza, b'mod partikolari r-Regolament (UE) 2016/679 u d-Direttiva 2002/58/KE. Jenħtieġ li l-ebda dispożizzjoni ta' dan ir-Regolament ma tiġi applikata jew interpretata b'tali mod li jitnaqqas jew jiġi limitat id-dritt għall-	(7) Id-dritt fundamentali għall-protezzjoni tad-data personali huwa ssalvagwardjat b'mod partikolari skont ir-Regolament (UE) 2016/679 u r-Regolament (UE) 2018/1725. Barra minn hekk, id-Direttiva 2002/58/KE tipproteġi l-ħajja privata u l-kunfidenzjalità tal-komunikazzjonijiet, inkluż l-għoti ta' kundizzjonijiet għal kwalunkwe ħżin ta' data personali u mhux personali fit-tagħmir terminali u l-aċċess għalih. Dawn l-istrumenti jipprovdu l-bażi għall-ipproċessar tad-data sostenibbli u responsabbli, inkluż fejn is-settijiet ta' data jinkludu taħlita ta' data personali u mhux personali. Dan ir-Regolament jikkomplementa u huwa mingħajr preġudizzju għad-dritt tal-Unjoni dwar il-protezzjoni tad-data u l-privatezza, b'mod partikolari r-Regolament (UE) 2016/679 u d-Direttiva 2002/58/KE. Jenħtieġ li l-ebda dispożizzjoni ta' dan ir-Regolament ma tiġi applikata jew interpretata b'tali mod li jitnaqqas jew jiġi limitat id-dritt għall-

protezzjoni tad-data personali jew id-dritt għall-privatezza u l-kunfidenzjalità tal-komunikazzjonijiet.	protezzjoni tad-data personali jew id-dritt għall-privatezza u l-kunfidenzjalità tal-komunikazzjonijiet. ***Il-kisba, il-ġbir, jew il-ġenerazzjoni ta' data personali permezz tal-użu ta' prodott jew servizz relatat jenħtieġ li jirrikjedu bażi ġuridika skont il-liġi applikabbli dwar il-protezzjoni tad-data. Jenħtieġ li dan ir-Regolament ma jiġix interpretat bħala li jikkostitwixxi bażi ġuridika għall-ipproċessar tad-data personali. Fil-każ ta' kunflitt bejn dan ir-Regolament u d-dritt tal-Unjoni dwar il-protezzjoni tad-data personali u l-privatezza jew liġi nazzjonali adottata f'konformità ma' tali dritt tal-Unjoni, jenħtieġ li jipprevali d-dritt rilevanti, tal-Unjoni jew dik nazzjonali, dwar il-protezzjoni tad-data u l-privatezza. Meta d-data personali tiġi ġġenerata bl-użu ta' prodott jew servizz relatat, it-terminu "utent" jenħtieġ li jinftiehem bħala "suġġett tad-data" fit-tifsira tal-liġi applikabbli dwar il-protezzjoni tad-data.***

Emenda 6

Proposta għal regolament
Premessa 8

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(8) ***Il-prinċipji*** tal-minimizzazzjoni tad-data u tal-protezzjoni tad-data skont id-disinn u b'mod awtomatiku huma essenzjali meta l-ipproċessar ***jinvolvi*** riskji sinifikanti għad-drittijiet fundamentali tal-individwi. Filwaqt li jitqies l-oġħla livell ta' żvilupp tekniku, il-partijiet kollha għall-kondiviżjoni tad-data, inkluż fejn fl-ambitu ta' dan ir-Regolament, jenħtieġ li jimplimentaw miżuri tekniċi u organizzazzjonali biex jipproteġu dawn id-drittijiet. Dawn il-miżuri jinkludu mhux biss il-psewdonimizzazzjoni u l-kriptaġġ, iżda wkoll l-użu ta' teknoloġija dejjem aktar disponibbli li tippermetti li l-algoritmi jinġiebu fid-data u jippermettu li jinkiseb għarfien siewi mingħajr it-	(8) ***Il-prinċipji kollha tar-Regolament (UE) 2016/679 u b'mod partikolari l-prinċipji*** tal-minimizzazzjoni tad-data u tal-protezzjoni tad-data skont id-disinn u b'mod awtomatiku huma essenzjali meta l-ipproċessar ***jista' jwassal għal*** riskji sinifikanti għad-drittijiet fundamentali tal-individwi. Filwaqt li jitqies l-oġħla livell ta' żvilupp tekniku, il-partijiet kollha għall-kondiviżjoni tad-data, inkluż fejn fl-ambitu ta' dan ir-Regolament, jenħtieġ li jimplimentaw miżuri tekniċi u organizzazzjonali biex jipproteġu dawn id-drittijiet. Dawn il-miżuri jinkludu mhux biss ***l-anonimizzazzjoni,*** il-psewdonimizzazzjoni u l-kriptaġġ, iżda wkoll l-użu ta' teknoloġija dejjem aktar

trażmissjoni bejn il-partijiet jew l-ikkopjar bla bżonn tad-data mhux ipproċessata jew strutturata.	disponibbli li tippermetti li l-algoritmi jinġiebu fid-data u jippermettu li jinkiseb għarfien siewi mingħajr it-trażmissjoni bejn il-partijiet jew l-ikkopjar bla bżonn tad-data mhux ipproċessata jew strutturata.

Emenda 7

Proposta għal regolament
Premessa 8a (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(8a) L-għan tal-anonimizzazzjoni huwa li tiġi evitata l-identifikazzjoni. F'konformità mar-Regolament (UE) 2016/679, id-data anonimizzata hija data preċedentement personali li tkun ġiet ipproċessata b'tali mod li titneħħa l-possibbiltà li tiġi relatata ma' persuna fiżika identifikata jew identifikabbli u ssir anonima b'tali mod li s-suġġett tad-data ma jkunx jew ma jibqax identifikabbli. Għalkemm improbabbli, il-kombinazzjoni ta' settijiet ta' data mhux personali tista' twassal għall-identifikazzjoni jew, fil-każ ta' data anonimizzata preċedentement, l-identifikazzjoni mill-ġdid u għalhekk l-attribuzzjoni mill-ġdid lil persuna fiżika. Il-prinċipju tal-minimizzazzjoni tad-data jirrikjedi li d-data personali trid tiġi anonimizzata meta l-għan jew l-għanijiet li għalihom tiġi pproċessata jkunu jistgħu jiġu ssodisfati mingħajr l-użu ta' data personali.

Emenda 8

Proposta għal regolament
Premessa 10

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(10) Dan ir-Regolament huwa mingħajr preġudizzju għall-atti ġuridiċi tal-Unjoni li jipprevedu l-kondiviżjoni ta', l-aċċess għal	(10) Dan ir-Regolament huwa mingħajr preġudizzju għall-atti ġuridiċi tal-Unjoni li jipprevedu l-kondiviżjoni ta', l-aċċess għal

u l-użu ta' data għall-finijiet ta' prevenzjoni, investigazzjoni, detezzjoni jew prosekuzzjoni ta' reati kriminali jew l-eżekuzzjoni ta' pieni kriminali, jew għal finijiet doganali u ta' tassazzjoni, irrispettivament mill-bażi ġuridika skont it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea li abbażi tagħha ġew adottati. Tali atti jinkludu r-Regolament (UE) 2021/784 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-29 ta' April 2021 dwar l-indirizzar tad-disseminazzjoni ta' kontenut terroristiku online, [proposti dwar evidenza elettronika [COM(2018) 225 u 226] ladarba jiġu adottati], ***[Il-proposta għal] Regolament*** tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar Suq Intern għas-Servizzi Diġitali (l-Att dwar is-Servizzi Diġitali) u li jemenda d-Direttiva 2000/31/KE, kif ukoll il-kooperazzjoni internazzjonali f'dan il-kuntest b'mod partikolari abbażi tal-Konvenzjoni tal-Kunsill tal-Ewropa 2001 dwar iċ-Ċiberkriminalità ("Konvenzjoni ta' Budapest"). ***Dan ir-Regolament huwa mingħajr preġudizzju għall-kompetenzi tal-Istati Membri fir-rigward ta' attivitajiet li jikkonċernaw is-sigurtà pubblika, id-difiża u s-sigurtà nazzjonali f'konformità mad-dritt tal-Unjoni, u attivitajiet mid-dwana dwar il-ġestjoni tar-riskju u b'mod ġenerali, il-verifika tal-konformità mal-Kodiċi Doganali mill-operaturi ekonomiċi.***	u l-użu ta' data għall-finijiet ta' prevenzjoni, investigazzjoni, detezzjoni jew prosekuzzjoni ta' reati kriminali jew l-eżekuzzjoni ta' pieni kriminali, jew għal finijiet doganali u ta' tassazzjoni, irrispettivament mill-bażi ġuridika skont it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea li abbażi tagħha ġew adottati. Tali atti jinkludu r-Regolament (UE) 2021/784 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-29 ta' April 2021 dwar l-indirizzar tad-disseminazzjoni ta' kontenut terroristiku online, [proposti dwar evidenza elettronika [COM(2018) 225 u 226] ladarba jiġu adottati], ***ir-Regolament (UE) 2022/2065***tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ***tad-19 ta' Ottubru 2022*** dwar Suq Intern għas-Servizzi Diġitali (l-Att dwar is-Servizzi Diġitali) u li jemenda d-Direttiva 2000/31/KE, kif ukoll il-kooperazzjoni internazzjonali f'dan il-kuntest b'mod partikolari abbażi tal-Konvenzjoni tal-Kunsill tal-Ewropa 2001 dwar iċ-Ċiberkriminalità ("Konvenzjoni ta' Budapest").

Emenda 9

Proposta għal regolament
Premessa 13

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(13) Dan ir-Regolament huwa mingħajr preġudizzju għall-kompetenzi tal-Istati Membri fir-rigward ta' attivitajiet li jikkonċernaw is-sigurtà pubblika, id-difiża u s-sigurtà nazzjonali f'konformità mad-dritt tal-Unjoni, u attivitajiet mid-dwana dwar il-ġestjoni tar-riskju u b'mod ġenerali,	(13) Dan ir-Regolament huwa mingħajr preġudizzju għall-kompetenzi tal-Istati Membri fir-rigward ta' attivitajiet li jikkonċernaw is-sigurtà pubblika, id-difiża u s-sigurtà nazzjonali f'konformità mad-dritt tal-Unjoni, u attivitajiet mid-dwana dwar il-ġestjoni tar-riskju u b'mod ġenerali,

il-verifika tal-konformità mal-Kodiċi Doganali mill-operaturi ekonomiċi.	il-verifika tal-konformità mal-Kodiċi Doganali mill-operaturi ekonomiċi. ***Id-data miġbura jew iġġenerata minn prodotti jew servizzi tad-difiża jew fil-kuntest ta' attivitajiet relatati mad-difiża jenħtieġ li tiġi eskluża mill-kamp ta' applikazzjoni ta' dan ir-Regolament peress li d-divulgazzjoni ta' tali data toħloq vulnerabbiltajiet strateġiċi għas-sigurtà u għad-difiża tal-Unjoni.***

Emenda 10

Proposta għal regolament
Premessa 14

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(14) Il-prodotti fiżiċi li jiksbu, li jiġġeneraw jew li jiġbru, permezz tal-komponenti tagħhom, id-data dwar il-prestazzjoni, l-użu jew l-ambjent tagħhom u li jistgħu jikkomunikaw dik id-data permezz ta' servizz ta' komunikazzjoni elettronika disponibbli għall-pubbliku (spiss imsejjaħ l-internet tal-oġġetti) jenħtieġ li jkunu koperti minn dan ir-Regolament. Is-servizzi ta' komunikazzjoni elettronika jinkludu networks tat-telefonija bbażati fuq l-art, networks tat-televiżjoni bil-kejbil, networks bis-satellita u networks ta' komunikazzjoni fil-qrib. Tali prodotti jistgħu jinkludu vetturi, tagħmir tad-dar u oġġetti tal-konsumatur, apparat mediku u tas-saħħa jew makkinarju agrikolu u industrijali. Id-data tirrappreżenta d-diġitalizzazzjoni tal-azzjonijiet u l-avvenimenti tal-utenti u jenħtieġ li tkun aċċessibbli kif xieraq għall-utent, filwaqt li l-informazzjoni derivata jew inferita minn din id-data, fejn tinżamm legalment, jenħtieġ li ma titqiesx fl-ambitu ta' dan ir-Regolament. Tali data hija potenzjalment siewja għall-utent u tappoġġa l-innovazzjoni u l-iżvilupp ta' servizzi diġitali u oħrajn li jipproteġu l-ambjent, is-saħħa u l-ekonomija ċirkolari, b'mod partikolari permezz tal-iffaċilitar tal-	(14) Il-prodotti fiżiċi li jiksbu, li jiġġeneraw jew li jiġbru, permezz tal-komponenti ***jew tas-software inkorporat*** tagħhom, id-data dwar il-prestazzjoni, l-użu jew l-ambjent tagħhom u li jistgħu jikkomunikaw dik id-data permezz ta' servizz ta' komunikazzjoni elettronika disponibbli għall-pubbliku (spiss imsejjaħ l-internet tal-oġġetti) jenħtieġ li jkunu koperti minn dan ir-Regolament. Is-servizzi ta' komunikazzjoni elettronika jinkludu networks tat-telefonija bbażati fuq l-art, networks tat-televiżjoni bil-kejbil, networks bis-satellita u networks ta' komunikazzjoni fil-qrib. Tali prodotti jistgħu jinkludu vetturi, tagħmir tad-dar u oġġetti tal-konsumatur, apparat mediku u tas-saħħa jew makkinarju agrikolu u industrijali. Id-data tirrappreżenta d-diġitalizzazzjoni tal-azzjonijiet u l-avvenimenti tal-utenti u jenħtieġ li tkun aċċessibbli kif xieraq għall-utent, filwaqt li l-informazzjoni derivata jew inferita minn din id-data, fejn tinżamm legalment, jenħtieġ li ma titqiesx fl-ambitu ta' dan ir-Regolament ***meta ma tkunx data personali***. Tali data hija potenzjalment siewja għall-utent u tappoġġa l-innovazzjoni u l-iżvilupp ta' servizzi diġitali u oħrajn li jipproteġu l-ambjent, is-

manutenzjoni u t-tiswija tal-prodotti inkwistjoni.

saħħa u l-ekonomija ċirkolari, b'mod partikolari permezz tal-iffaċilitar tal-manutenzjoni u t-tiswija tal-prodotti inkwistjoni.

Emenda 11

Proposta għal regolament
Premessa 17

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(17) Id-data ġġenerata mill-użu ta' prodott jew servizz relatat tinkludi data rreġistrata intenzjonalment mill-utent. Tali data tinkludi wkoll data ġġenerata bħala prodott sekondarju tal-azzjoni tal-utent, bħad-data dijanjostika, ***u*** mingħajr ebda azzjoni mill-utent, bħal meta l-prodott ikun fil-"modalità standby", u data rreġistrata matul il-perjodi meta l-prodott ikun mitfi. Tali data jenħtieġ li tinkludi data fil-forma u fil-format li fihom tiġi ġġenerata mill-prodott, iżda ma tkunx tappartjeni għal data li tirriżulta minn kwalunkwe proċess ta' software li ***jikkalkula*** data ***derivattiva*** minn tali data peress li tali proċess ta' software jista' jkun soġġett għal drittijiet ta' proprjetà intellettwali.	(17) Id-data ġġenerata mill-użu ta' prodott jew servizz relatat tinkludi data rreġistrata intenzjonalment mill-utent. Tali data tinkludi wkoll data ġġenerata bħala prodott sekondarju tal-azzjoni tal-utent, bħad-data dijanjostika, ***data ġġenerata minn sensuri jew data miġbura minn applikazzjonijiet inkorporati, u data rreġistrata minn apparat,*** mingħajr ebda azzjoni mill-utent, bħal meta l-prodott ikun fil-"modalità standby", u data rreġistrata matul il-perjodi meta l-prodott ikun mitfi. Tali data jenħtieġ li tinkludi data fil-forma u fil-format li fihom tiġi ġġenerata mill-prodott, iżda ma tkunx tappartjeni għal data li tirriżulta minn kwalunkwe proċess ta' software li ***jinferixxi jew jidderiva*** data minn tali data***, sakemm din id-data mhijiex data personali,*** peress li tali proċess ta' software jista' jkun soġġett għal drittijiet ta' proprjetà intellettwali.

Emenda 12

Proposta għal regolament
Premessa 18

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(18) L-utent ta' prodott jenħtieġ li jinftiehem bħala l-persuna ġuridika jew fiżika, bħal negozju jew konsumatur, li jkun xtara, kera jew għamel lokazzjoni tal-prodott. Skont it-titolu ġuridiku li jużah	(18) L-utent ta' prodott jenħtieġ li jinftiehem bħala l-persuna ġuridika jew fiżika, bħal negozju jew konsumatur, li jkun xtara, kera jew għamel lokazzjoni tal-prodott. Skont it-titolu ġuridiku li jużah

bih, tali utent iġorr ir-riskji u jgawdi l-benefiċċji tal-użu tal-prodott konness u jenħtieġ li jgawdi wkoll l-aċċess għad-data li jiġġenera. Għalhekk, jenħtieġ li l-utent ikun intitolat li jikseb benefiċċju mid-data ġġenerata minn dak il-prodott u minn kwalunkwe servizz relatat.	jew tużah bih, tali utent iġorr ***jew iġġorr*** ir-riskji u jgawdi l-benefiċċji tal-użu tal-prodott konness u jenħtieġ li jgawdi wkoll l-aċċess għad-data li jiġġenera. Għalhekk, jenħtieġ li l-utent ikun intitolat li jikseb benefiċċju mid-data ġġenerata minn dak il-prodott u minn kwalunkwe servizz relatat. ***Prodott jew servizz jista' jkun inxtara, mikri jew lokat minn negozju, u fornut jew b'xi mod ieħor sar disponibbli għal impjegat wieħed jew aktar. Meta tali forniment ta' prodott jew servizz iwassal biex id-data kkonċernata tkun data personali, tali data hija soġġetta għal-liġi applikabbli tal-Unjoni, b'mod partikolari dwar il-protezzjoni tad-data personali, tal-privatezza, u tal-protezzjoni tal-impjegati.***

Emenda 13

Proposta għal regolament
Premessa 18a (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(18a) Meta d-dritt ta' aċċess għad-data jiġi eżerċitat minn persuna ġuridika, il-kunċett ta' "dritt" jinftiehem li jiddeskrivi t-talba għall-obbligu tad-detentur tad-data li jipprovdi aċċess għad-data lil riċevitur kif stabbilit f'dan ir-Regolament, soġġett għall-kundizzjonijiet u għal-limiti kollha tal-liġi tal-Unjoni dwar il-protezzjoni tad-data personali.

Emenda 14

Proposta għal regolament
Premessa 19

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(19) Fil-prattika, mhux id-data kollha ***ġġenerata*** minn prodotti jew servizzi relatati hija faċilment aċċessibbli għall-utenti tagħhom, u spiss ikun hemm	(19) Fil-prattika, mhux id-data kollha ***miksuba, miġbura, jew iġġenerata*** minn prodotti jew servizzi relatati hija faċilment aċċessibbli għall-utenti tagħhom, u spiss

possibbiltajiet limitati għall-portabbiltà tad-data ġġenerata minn prodotti konnessi mal-internet ***tal-oġġetti***. L-utenti ma jkunux jistgħu jiksbu d-data meħtieġa biex jagħmlu użu mill-fornituri ta' servizzi ta' tiswija u servizzi oħra, u n-negozji ma jkunux jistgħu jniedu servizzi innovattivi, aktar effiċjenti u konvenjenti. F'ħafna setturi, il-manifatturi spiss ikunu jistgħu jiddeterminaw, permezz tal-kontroll tagħhom tad-disinn tekniku tal-prodott jew tas-servizzi relatati, liema data tiġi ġġenerata u kif tista' tiġi aċċessata, ***anki*** jekk ma jkollhom l-ebda dritt ġuridiku għad-data. Għalhekk huwa meħtieġ li jiġi żgurat li l-prodotti jkunu ddisinjati u manifatturati u li s-servizzi relatati jiġu pprovduti b'tali mod li d-data ġġenerata mill-użu tagħhom tkun dejjem faċilment aċċessibbli għall-utent.

ikun hemm possibbiltajiet limitati għall-portabbiltà tad-data ġġenerata minn prodotti konnessi mal-internet. L-utenti ma jkunux jistgħu jiksbu d-data meħtieġa biex jagħmlu użu mill-fornituri ta' servizzi ta' tiswija u servizzi oħra, u n-negozji ma jkunux jistgħu jniedu servizzi innovattivi, aktar effiċjenti u konvenjenti. F'ħafna setturi, il-manifatturi spiss ikunu jistgħu jiddeterminaw, permezz tal-kontroll tagħhom tad-disinn tekniku tal-prodott jew tas-servizzi relatati, liema data tiġi ġġenerata u kif tista' tiġi aċċessata, ***anke*** jekk ma jkollhom l-ebda dritt ġuridiku għad-data. Għalhekk huwa meħtieġ li jiġi żgurat li l-prodotti jkunu ddisinjati u manifatturati u li s-servizzi relatati jiġu pprovduti b'tali mod li d-data ġġenerata mill-użu tagħhom tkun dejjem faċilment aċċessibbli għall-utent.

Emenda 15

Proposta għal regolament
Premessa 21

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(21) Il-prodotti jistgħu jkunu ddisinjati biex jagħmlu ċerta data disponibbli direttament minn ħażna ta' data fuq l-apparat jew minn server remot li lilu tiġi kkomunikata d-data. L-aċċess għall-ħżin tad-data fuq l-apparat jista' jiġi ffaċilitat permezz ta' networks taż-żona lokali bbażati fuq il-kejbil jew bla fili konnessi ma' servizz ta' komunikazzjoni elettronika disponibbli għall-pubbliku jew ma' network mobbli. Is-server jista' jkun il-kapaċità ta' server lokali tal-manifattur stess jew dik ta' parti terza jew ta' fornitur ta' servizzi ta' cloud li jiffunzjona bħala detentur tad-data. Dawn jistgħu jkunu ddisinjati biex jippermettu lill-utent jew lil parti terza jipproċessaw id-data dwar il-prodott jew dwar istanza tal-computing tal-manifattur.	(21) Il-prodotti jistgħu jkunu ddisinjati biex jagħmlu ċerta data disponibbli direttament minn ħażna ta' data fuq l-apparat jew minn server remot li lilu tiġi kkomunikata d-data. L-aċċess għall-ħżin tad-data fuq l-apparat jista' jiġi ffaċilitat permezz ta' networks taż-żona lokali bbażati fuq il-kejbil jew bla fili konnessi ma' servizz ta' komunikazzjoni elettronika disponibbli għall-pubbliku jew ma' network mobbli. Is-server jista' jkun il-kapaċità ta' server lokali tal-manifattur stess jew dik ta' parti terza jew ta' fornitur ta' servizzi ta' cloud li jiffunzjona bħala detentur tad-data. Dawn jistgħu jkunu ddisinjati biex jippermettu lill-utent jew lil parti terza jipproċessaw id-data dwar il-prodott jew dwar istanza tal-computing tal-manifattur. ***META l-aċċess fuq l-apparat għad-data huwa teknikament appoġġat, il-***

	manifattur jenħtieġ li jagħmel dan il-mezz ta' aċċess teknikament disponibbli wkoll għal fornituri ta' servizzi ta' partijiet terzi b'mod mhux diskriminatorju. Il-prodotti jenħtieġ li jkunu ddisinjati, u s-servizzi relatati jenħtieġ li jiġu fornuti b'tali mod li jkun possibbli li l-prodotti u s-servizzi jintużaw bl-inqas mod intruživ għall-privatezza. Meta l-utenti jistgħu jistennewha b'mod raġonevoli minħabba n-natura tal-prodott, il-prodotti jenħtieġ jiġu ddisinjati, u servizzi relatati jenħtieġ li jiġu pprovduti, b'tali mod li jinżamm sett bażiku ta' funzjonalitajiet meta l-prodott jew is-servizz relatat jintuża offline.

Emenda 16

Proposta għal regolament
Premessa 22

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(22) L-assistenti virtwali għandhom rwol dejjem akbar fid-diġitalizzazzjoni tal-ambjenti tal-konsumatur u jservu bħala interfaċċa faċli għall-użu biex jintwera l-kontenut, jiksbu l-informazzjoni, jew jattivaw oġġetti fiżiċi konnessi mal-internet ***tal-oġġetti***. L-assistenti virtwali jistgħu jaġixxu bħala portal uniku, pereżempju, f'ambjent domestiku intelliġenti u jirreġistraw ammonti sinifikanti ta' data rilevanti dwar kif l-utenti jinteraġixxu ma' prodotti konnessi mal-internet ***tal-oġġetti***, inklużi dawk manifatturati minn partijiet oħra u jistgħu jissostitwixxu l-użu ta' interfaċċi pprovduti mill-manifattur bħal skrin tattili jew apps ta' smart phone. L-utent jista' jkun jixtieq jagħmel disponibbli tali data ma' manifatturi ta' partijiet terzi u jippermetti servizzi ġodda ta' dar intelliġenti. Tali assistenti virtwali jenħtieġ li jkunu koperti mid-dritt ta' aċċess għad-data previst f'dan ir-Regolament ***anki*** fir-rigward tad-data rreġistrata qabel l-attivazzjoni tal-assistent virtwali mill-	(22) L-assistenti virtwali għandhom rwol dejjem akbar fid-diġitalizzazzjoni tal-ambjenti tal-konsumatur u jservu bħala interfaċċa faċli għall-użu biex jintwera l-kontenut, jiksbu l-informazzjoni, jew jattivaw oġġetti fiżiċi konnessi mal-internet. L-assistenti virtwali jistgħu jaġixxu bħala portal uniku, pereżempju, f'ambjent domestiku intelliġenti u jirreġistraw ammonti sinifikanti ta' data rilevanti dwar kif l-utenti jinteraġixxu ma' prodotti konnessi mal-internet, inklużi dawk manifatturati minn partijiet oħra u jistgħu jissostitwixxu l-użu ta' interfaċċi pprovduti mill-manifattur bħal skrin tattili jew apps ta' smart phone. L-utent jista' jkun jixtieq jagħmel disponibbli tali data ma' manifatturi ta' partijiet terzi u jippermetti servizzi ġodda ta' dar intelliġenti. Tali assistenti virtwali jenħtieġ li jkunu koperti mid-dritt ta' aċċess għad-data previst f'dan ir-Regolament ***anki*** fir-rigward tad-data rreġistrata qabel l-attivazzjoni tal-assistent virtwali mill-kelma ta' attivazzjoni u d-data

kelma ta' attivazzjoni u d-data ġġenerata meta utent jinteraġixxi ma' prodott permezz ta' assistent virtwali pprovdut minn entità għajr dik tal-manifattur tal-prodott. Madankollu, id-data li tirriżulta mill-interazzjoni bejn l-utent u l-prodott permezz tal-assistent virtwali biss taqa' fl-ambitu ta' dan ir-Regolament. Id-data mhux relatata mal-użu ta' prodott prodotta mill-assistent virtwali ma hijiex l-oġġett ta' dan ir-Regolament.	ġġenerata meta utent jinteraġixxi ma' prodott permezz ta' assistent virtwali pprovdut minn entità għajr dik tal-manifattur tal-prodott. Madankollu, id-data li tirriżulta mill-interazzjoni bejn l-utent u l-prodott permezz tal-assistent virtwali biss taqa' fl-ambitu ta' dan ir-Regolament. Id-data mhux relatata mal-użu ta' prodott prodotta mill-assistent virtwali ma hijiex l-oġġett ta' dan ir-Regolament.

Emenda 17

Proposta għal regolament
Premessa 23

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(23) Qabel ma jiġi konkluż kuntratt għax-xiri, għall-kiri jew għal-lokazzjoni ta' prodott jew għall-forniment ta' servizz relatat, jenħtieġ li tiġi pprovduta informazzjoni ċara u suffiċjenti lill-utent ***dwar*** kif tista' tiġi aċċessata d-data ***ġġenerata***. Dan l-obbligu jipprovdi trasparenza fuq id-data ġġenerata u jsaħħaħ l-aċċess faċli għall-utent. Dan l-obbligu li tiġi pprovduta informazzjoni ma jaffettwax l-obbligu għall-kontrollur li jipprovdi informazzjoni lis-suġġett tad-data skont l-Artikoli 12, 13 u 14 tar-Regolament 2016/679.	(23) Qabel ma jiġi konkluż kuntratt għax-xiri, għall-kiri jew għal-lokazzjoni ta' prodott jew għall-forniment ta' servizz relatat, jenħtieġ li tiġi pprovduta informazzjoni ċara u suffiċjenti lill-utent***, inkluż dwar it-tip, il-format, u l-frekwenza tal-ġbir tad-data, in-natura u l-volum stmat ta' kwalunkwe data miksuba, miġbura, iġġenerata, u data personali derivata jew inferita,*** kif tista' tiġi aċċessata d-data***, jekk id-data hijiex se tiġi kondiviża ma' partijiet terzi jew jekk dan jistax isir, u informazzjoni rilevanti oħra***. Dan l-obbligu jipprovdi trasparenza fuq id-data ġġenerata u jsaħħaħ l-aċċess faċli għall-utent. Dan l-obbligu li tiġi pprovduta informazzjoni ma jaffettwax l-obbligu għall-kontrollur li jipprovdi informazzjoni lis-suġġett tad-data skont l-Artikoli 12, 13 u 14 tar-Regolament 2016/679.

Emenda 18

Proposta għal regolament
Premessa 24

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(24) Dan ir-Regolament jimponi l-obbligu fuq id-detenturi tad-data li jagħmlu d-data disponibbli f'ċerti ċirkostanzi. Sa fejn tiġi pproċessata data personali, id-detentur tad-data ***jenħtieġ li jkun*** kontrollur skont ir-Regolament (UE) 2016/679. Meta l-utenti jkunu suġġetti tad-data, id-detenturi tad-data jenħtieġ li jkunu obbligati jipprovdulhom aċċess għad-data tagħhom u li jagħmlu d-data disponibbli għal partijiet terzi tal-għażla tal-utent f'konformità ma' dan ir-Regolament. Madankollu, dan ir-Regolament ma joħloqx bażi ġuridika skont ir-Regolament (UE) 2016/679 biex id-detentur tad-data jipprovdi aċċess għal data personali jew jagħmilha disponibbli għal parti terza meta mitlub minn utent li ma jkunx suġġett tad-data u jenħtieġ li ma jinftihemx li jikkonferixxi xi dritt ġdid fuq id-detentur tad-data li juża data ġġenerata bl-użu ta' prodott jew servizz relatat. Dan japplika b'mod partikolari meta l-manifattur ikun id-detentur tad-data. ***F'dak il-każ,*** il-bażi għall-manifattur biex juża data mhux personali jenħtieġ li tkun ftehim kuntrattwali bejn il-manifattur u l-utent. Dan il-ftehim jista' jkun parti mill-ftehim ta' bejgħ, kiri jew lokazzjoni relatat mal-prodott. Kwalunkwe terminu kuntrattwali fil-ftehim li jistipula li d-detentur tad-data jista' juża d-data ġġenerata mill-utent ta' prodott jew servizz relatat jenħtieġ li jkun trasparenti għall-utent, inkluż fir-rigward tal-għan li għalih id-detentur tad-data jkun biħsiebu juża d-data. Dan ir-Regolament jenħtieġ li ma jevitax kundizzjonijiet kuntrattwali, li l-effett tagħhom huwa li jeskludu jew li jillimitaw l-użu tad-data, jew ċerti kategoriji tagħha, mid-detentur tad-data. Dan ir-Regolament jenħtieġ li ma jevitax ukoll rekwiżiti regolatorji speċifiċi għas-settur skont id-dritt tal-Unjoni, jew il-liġi nazzjonali kompatibbli mad-dritt tal-Unjoni, li jeskludu jew jillimitaw l-użu ta' ċerta data mid-detentur tad-data għal	(24) Dan ir-Regolament jimponi l-obbligu fuq id-detenturi tad-data li jagħmlu d-data disponibbli f'ċerti ċirkostanzi. Sa fejn tiġi pproċessata data personali, id-detentur tad-data ***huwa*** kontrollur skont ir-Regolament (UE) 2016/679. Meta l-utenti jkunu suġġetti tad-data, id-detenturi tad-data jenħtieġ li jkunu obbligati jipprovdulhom aċċess għad-data tagħhom u li jagħmlu d-data disponibbli għal partijiet terzi tal-għażla tal-utent f'konformità ma' dan ir-Regolament. Madankollu, dan ir-Regolament ma joħloqx bażi ġuridika skont ir-Regolament (UE) 2016/679 biex id-detentur tad-data jipprovdi aċċess għal data personali jew jagħmilha disponibbli għal parti terza meta mitlub minn utent li ma jkunx suġġett tad-data u jenħtieġ li ma jinftihemx li jikkonferixxi xi dritt ġdid fuq id-detentur tad-data li juża data ġġenerata bl-użu ta' prodott jew servizz relatat. Dan japplika b'mod partikolari meta l-manifattur ikun id-detentur tad-data. ***L-eżekuzzjoni ta' kuntratt tista' tkun biss bażi ġuridika għall-ipproċessar ta' data personali jekk is-suġġett tad-data jkun parti jew jekk ikunu qed jittieħdu passi fuq talba tas-suġġett tad-data qabel ma jidħol f'kuntratt. Ir-rekwiżit ta' neċessità għall-ipproċessar ta' data personali għat-twettiq ta' kuntratt skont l-Artikolu 6(1)(b) tar-Regolament (UE) 2016/679 ma jistax jiġi ssodisfat billi sempliċiment jiġi previst l-ipproċessar fi klawżola kuntrattwali. Il-valutazzjoni ta' dak li huwa oġġettivament meħtieġ għas-servizzi individwali mitluba mis-suġġett tad-data għandha tkun ibbażata fuq il-fatti.*** Il-bażi għall-manifattur biex juża data mhux personali jenħtieġ li tkun ftehim kuntrattwali bejn il-manifattur u l-utent. Dan il-ftehim jista' jkun parti mill-ftehim ta' bejgħ, kiri jew lokazzjoni relatat mal-prodott. Kwalunkwe terminu kuntrattwali fil-ftehim li jistipula li d-detentur tad-data jista' juża d-data ġġenerata mill-utent ta' prodott jew servizz

raġunijiet ta' politika pubblika definiti sew.	relatat jenħtieġ li jkun trasparenti għall-utent, inkluż fir-rigward tal-għan li għalih id-detentur tad-data jkun biħsiebu juża d-data. Dan ir-Regolament jenħtieġ li ma jevitax kundizzjonijiet kuntrattwali, li l-effett tagħhom huwa li jeskludu jew li jillimitaw l-użu tad-data, jew ċerti kategoriji tagħha, mid-detentur tad-data. Dan ir-Regolament jenħtieġ li ma jevitax ukoll rekwiżiti regolatorji speċifiċi għas-settur skont id-dritt tal-Unjoni, jew il-liġi nazzjonali kompatibbli mad-dritt tal-Unjoni, li jeskludu jew jillimitaw l-użu ta' ċerta data mid-detentur tad-data għal raġunijiet ta' politika pubblika definiti sew.

Emenda 19

Proposta għal regolament
Premessa 24a (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(24a) Wara li d-data tkun saret disponibbli għal utent jew riċevitur tad-data skont id-dispożizzjonijiet ta' dan ir-Regolament, id-detentur tad-data jenħtieġ li ma jkun responsabbli għall-ebda dannu dirett jew indirett li jirriżulta mill-ipproċessar tad-data, jew relatat jew b'rabta miegħu, mill-utent jew mill-parti terza.

Emenda 20

Proposta għal regolament
Premessa 27

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(27) Id-detentur tad-data jista' jitlob identifikazzjoni xierqa tal-utent biex jivverifika l-intitolament tal-utent li jaċċessa d-data. Fil-każ ta' data personali pproċessata minn proċessur f'isem il-kontrollur, id-detentur tad-data jenħtieġ li	(27) Id-detentur tad-data jista' jitlob identifikazzjoni ***jew awtentikazzjoni*** xierqa tal-utent biex jivverifika l-intitolament tal-utent li jaċċessa d-data. Fil-każ ta' data personali pproċessata minn proċessur f'isem il-kontrollur, id-detentur tad-data

jiżgura li t-talba għal aċċess tiġi riċevuta u ttrattata mill-proċessur.

jenħtieġ li jiżgura li t-talba għal aċċess tiġi riċevuta u ttrattata mill-proċessur.

Emenda 21

Proposta għal regolament
Premessa 28

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(28) L-utent jenħtieġ li jkun liberu li juża d-data għal kwalunkwe skop legali. Dan jinkludi l-forniment tad-data li l-utent ikun irċieva huwa u jeżerċita d-dritt skont dan ir-Regolament lil parti terza li toffri servizz ta' wara l-bejgħ li jista' jkun f'kompetizzjoni ma' servizz ipprovdut mid-detentur tad-data, jew li jagħti struzzjonijiet lid-detentur tad-data biex jagħmel dan. Id-detentur tad-data jenħtieġ li jiżgura li d-data magħmula disponibbli għall-parti terza tkun akkurata, kompluta, affidabbli, rilevanti u aġġornata daqs id-data li d-detentur tad-data nnifsu jista' jkun jew jista' jkun intitolat li jaċċessa mill-użu tal-prodott jew tas-servizz relatat. Kwalunkwe sigriet kummerċjali jew dritt ta' proprjetà intellettwali jenħtieġ li jiġi rrispettat fit-trattament tad-data. Huwa importanti li jiġu ppreservati l-inċentivi għall-investiment fi prodotti b'funzjonalitajiet ibbażati fuq l-użu ta' data minn sensuri mibnija f'dak il-prodott. L-għan ta' dan ir-Regolament jenħtieġ li għalhekk jinftiehem li jrawwem l-iżvilupp ta' prodotti ġodda u innovattivi jew ta' servizzi relatati, jistimula l-innovazzjoni wara l-bejgħ, iżda jistimula wkoll l-iżvilupp ta' servizzi kompletament ġodda li jagħmlu użu mid-data, inkluż abbażi ta' data minn varjetà ta' prodotti jew servizzi relatati. Fl-istess ħin, għandu l-għan li jevita li jdgħajjef l-inċentivi ta' investiment għat-tip ta' prodott li minnu tinkiseb id-data, pereżempju, bl-użu ta' data għall-iżvilupp ta' prodott li jikkompeti miegħu.	(28) L-utent jenħtieġ li jkun liberu li juża d-data għal kwalunkwe skop legali. Dan jinkludi l-forniment tad-data li l-utent ikun irċieva huwa u jeżerċita d-dritt skont dan ir-Regolament lil parti terza li toffri servizz ta' wara l-bejgħ li jista' jkun f'kompetizzjoni ma' servizz ipprovdut mid-detentur tad-data, jew li jagħti struzzjonijiet lid-detentur tad-data biex jagħmel dan***, għall-manutenzjoni u t-tiswija, għall-aġġornamenti tas-software, jew għal servizzi ta' intermedjazzjoni jew organizzazzjonijiet ta' altruwiżmu fir-rigward tad-data fil-qafas tar-Regolament (UE) 2022/868 (l-Att dwar il-Governanza tad-Data)***. Id-detentur tad-data jenħtieġ li jiżgura li d-data magħmula disponibbli għall-parti terza tkun akkurata, kompluta, affidabbli, rilevanti u aġġornata daqs id-data li d-detentur tad-data nnifsu jista' jkun jew jista' jkun intitolat li jaċċessa mill-użu tal-prodott jew tas-servizz relatat. Kwalunkwe sigriet kummerċjali jew dritt ta' proprjetà intellettwali jenħtieġ li jiġi rrispettat fit-trattament tad-data. Huwa importanti li jiġu ppreservati l-inċentivi għall-investiment fi prodotti b'funzjonalitajiet ibbażati fuq l-użu ta' data minn sensuri mibnija f'dak il-prodott. L-għan ta' dan ir-Regolament jenħtieġ li għalhekk jinftiehem li jrawwem l-iżvilupp ta' prodotti ġodda u innovattivi jew ta' servizzi relatati, jistimula l-innovazzjoni wara l-bejgħ, iżda jistimula wkoll l-iżvilupp ta' servizzi kompletament ġodda li jagħmlu użu mid-data, inkluż abbażi ta' data minn varjetà ta' prodotti jew servizzi relatati. Fl-istess ħin, għandu l-għan li

jevita li jdgħajjef l-inċentivi ta' investiment għat-tip ta' prodott li minnu tinkiseb id-data, pereżempju, bl-użu ta' data għall-iżvilupp ta' prodott li jikkompeti miegħu.

Emenda 22

Proposta għal regolament
Premessa 30

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(30) L-użu ta' prodott jew ta' servizz relatat jista', b'mod partikolari meta l-utent ikun persuna fiżika, jiġġenera data relatata ma' persuna fiżika identifikata jew identifikabbli (is-suġġett tad-data). L-ipproċessar ta' tali data huwa suġġett għar-regoli stabbiliti skont ir-Regolament (UE) 2016/679, inkluż fejn data personali u mhux personali f'sett ta' data tkun marbuta b'mod inseparabbli[64]. Is-suġġett tad-data jista' jkun l-utent jew persuna fiżika oħra. Id-data personali tista' tintalab biss minn kontrollur jew minn suġġett tad-data. Utent li huwa s-suġġett tad-data huwa taħt ċerti ċirkostanzi intitolat skont ir-Regolament (UE) 2016/679 li jaċċessa data personali dwarhom, u tali drittijiet ma humiex affettwati minn dan ir-Regolament. Skont dan ir-Regolament, l-utent li jkun persuna fiżika huwa intitolat ukoll li jaċċessa d-data kollha ġġenerata mill-prodott, personali u mhux personali. Meta l-utent ma jkunx is-suġġett tad-data iżda intrapriża, inkluż negozjant uniku, u mhux f'każijiet ta' użu kondiviż tal-unitajiet domestiċi tal-prodott, l-utent ikun kontrollur skont it-tifsira tar-Regolament (UE) 2016/679. Għaldaqstant, tali utent bħala kontrollur li jkollu l-ħsieb li jitlob data personali ġġenerata bl-użu ta' prodott jew servizz relatat, huwa meħtieġ li jkollu bażi ġuridika għall-ipproċessar tad-data skont l-Artikolu ***6(1)*** tar-Regolament (UE) 2016/679, bħall-kunsens tas-suġġett tad-data jew l-interess leġittimu. Jenħtieġ li dan l-utent jiżgura li s-suġġett tad-data jkun infurmat kif xieraq bl-għanijiet	(30) L-użu ta' prodott jew ta' servizz relatat jista', b'mod partikolari meta l-utent ikun persuna fiżika, jiġġenera data relatata ma' persuna fiżika identifikata jew identifikabbli (is-suġġett tad-data). L-ipproċessar ta' tali data huwa suġġett għar-regoli stabbiliti skont ir-Regolament (UE) 2016/679, inkluż fejn data personali u mhux personali f'sett ta' data tkun marbuta b'mod inseparabbli[64]. Is-suġġett tad-data jista' jkun l-utent jew persuna fiżika oħra. Id-data personali tista' tintalab biss minn kontrollur jew minn suġġett tad-data. Utent li huwa s-suġġett tad-data huwa taħt ċerti ċirkostanzi intitolat skont ir-Regolament (UE) 2016/679 li jaċċessa data personali dwarhom***, inkluża data derivata jew inferita***, u tali drittijiet ma humiex affettwati minn dan ir-Regolament. Skont dan ir-Regolament, l-utent li jkun persuna fiżika huwa intitolat ukoll li jaċċessa d-data kollha ġġenerata mill-prodott, personali u mhux personali. Meta l-utent ma jkunx is-suġġett tad-data iżda intrapriża, inkluż negozjant uniku, u mhux f'każijiet ta' użu kondiviż tal-unitajiet domestiċi tal-prodott, l-utent ikun kontrollur skont it-tifsira tar-Regolament (UE) 2016/679. Għaldaqstant, tali utent bħala kontrollur li jkollu l-ħsieb li jitlob data personali ġġenerata bl-użu ta' prodott jew servizz relatat, huwa meħtieġ li jkollu bażi ġuridika għall-ipproċessar tad-data skont l-Artikolu ***6*** tar-Regolament (UE) 2016/679, bħall-kunsens tas-suġġett tad-data jew l-interess leġittimu***. Meta rilevanti, il-kundizzjonijiet stabbiliti fl-***

speċifikati, espliċiti u leġittimi għall-ipproċessar ta' dik id-data, u kif is-suġġett tad-data jista' jeżerċita b'mod effettiv id-drittijiet tiegħu. Meta d-detentur tad-data u l-utent ikunu kontrolluri konġunti skont it-tifsira tal-Artikolu 26 tar-Regolament (UE) 2016/679, dawn ikunu meħtieġa jiddeterminaw, b'mod trasparenti permezz ta' arranġament bejniethom, ir-responsabbiltajiet rispettivi tagħhom għall-konformità ma' dak ir-Regolament. Jenħtieġ li jkun mifhum li tali utent, ladarba d-data tkun saret disponibbli, jista' min-naħa tiegħu jsir detentur tad-data, jekk jissodisfa l-kriterji skont dan ir-Regolament u b'hekk isir soġġett għall-obbligi li d-data ssir disponibbli skont dan ir-Regolament.

[64] ĠU L 303, 28.11.2018, p. 59–68.

Artikolu 9 tar-Regolament (UE) 2016/679 u l-Artikolu 5(3) tad-Direttiva 2002/58/KE jenħtieġ ukoll li jkunu meħtieġa li jiġu ssodisfati. Meta tiġi pproċessata d-data personali u l-utent ikun istituzzjoni, aġenzija jew korp tal-Unjoni, jenħtieġ li japplika dan ir-Regolament mingħajr preġudizzju għar-Regolament (UE) 2018/1725. Jenħtieġ li dan l-utent jiżgura li s-suġġett tad-data jkun infurmat kif xieraq bl-għanijiet speċifikati, espliċiti u leġittimi għall-ipproċessar ta' dik id-data, u kif is-suġġett tad-data jista' jeżerċita b'mod effettiv id-drittijiet tiegħu. Meta d-detentur tad-data u l-utent ikunu kontrolluri konġunti skont it-tifsira tal-Artikolu 26 tar-Regolament (UE) 2016/679, dawn ikunu meħtieġa jiddeterminaw, b'mod trasparenti permezz ta' arranġament bejniethom, ir-responsabbiltajiet rispettivi tagħhom għall-konformità ma' dak ir-Regolament. Jenħtieġ li jkun mifhum li tali utent, ladarba d-data tkun saret disponibbli, jista' min-naħa tiegħu jsir detentur tad-data, jekk jissodisfa l-kriterji skont dan ir-Regolament u b'hekk isir soġġett għall-obbligi li d-data ssir disponibbli skont dan ir-Regolament.

[64] ĠU L 303, 28.11.2018, p. 59–68.

Emenda 23

Proposta għal regolament
Premessa 31

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(31) Id-data ġġenerata mill-użu ta' prodott jew servizz relatat jenħtieġ li ssir disponibbli biss għal parti terza fuq talba tal-utent. Għaldaqstant, dan ir-Regolament jikkomplementa d-dritt previst fl-Artikolu 20 tar-Regolament (UE) 2016/679. Dak l-Artikolu jipprevedi dritt għas-suġġetti tad-data li jirċievu data personali dwarhom f'format strutturat, użat	(31) Id-data ġġenerata mill-użu ta' prodott jew servizz relatat jenħtieġ li ssir disponibbli biss għal parti terza fuq talba tal-utent. Għaldaqstant, dan ir-Regolament jikkomplementa d-dritt previst fl-Artikolu 20 tar-Regolament (UE) 2016/679. Dak l-Artikolu jipprevedi dritt għas-suġġetti tad-data li jirċievu data personali dwarhom f'format strutturat, użat

b'mod komuni u li jinqara permezz ta' magna, u li jittrasferixxu dik id-data lil kontrolluri oħrajn, fejn dik id-data tiġi pproċessata abbażi tal-Artikolu 6(1)(a), jew l-Artikolu 9(2)(a), jew fuq kuntratt skont l-Artikolu 6(1)(b). Is-suġġetti tad-data għandhom ukoll id-dritt li jkollhom id-data personali trażmessa direttament minn kontrollur għal kontrollur ieħor, iżda biss fejn dan ikun teknikament fattibbli. L-Artikolu 20 jispeċifika li tappartjeni għad-data pprovduta mis-suġġett tad-data iżda ma jispeċifikax jekk din teħtieġx imġiba attiva min-naħa tas-suġġett tad-data jew jekk tapplikax ukoll għal sitwazzjonijiet fejn prodott jew servizz relatat mid-disinn tiegħu josserva l-imġiba ta' suġġett tad-data jew informazzjoni oħra fir-rigward ta' suġġett tad-data b'mod passiv. Id-dritt skont dan ir-Regolament jikkomplementa d-dritt li d-data personali tiġi rċevuta u portata skont l-Artikolu 20 tar-Regolament (UE) 2016/679 b'diversi modi. Dan jagħti lill-utenti d-dritt li jaċċessaw u li jagħmlu disponibbli għal parti terza għal kwalunkwe data ġġenerata mill-użu ta' prodott jew servizz relatat, irrispettivament min-natura tagħha bħala data personali, mid-distinzjoni bejn data pprovduta b'mod attiv jew osservata b'mod passiv, u irrispettivament mill-bażi ġuridika tal-ipproċessar. Għall-kuntrarju tal-obbligi tekniċi previsti fl-Artikolu 20 tar-Regolament (UE) 2016/679, dan ir-Regolament jagħti mandat u jiżgura l-fattibbiltà teknika ta' aċċess ta' parti terza għat-tipi kollha ta' data li jaqgħu fl-ambitu tiegħu, kemm jekk personali kif ukoll jekk mhux personali. Dan jippermetti wkoll lid-detentur tad-data jistabbilixxi kumpens raġonevoli li għandu jiġi ssodisfat minn partijiet terzi, iżda mhux mill-utent, ***għal*** kwalunkwe kost imġarrab fl-għoti ta' aċċess dirett għad-data ġġenerata mill-prodott tal-utent. Jekk detentur tad-data u parti terza ma jkunux jistgħu jaqblu dwar termini għal tali aċċess dirett, is-suġġett tad-data jenħtieġ li ma jixxekkel bl-ebda mod milli jeżerċita d-drittijiet inklużi fir-

b'mod komuni u li jinqara permezz ta' magna, u li jittrasferixxu dik id-data lil kontrolluri oħrajn, fejn dik id-data tiġi pproċessata abbażi tal-Artikolu 6(1)(a), jew l-Artikolu 9(2)(a), jew fuq kuntratt skont l-Artikolu 6(1)(b). Is-suġġetti tad-data għandhom ukoll id-dritt li jkollhom id-data personali trażmessa direttament minn kontrollur għal kontrollur ieħor, iżda biss fejn dan ikun teknikament fattibbli. L-Artikolu 20 jispeċifika li tappartjeni għad-data pprovduta mis-suġġett tad-data iżda ma jispeċifikax jekk din teħtieġx imġiba attiva min-naħa tas-suġġett tad-data jew jekk tapplikax ukoll għal sitwazzjonijiet fejn prodott jew servizz relatat mid-disinn tiegħu josserva l-imġiba ta' suġġett tad-data jew informazzjoni oħra fir-rigward ta' suġġett tad-data b'mod passiv. Id-dritt skont dan ir-Regolament jikkomplementa d-dritt li d-data personali tiġi rċevuta u portata skont l-Artikolu 20 tar-Regolament (UE) 2016/679 b'diversi modi. Dan jagħti lill-utenti d-dritt li jaċċessaw u li jagħmlu disponibbli għal parti terza għal kwalunkwe data ġġenerata mill-użu ta' prodott jew servizz relatat, irrispettivament min-natura tagħha bħala data personali, mid-distinzjoni bejn data pprovduta b'mod attiv jew osservata b'mod passiv, u irrispettivament mill-bażi ġuridika tal-ipproċessar. Għall-kuntrarju tal-obbligi tekniċi previsti fl-Artikolu 20 tar-Regolament (UE) 2016/679, dan ir-Regolament jagħti mandat u jiżgura l-fattibbiltà teknika ta' aċċess ta' parti terza għat-tipi kollha ta' data li jaqgħu fl-ambitu tiegħu, kemm jekk personali kif ukoll jekk mhux personali. Dan jippermetti wkoll lid-detentur tad-data jistabbilixxi kumpens raġonevoli li għandu jiġi ssodisfat minn partijiet terzi, iżda mhux mill-utent, ***li jenħtieġ li ma jaqbiżx*** kwalunkwe kost imġarrab fl-għoti ta' aċċess dirett għad-data ġġenerata mill-prodott tal-utent. Jekk detentur tad-data u parti terza ma jkunux jistgħu jaqblu dwar termini għal tali aċċess dirett, is-suġġett tad-data jenħtieġ li ma jixxekkel bl-ebda mod milli jeżerċita d-

Regolament (UE) 2016/679, inkluż id-dritt għall-portabbiltà tad-data, billi jfittex rimedji f'konformità ma' dak ir-Regolament. Għandu jinftiehem f'dan il-kuntest li, f'konformità mar-Regolament (UE) 2016/679, ftehim kuntrattwali ma jippermettix l-ipproċessar ta' kategoriji speċjali ta' data personali mid-detentur tad-data jew mill-parti terza.	drittijiet inklużi fir-Regolament (UE) 2016/679, inkluż id-dritt għall-portabbiltà tad-data, billi jfittex rimedji f'konformità ma' dak ir-Regolament. Għandu jinftiehem f'dan il-kuntest li, f'konformità mar-Regolament (UE) 2016/679, ftehim kuntrattwali ma jippermettix l-ipproċessar ta' kategoriji speċjali ta' data personali mid-detentur tad-data jew mill-parti terza.

Emenda 24

Proposta għal regolament
Premessa 32

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(32) L-aċċess għal kwalunkwe data maħżuna fit-tagħmir terminali u aċċessata minnu huwa soġġett għad-Direttiva 2002/58/KE u jeħtieġ il-kunsens tal-abbonat jew tal-utent skont it-tifsira ta' dik id-Direttiva sakemm ma jkunx strettament meħtieġ għall-forniment ta' servizz tas-soċjetà tal-informazzjoni espliċitament mitlub mill-utent jew abbonat (jew għall-iskop uniku tat-trażmissjoni ta' komunikazzjoni). Id-Direttiva 2002/58/KE ("id-Direttiva dwar il-Privatezza Elettronika") ***(u r-Regolament*** propost dwar il-Privatezza Elettronika***)*** jipproteġu l-integrità tat-tagħmir terminali tal-utent fir-rigward tal-użu tal-kapaċitajiet ta' pproċessar u ħżin u l-ġbir tal-informazzjoni. It-tagħmir tal-internet tal-oġġetti jitqies bħala tagħmir terminali jekk ikun direttament jew indirettament konness ma' network pubbliku ta' komunikazzjonijiet.	(32) L-aċċess għal kwalunkwe data maħżuna fit-tagħmir terminali u aċċessata minnu huwa soġġett għad-Direttiva 2002/58/KE u jeħtieġ il-kunsens tal-abbonat jew tal-utent skont it-tifsira ta' dik id-Direttiva sakemm ma jkunx strettament meħtieġ għall-forniment ta' servizz tas-soċjetà tal-informazzjoni espliċitament mitlub mill-utent jew abbonat (jew għall-iskop uniku tat-trażmissjoni ta' komunikazzjoni). Id-Direttiva 2002/58/KE ("id-Direttiva dwar il-Privatezza Elettronika") ***[jew ir-Regolament*** propost dwar il-Privatezza Elettronika***, f'każ li jkun diġà ġie adottat]*** jipproteġu l-integrità tat-tagħmir terminali tal-utent fir-rigward tal-użu tal-kapaċitajiet ta' pproċessar u ħżin u l-ġbir tal-informazzjoni. It-tagħmir tal-internet tal-oġġetti jitqies bħala tagħmir terminali jekk ikun direttament jew indirettament konness ma' network pubbliku ta' komunikazzjonijiet.

Emenda 25

Proposta għal regolament
Premessa 34

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(34) F'konformità mal-prinċipju tal-minimizzazzjoni tad-data, il-parti terza jenħtieġ li jkollha aċċess biss għal informazzjoni addizzjonali li tkun meħtieġa għall-forniment tas-servizz mitlub mill-utent. Wara li tkun irċeviet aċċess għad-data, il-parti terza jenħtieġ li tipproċessa din id-data esklussivament għall-finijiet miftiehma mal-utent, mingħajr interferenza mid-detentur tad-data. Jenħtieġ li jkun faċli għall-utent li jirrifjuta jew li jwaqqaf l-aċċess mill-parti terza għad-data kif inhu għall-utent li jawtorizza l-aċċess. Il-parti terza jenħtieġ li ma tisforza, tinganna jew timmanipula lill-ebda utent b'xi mod, billi timminimizza jew tfixkel l-awtonomija, it-teħid ta' deċiżjonijiet jew l-għażliet tal-utent, inkluż permezz ta' interfaċċa diġitali mal-utent. F'dan il-kuntest, partijiet terzi jenħtieġ li ma jibbażawx fuq l-hekk imsejħa dark patterns fit-tfassil tal-interfaċċi diġitali tagħhom. Dark patterns huma t-tekniki tad-disinn li jixprunaw jew iqarrqu lill-konsumaturi f'deċiżjonijiet li għandhom konsegwenzi negattivi għalihom. Dawn it-tekniki manipulattivi jistgħu jintużaw biex jipperswadu lill-utenti, b'mod partikolari lill-konsumaturi vulnerabbli, biex jinvolvu ruħhom f'imġiba mhux mixtieqa, u biex l-utenti jiġu mqarrqa billi jiġu mbuttati f'deċiżjonijiet dwar tranżazzjonijiet ta' divulgazzjoni tad-data jew biex it-teħid ta' deċiżjonijiet tal-utenti tas-servizz jiġi preġudikat b'mod li jimminimizza u jfixkel l-awtonomija, it-teħid ta' deċiżjonijiet u l-għażla tagħhom. Prattiki kummerċjali komuni u leġittimi li huma konformi mad-dritt tal-Unjoni jenħtieġ li minnhom infushom ma jitqisux li jikkostitwixxu dark patterns. Partijiet terzi jenħtieġ li jikkonformaw mal-obbligi tagħhom skont id-dritt rilevanti tal-Unjoni, b'mod partikolari r-rekwiżiti stabbiliti fid-Direttiva 2005/29/KE, id-Direttiva 2011/83/UE, id-	(34) F'konformità mal-prinċipju tal-minimizzazzjoni tad-data, il-parti terza jenħtieġ li jkollha aċċess biss għal informazzjoni addizzjonali li tkun meħtieġa għall-forniment tas-servizz mitlub mill-utent. Wara li tkun irċeviet aċċess għad-data, il-parti terza jenħtieġ li tipproċessa din id-data esklussivament għall-finijiet miftiehma mal-utent, mingħajr interferenza mid-detentur tad-data. Jenħtieġ li jkun faċli għall-utent li jirrifjuta jew li jwaqqaf l-aċċess mill-parti terza għad-data kif inhu għall-utent li jawtorizza l-aċċess. Il-parti terza jenħtieġ li ma tisforza, tinganna jew timmanipula lill-ebda utent b'xi mod, billi timminimizza jew tfixkel l-awtonomija, it-teħid ta' deċiżjonijiet jew l-għażliet tal-utent, inkluż permezz ta' interfaċċa diġitali mal-utent***, jew parti minnha, inkluż l-istruttura, id-disinn, il-funzjoni jew il-mod ta' tħaddim tagħha***. F'dan il-kuntest, partijiet terzi jenħtieġ li ma jibbażawx fuq l-hekk imsejħa dark patterns fit-tfassil tal-interfaċċi diġitali tagħhom. Dark patterns huma t-tekniki tad-disinn li jixprunaw jew iqarrqu lill-konsumaturi f'deċiżjonijiet li għandhom konsegwenzi negattivi għalihom. Dawn it-tekniki manipulattivi jistgħu jintużaw biex jipperswadu lill-utenti, b'mod partikolari lill-konsumaturi vulnerabbli, biex jinvolvu ruħhom f'imġiba mhux mixtieqa, u biex l-utenti jiġu mqarrqa billi jiġu mbuttati f'deċiżjonijiet dwar tranżazzjonijiet ta' divulgazzjoni tad-data jew biex it-teħid ta' deċiżjonijiet tal-utenti tas-servizz jiġi preġudikat b'mod li jimminimizza u jfixkel l-awtonomija, it-teħid ta' deċiżjonijiet u l-għażla tagħhom. Prattiki kummerċjali komuni u leġittimi li huma konformi mad-dritt tal-Unjoni jenħtieġ li minnhom infushom ma jitqisux li jikkostitwixxu dark patterns. Partijiet terzi jenħtieġ li jikkonformaw mal-obbligi tagħhom skont id-dritt rilevanti tal-Unjoni, b'mod partikolari r-rekwiżiti stabbiliti fid-

Direttiva 2000/31/KE u d-Direttiva 98/6/KE.

Direttiva 2005/29/KE, id-Direttiva 2011/83/UE, id-Direttiva 2000/31/KE u d-Direttiva 98/6/KE.

Emenda 26

Proposta għal regolament
Premessa 35

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(35) Il-parti terza jenħtieġ ukoll li ***iżżomm*** lura milli tuża d-data għal profil tal-individwi sakemm dawn l-attivitajiet ta' pproċessar ma jkunux ***strettament meħtieġa biex jipprovdu s-servizz mitlub mill-utent***. Ir-rekwiżit li titħassar id-data meta ma tibqax meħtieġa għall-iskop miftiehem mal-utent jikkomplementa d-dritt għal ħassir tas-suġġett tad-data skont l-Artikolu 17 tar-Regolament 2016/679. Meta l-parti terza tkun fornitur ta' servizz tal-intermedjazzjoni tad-data skont it-tifsira ***/***tal-Att dwar il-Governanza tad-Data***/***, japplikaw is-salvagwardji għas-suġġett tad-data previsti minn dak ir-Regolament. Il-parti terza tista' tuża d-data biex tiżviluppa prodott ġdid u innovattiv jew servizz relatat iżda mhux biex tiżviluppa prodott li jikkompeti miegħu.	(35) Il-parti terza jenħtieġ ukoll li ***żżomm*** lura milli tuża d-data għal profil tal-individwi sakemm dawn l-attivitajiet ta' pproċessar ma jkunux ***permessi mir-Regolament (UE) 2016/679***. Ir-rekwiżit li titħassar id-data meta ma tibqax meħtieġa għall-iskop miftiehem mal-utent jikkomplementa d-dritt għal ħassir tas-suġġett tad-data skont l-Artikolu 17 tar-Regolament 2016/679. ***Il-parti terza jenħtieġ ukoll li toqgħod lura milli tuża d-data biex tidentifika mill-ġdid kwalunkwe suġġett tad-data, u jenħtieġ li tieħu miżuri tekniċi u operazzjonali biex tipprevjeni l-identifikazzjoni mill-ġdid.*** Meta l-parti terza tkun fornitur ta' servizz tal-intermedjazzjoni tad-data skont it-tifsira ***tar-Regolament (UE) 2022/868 (***tal-Att dwar il-Governanza tad-Data***)***, japplikaw is-salvagwardji għas-suġġett tad-data previsti minn dak ir-Regolament. Il-parti terza tista' tuża d-data biex tiżviluppa prodott ġdid u innovattiv jew servizz relatat iżda mhux biex tiżviluppa prodott li jikkompeti miegħu.

Emenda 27

Proposta għal regolament
Premessa 36

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(36) Negozji ġodda, intrapriżi żgħar u ta'	(36) Negozji ġodda, intrapriżi***, mikro,***

daqs medju u kumpaniji minn setturi tradizzjonali b'kapaċitajiet diġitali inqas żviluppati jsibu diffikultà biex jiksbu aċċess għad-data rilevanti. Dan ir-Regolament għandu l-għan li jiffaċilita l-aċċess għad-data għal dawn l-entitajiet, filwaqt li jiżgura li l-obbligi korrispondenti jiġu koperti b'mod kemm jista' jkun proporzjonat biex jiġi evitat li jintlaħqu żżejjed. Fl-istess ħin, tfaċċaw għadd żgħir ta' kumpaniji kbar ħafna b'saħħa ekonomika konsiderevoli fl-ekonomija diġitali permezz tal-akkumulazzjoni u l-aggregazzjoni ta' volumi kbar ta' data u l-infrastruttura teknoloġika għall-monetizzazzjoni tagħhom. Dawn il-kumpaniji jinkludu impriżi li jipprovdu servizzi ta' pjattaforma ewlenija li jikkontrollaw ekosistemi ta' pjattaformi sħaħ fl-ekonomija diġitali u li l-operaturi tas-suq eżistenti jew ġodda ma jistgħux jikkontestaw. ***Ir-[Regolament*** dwar swieq kontestabbli u ġusti fis-settur diġitali (l-Att dwar is-Swieq Diġitali)***]*** għandu l-għan li jirrimedja dawn l-ineffiċjenzi u l-iżbilanċi billi jippermetti lill-Kummissjoni taħtar fornitur bħala "gatekeeper", u timponi għadd ta' obbligi fuq gatekeepers maħtura bħal dawn, inkluża projbizzjoni li ċerta data tiġi kkombinata mingħajr kunsens, u obbligu li jiġu żgurati drittijiet effettivi għall-portabbiltà tad-data skont l-Artikolu 20 tar-Regolament (UE) 2016/679. B'mod konsistenti ***mar-[Regolament dwar swieq kontestabbli u ġusti fis-settur diġitali (l-Att*** dwar is-Swieq Diġitali***)]***, u minħabba l-kapaċità li ma hemmx bħalha ta' dawn il-kumpaniji li jiksbu d-data, ma jkunx hemm bżonn li jintlaħaq l-objettiv ta' dan ir-Regolament, u għalhekk ikun sproporzjonat fir-rigward tad-detenturi tad-data li jkunu soġġetti għal tali obbligi, biex jinkludu tali impriżi tal-gatekeeper bħala benefiċjarji tad-dritt għall-aċċess għad-data. Dan ifisser li impriża li tipprovdi servizzi ta' pjattaforma ewlenija li tkun ġiet maħtura bħala gatekeeper ma tistax titlob jew tingħata aċċess għad-data tal-utenti ġġenerata bl-

daqs medju u kumpaniji minn setturi tradizzjonali b'kapaċitajiet diġitali inqas żviluppati jsibu diffikultà biex jiksbu aċċess għad-data rilevanti. Dan ir-Regolament għandu l-għan li jiffaċilita l-aċċess għad-data għal dawn l-entitajiet, filwaqt li jiżgura li l-obbligi korrispondenti jiġu koperti b'mod kemm jista' jkun proporzjonat biex jiġi evitat li jintlaħqu żżejjed. Fl-istess ħin, tfaċċaw għadd żgħir ta' kumpaniji kbar ħafna b'saħħa ekonomika konsiderevoli fl-ekonomija diġitali permezz tal-akkumulazzjoni u l-aggregazzjoni ta' volumi kbar ta' data u l-infrastruttura teknoloġika għall-monetizzazzjoni tagħhom. Dawn il-kumpaniji jinkludu impriżi li jipprovdu servizzi ta' pjattaforma ewlenija li jikkontrollaw ekosistemi ta' pjattaformi sħaħ fl-ekonomija diġitali u li l-operaturi tas-suq eżistenti jew ġodda ma jistgħux jikkontestaw. ***Ir-Regolament (UE) 2022/1925 tal-14 ta' Settembru 2022*** dwar swieq kontestabbli u ġusti fis-settur diġitali (l-Att dwar is-Swieq Diġitali) għandu l-għan li jirrimedja dawn l-ineffiċjenzi u l-iżbilanċi billi jippermetti lill-Kummissjoni taħtar fornitur bħala "gatekeeper", u timponi għadd ta' obbligi fuq gatekeepers maħtura bħal dawn, inkluża projbizzjoni li ċerta data tiġi kkombinata mingħajr kunsens, u obbligu li jiġu żgurati drittijiet effettivi għall-portabbiltà tad-data skont l-Artikolu 20 tar-Regolament (UE) 2016/679. B'mod konsistenti ***mal-Att*** dwar is-Swieq Diġitali, u minħabba l-kapaċità li ma hemmx bħalha ta' dawn il-kumpaniji li jiksbu d-data, ma jkunx hemm bżonn li jintlaħaq l-objettiv ta' dan ir-Regolament, u għalhekk ikun sproporzjonat fir-rigward tad-detenturi tad-data li jkunu soġġetti għal tali obbligi, biex jinkludu tali impriżi tal-gatekeeper bħala benefiċjarji tad-dritt għall-aċċess għad-data. Dan ifisser li impriża li tipprovdi servizzi ta' pjattaforma ewlenija li tkun ġiet maħtura bħala gatekeeper ma tistax titlob jew tingħata aċċess għad-data tal-utenti ġġenerata bl-użu ta' prodott jew servizz

użu ta' prodott jew servizz relatat jew minn assistent virtwali bbażat fuq id-dispożizzjonijiet tal-Kapitolu II ta' dan ir-Regolament. Impriża li tipprovdi servizzi ta' pjattaforma ewlenija maħtura bħala gatekeeper skont l-Att dwar is-Swieq Diġitali jenħtieġ li tinftiehem li tinkludi l-entitajiet ġuridiċi kollha ta' grupp ta' kumpaniji fejn entità ġuridika waħda tipprovdi servizz ta' pjattaforma ewlenija. Barra minn hekk, partijiet terzi li għalihom, id-data tkun disponibbli fuq talba tal-utent ma jistgħux jagħmlu d-data disponibbli għal gatekeeper maħtur. Pereżempju, il-parti terza ma tistax tissottokuntratta l-forniment ta' servizz lil gatekeeper. Madankollu, dan ma jżommx lil partijiet terzi milli jużaw servizzi tal-ipproċessar tad-data offruti minn gatekeeper maħtur. Din l-esklużjoni ta' gatekeepers maħtura mill-ambitu tad-dritt ta' aċċess skont dan ir-Regolament ma timpedixxix lil dawn il-kumpaniji milli jiksbu data permezz ta' mezzi legali oħra.

relatat jew minn assistent virtwali bbażat fuq id-dispożizzjonijiet tal-Kapitolu II ta' dan ir-Regolament. Impriża li tipprovdi servizzi ta' pjattaforma ewlenija maħtura bħala gatekeeper skont l-Att dwar is-Swieq Diġitali jenħtieġ li tinftiehem li tinkludi l-entitajiet ġuridiċi kollha ta' grupp ta' kumpaniji fejn entità ġuridika waħda tipprovdi servizz ta' pjattaforma ewlenija. Barra minn hekk, partijiet terzi li għalihom, id-data tkun disponibbli fuq talba tal-utent ma jistgħux jagħmlu d-data disponibbli għal gatekeeper maħtur. Pereżempju, il-parti terza ma tistax tissottokuntratta l-forniment ta' servizz lil gatekeeper. Madankollu, dan ma jżommx lil partijiet terzi milli jużaw servizzi tal-ipproċessar tad-data offruti minn gatekeeper maħtur. Din l-esklużjoni ta' gatekeepers maħtura mill-ambitu tad-dritt ta' aċċess skont dan ir-Regolament ma timpedixxix lil dawn il-kumpaniji milli jiksbu data permezz ta' mezzi legali oħra.

Emenda 28

Proposta għal regolament
Premessa 42

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(42) Sabiex jinċentiva l-investiment kontinwu fil-ġenerazzjoni ta' data siewja, inklużi investimenti f'għodod tekniċi rilevanti, dan ir-Regolament fih il-prinċipju li d-detentur tad-data jista' jitlob kumpens raġonevoli meta jkun legalment obbligat li jagħmel id-data disponibbli għar-riċevitur tad-data. Dawn id-dispożizzjonijiet ma għandhomx jinftiehmu bħala li qed iħallsu għad-data nnifisha, iżda ***fil-każ ta' intrapriżi mikro, żgħar jew medji,*** għall-kostijiet imġarrba ***u għall-investiment mehtieġ*** biex id-data ssir disponibbli.	(42) Sabiex jinċentiva l-investiment kontinwu fil-ġenerazzjoni ta' data siewja, inklużi investimenti f'għodod tekniċi rilevanti, dan ir-Regolament fih il-prinċipju li d-detentur tad-data jista' jitlob kumpens raġonevoli meta jkun legalment obbligat li jagħmel id-data disponibbli għar-riċevitur tad-data. Dawn id-dispożizzjonijiet ma għandhomx jinftiehmu bħala li qed iħallsu għad-data nnifisha, iżda għall-kostijiet imġarrba ***b'mod dirett*** biex id-data ssir disponibbli.

Emenda 29

Proposta għal regolament
Premessa 44

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(44) Biex jipproteġi lill-intrapriżi mikro, żgħar jew medji kontra pożijiet ekonomiċi eċċessivi li jagħmluha kummerċjalment diffiċli wisq biex jiġu żviluppati u mmexxija mudelli ta' negozju innovattivi, il-kumpens biex id-data tkun disponibbli li jrid jitħallas minnhom jenħtieġ li ma jkunx jaqbeż il-kost dirett biex id-data ssir disponibbli u tkun nondiskriminatorja.	***imħassar***

Emenda 30

Proposta għal regolament
Premessa 45

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(45) Il-kostijiet diretti biex id-data ssir disponibbli huma l-kostijiet meħtieġa għar-riproduzzjoni tad-data***,*** għad-disseminazzjoni permezz ta' mezzi elettroniċi ***u għall-ħżin*** iżda mhux għall-ġbir ***jew għall-produzzjoni*** tad-data. Il-kostijiet diretti biex id-data ssir disponibbli jenħtieġ li jkunu limitati għas-sehem attribwibbli għat-talbiet individwali, filwaqt li jitqies li l-interfaċċi tekniċi meħtieġa jew is-software relatat u l-konnettività se jkollhom jiġu stabbiliti b'mod permanenti mid-detentur tad-data. Arranġamenti fit-tul bejn id-detenturi tad-data u r-riċevituri tad-data, pereżempju permezz ta' mudell ta' abbonament, jistgħu jnaqqsu l-kostijiet marbuta mat-tqegħid tad-data disponibbli fi tranżazzjonijiet regolari jew ripetittivi f'relazzjoni kummerċjali.	(45) Il-kostijiet diretti biex id-data ssir disponibbli huma l-kostijiet meħtieġa għar-riproduzzjoni tad-data ***u*** għad-disseminazzjoni permezz ta' mezzi elettroniċi***,*** iżda mhux għall-ġbir***, għall-ġenerazzjoni, jew għall-ħażna*** tad-data***, sakemm dan ma jkunx meħtieġ minn talba***. Il-kostijiet diretti biex id-data ssir disponibbli jenħtieġ li jkunu limitati għas-sehem attribwibbli għat-talbiet individwali, filwaqt li jitqies li l-interfaċċi tekniċi meħtieġa jew is-software relatat u l-konnettività se jkollhom jiġu stabbiliti b'mod permanenti mid-detentur tad-data. Arranġamenti fit-tul bejn id-detenturi tad-data u r-riċevituri tad-data, pereżempju permezz ta' mudell ta' abbonament, jistgħu jnaqqsu l-kostijiet marbuta mat-tqegħid tad-data disponibbli fi tranżazzjonijiet regolari jew ripetittivi f'relazzjoni kummerċjali.

Emenda 31

Proposta għal regolament
Premessa 47

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(47) It-trasparenza hija prinċipju importanti biex jiġi żgurat li l-kumpens mitlub mid-detentur tad-data jkun raġonevoli, ***jew, f'każ li r-riċevitur tad-data jkun intrapriża mikro, żgħira jew ta' daqs medju, li l-kumpens*** ma jaqbiżx il-kostijiet direttament relatati mat-tqegħid tad-data għad-dispożizzjoni tar-riċevitur tad-data u huwa attribwibbli għat-talba individwali. Sabiex ir-riċevitur tad-data jitqiegħed fil-pożizzjoni li jivvaluta u li jivverifika li l-kumpens jikkonforma mar-rekwiżiti skont dan ir-Regolament, id-detentur tad-data jenħtieġ li jipprovdi lil riċevitur tad-data bl-informazzjoni għall-kalkolu tal-kumpens bi grad suffiċjenti ta' dettall.	(47) It-trasparenza hija prinċipju importanti biex jiġi żgurat li l-kumpens mitlub mid-detentur tad-data jkun raġonevoli, ***u*** ma jaqbiżx il-kostijiet direttament relatati mat-tqegħid tad-data għad-dispożizzjoni tar-riċevitur tad-data u huwa attribwibbli għat-talba individwali. Sabiex ir-riċevitur tad-data jitqiegħed fil-pożizzjoni li jivvaluta u li jivverifika li l-kumpens jikkonforma mar-rekwiżiti skont dan ir-Regolament, id-detentur tad-data jenħtieġ li jipprovdi lil riċevitur tad-data bl-informazzjoni għall-kalkolu tal-kumpens bi grad suffiċjenti ta' dettall.

Emenda 32

Proposta għal regolament
Premessa 51

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(51) Meta parti waħda tkun f'pożizzjoni ta' negozjar aktar b'saħħitha, hemm riskju li dik il-parti tkun tista' tingrana tali pożizzjoni għad-detriment tal-parti kontraenti l-oħra meta tinnegozja l-aċċess għad-data u tagħmel l-aċċess għad-data kummerċjalment inqas vijabbli u xi drabi ekonomikament projbittiv. Tali żbilanċi kuntrattwali jagħmlu ħsara b'mod partikolari lill-intrapriżi mikro, żgħar u ta' daqs medju mingħajr kapaċità sinifikanti li jinnegozjaw il-kundizzjonijiet għall-aċċess għad-data, li jista' ma jkollhom l-ebda għażla oħra għajr li jaċċettaw termini kuntrattwali tat-tip "dawn jew xejn". Għalhekk, jenħtieġ li t-termini kuntrattwali	(51) Meta parti waħda tkun f'pożizzjoni ta' negozjar aktar b'saħħitha, hemm riskju li dik il-parti tkun tista' tingrana tali pożizzjoni għad-detriment tal-parti kontraenti l-oħra meta tinnegozja l-aċċess għad-data u tagħmel l-aċċess għad-data kummerċjalment inqas vijabbli u xi drabi ekonomikament projbittiv. Tali żbilanċi kuntrattwali jagħmlu ħsara b'mod partikolari lill-intrapriżi mikro, żgħar u ta' daqs medju mingħajr kapaċità sinifikanti li jinnegozjaw il-kundizzjonijiet għall-aċċess għad-data, li jista' ma jkollhom l-ebda għażla oħra għajr li jaċċettaw termini kuntrattwali tat-tip "dawn jew xejn". Għalhekk, jenħtieġ li t-termini kuntrattwali

inġusti li jirregolaw l-aċċess għad-data u l-użu tagħha jew ir-responsabbiltà u r-rimedji għall-ksur jew għat-terminazzjoni ta' obbligi relatati mad-data ma jkunux vinkolanti fuq intrapriżi mikro, żgħar jew medji meta jkunu ġew imposti unilateralment fuqhom.	inġusti li jirregolaw l-aċċess għad-data u l-użu tagħha jew ir-responsabbiltà u r-rimedji għall-ksur jew għat-terminazzjoni ta' obbligi relatati mad-data ma jkunux vinkolanti fuq intrapriżi mikro, żgħar jew medji***, jew ir-reċipjent tad-data jew l-utent, rispettivament,*** meta jkunu ġew imposti unilateralment fuqhom.

Emenda 33

Proposta għal regolament
Premessa 54

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(54) Il-kriterji biex jiġu identifikati termini kuntrattwali inġusti jenħtieġ li jiġu applikati biss għal termini kuntrattwali eċċessivi, fejn tiġi abbużata pożizzjoni ta' negozjar aktar b'saħħitha. Il-maġġoranza l-kbira tat-termini kuntrattwali li huma kummerċjalment aktar favorevoli għal parti waħda milli għal oħra, inklużi dawk li huma normali f'kuntratti minn negozju għal negozju, huma espressjoni normali tal-prinċipju tal-libertà kuntrattwali u għandhom jibqgħu japplikaw.	(54) Il-kriterji biex jiġu identifikati termini kuntrattwali inġusti jenħtieġ li jiġu applikati biss għal termini kuntrattwali eċċessivi, fejn tiġi abbużata pożizzjoni ta' negozjar aktar b'saħħitha. Il-maġġoranza l-kbira tat-termini kuntrattwali li huma kummerċjalment aktar favorevoli għal parti waħda milli għal oħra, inklużi dawk li huma normali f'kuntratti minn negozju għal negozju, huma espressjoni normali tal-prinċipju tal-libertà kuntrattwali u għandhom jibqgħu japplikaw. ***Terminu kuntrattwali jenħtieġ li ma jitqiesx inġust meta jirriżulta mil-liġi applikabbli tal-Unjoni.***

Emenda 34

Proposta għal regolament
Premessa 56

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(56) F'sitwazzjonijiet ta' ħtieġa eċċezzjonali, jista' jkun meħtieġ li l-korpi tas-settur pubbliku jew l-istituzzjonijiet, l-aġenziji jew il-korpi tal-Unjoni jużaw id-data miżmuma minn intrapriża biex iwieġbu għal emerġenzi pubbliċi ***jew f'każijiet eċċezzjonali oħra***.	(56) F'sitwazzjonijiet ta' ħtieġa eċċezzjonali, jista' jkun meħtieġ li l-korpi tas-settur pubbliku jew l-istituzzjonijiet, l-aġenziji jew il-korpi tal-Unjoni jużaw id-data miżmuma minn intrapriża biex iwieġbu għal emerġenzi pubbliċi ***jew jgħinu għall-irkupru minnhom***.

Organizzazzjonijiet li jwettqu r-riċerka u organizzazzjonijiet li jiffinanzjaw ir-riċerka jistgħu jkunu organizzati wkoll bħala korpi tas-settur pubbliku jew korpi rregolati bil-liġi pubblika. ***Sabiex jiġi limitat il-piż fuq in-negozji, l-intrapriżi mikro u żgħar jenħtieġ li jiġu eżentati mill-obbligu li jipprovdu data lill-korpi tas-settur pubbliku u lill-istituzzjonijiet, lill-aġenziji jew lill-korpi tal-Unjoni f'sitwazzjonijiet ta' ħtieġa eċċezzjonali.***	Organizzazzjonijiet li jwettqu r-riċerka u organizzazzjonijiet li jiffinanzjaw ir-riċerka jistgħu jkunu organizzati wkoll bħala korpi tas-settur pubbliku jew korpi rregolati bil-liġi pubblika.

Emenda 35

Proposta għal regolament
Premessa 57

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(57) F'każ ta' emerġenzi pubbliċi, bħal emerġenzi tas-saħħa pubblika, emerġenzi li jirriżultaw minn degradazzjoni ambjentali u diżastri naturali kbar inklużi dawk aggravati mit-tibdil fil-klima, kif ukoll diżastri kbar ikkawżati mill-bniedem, bħal inċidenti kbar taċ-ċibersigurtà, l-interess pubbliku li jirriżulta mill-użu tad-data se jisboq l-interessi tad-detenturi tad-data li jeħilsu liberament mid-data li jkollhom. F'każ bħal dan, id-detenturi tad-data jenħtieġ li jiġu obbligati jagħmlu d-data disponibbli għall-korpi tas-settur pubbliku jew għall-istituzzjonijiet, għall-aġenziji jew għall-korpi tal-Unjoni fuq talba tagħhom. L-eżistenza ta' emerġenza pubblika hija determinata ***skont il-proċeduri rispettivi fl-Istati Membri jew ta' organizzazzjonijiet internazzjonali rilevanti***.	(57) F'każ ta' emerġenzi pubbliċi ***li għalihom miżuri mhux ta' emerġenza għaż-żamma tas-sigurtà pubblika, is-saħħa u l-ordni huma b'mod ċar mhux adegwati***, bħal emerġenzi tas-saħħa pubblika, emerġenzi li jirriżultaw minn degradazzjoni ambjentali u diżastri naturali kbar inklużi dawk aggravati mit-tibdil fil-klima, kif ukoll diżastri kbar ikkawżati mill-bniedem, bħal inċidenti kbar taċ-ċibersigurtà, l-interess pubbliku li jirriżulta mill-użu tad-data se jisboq l-interessi tad-detenturi tad-data li jeħilsu liberament mid-data li jkollhom. F'każ bħal dan, id-detenturi tad-data jenħtieġ li jiġu obbligati jagħmlu d-data disponibbli għall-korpi tas-settur pubbliku jew għall-istituzzjonijiet, għall-aġenziji jew għall-korpi tal-Unjoni fuq talba ***debitament ġustifikata*** tagħhom ***li hija limitata fiż-żmien u fl-ambitu***. L-eżistenza ta' emerġenza pubblika hija determinata ***u ddikjarata b'mod uffiċjali f'konformità mal-proċeduri applikabbli skont il-liġi tal-Unjoni jew nazzjonali***.

Emenda 36

Proposta għal regolament
Premessa 58

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(58) Tista' tirriżulta wkoll ħtieġa eċċezzjonali meta korp tas-settur pubbliku jkun jista' juri li d-data hija meħtieġa ***jew biex tiġi evitata emerġenza pubblika, jew*** biex jiġi assistit l-irkupru minn emerġenza pubblika, f'ċirkostanzi li jkunu raġonevolment viċin l-emerġenza pubblika inkwistjoni. ***Meta l-ħtieġa eċċezzjonali ma tkunx ġustifikata mill-ħtieġa li jingħata rispons għal, jiġi impedut jew megħjun irkupru minn emerġenza pubblika, il-korp tas-settur pubbliku jew l-istituzzjoni, l-aġenzija jew il-korp tal-Unjoni jenħtieġ li juri li n-nuqqas ta' aċċess f'waqtu għad-data mitluba u l-użu tad-data mitluba ma jippermettulux iwettaq b'mod effettiv kompitu speċifiku fl-interess pubbliku li kien previst b'mod espliċitu fil-liġi. Tali ħtieġa eċċezzjonali tista' sseħħ ukoll f'sitwazzjonijiet oħrajn, pereżempju fir-rigward tal-kompilazzjoni f'waqtha tal-istatistika uffiċjali meta d-data ma tkunx disponibbli mod ieħor jew meta l-piż fuq ir-rispondenti tal-istatistika jitnaqqas b'mod konsiderevoli. Fl-istess ħin, jenħtieġ li l-korp tas-settur pubbliku jew l-istituzzjoni, l-aġenzija jew il-korp tal-Unjoni, barra mill-każ li jirrispondi għal, jipprevjeni jew jassisti l-irkupru minn emerġenza pubblika, juri li ma jeżisti l-ebda mezz alternattiv għall-kisba tad-data mitluba u li d-data ma tistax tinkiseb fil-ħin permezz tal-istabbiliment tal-obbligi meħtieġa għall-forniment tad-data f'leġiżlazzjoni ġdida.***	(58) Tista' tirriżulta wkoll ħtieġa eċċezzjonali meta korp tas-settur pubbliku jkun jista' juri li d-data hija meħtieġa biex jiġi assistit l-irkupru minn emerġenza pubblika, f'ċirkostanzi li jkunu raġonevolment viċin l-emerġenza pubblika inkwistjoni.

Emenda 37

Proposta għal regolament
Premessa 59a (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(59a) Dan ir-Regolament jikkomplementa u huwa mingħajr preġudizzju għal-liġijiet tal-Unjoni u dawk nazzjonali li jipprevedu l-aċċess għad-data u jippermettu l-użu tagħha għal finijiet statistiċi, b'mod partikolari r-Regolament 223/2009 dwar l-Istatistika Ewropea u l-atti legali relatati miegħu kif ukoll atti legali nazzjonali relatati mal-istatistika uffiċjali.

Emenda 38

Proposta għal regolament
Premessa 61

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(61) Biex id-data mid-detenturi tad-data tkun magħmula disponibbli, f'każijiet ta' ħtiġijiet eċċezzjonali, huwa meħtieġ qafas proporzjonat, limitat u prevedibbli fil-livell tal-Unjoni, għall-korpi tas-settur pubbliku u għall-istituzzjonijiet, għall-aġenziji jew għall-korpi tal-Unjoni kemm biex tiġi żgurata ċ-ċertezza ġuridika kif ukoll biex jiġu mminimizzati l-piżijiet amministrattivi mqiegħda fuq in-negozji. Għal dan il-għan, it-talbiet għad-data minn korpi tas-settur pubbliku u minn istituzzjonijiet, aġenziji u korpi tal-Unjoni lid-detenturi tad-data jenħtieġ li jkunu trasparenti u proporzjonati f'termini tal-ambitu tal-kontenut tagħhom u tal-granularità tagħhom. L-għan tat-talba u l-użu maħsub tad-data mitluba jenħtieġ li jkunu speċifiċi u spjegati b'mod ċar***, filwaqt li jippermettu flessibbiltà xierqa għall-entità rikjedenti biex twettaq il-kompiti tagħha fl-interess pubbliku***. It-talba jenħtieġ li tirrispetta wkoll l-interessi leġittimi tan-negozji li lilhom issir it-talba. Il-piż fuq id-detenturi tad-data jenħtieġ li jiġi minimizzat billi l-entitajiet rikjedenti jiġu obbligati jirrispettaw il-prinċipju ta' darba biss, li jipprevjeni li tintalab aktar	(61) Biex id-data mid-detenturi tad-data tkun magħmula disponibbli, f'każijiet ta' ħtiġijiet eċċezzjonali, huwa meħtieġ qafas proporzjonat, limitat u prevedibbli fil-livell tal-Unjoni, għall-korpi tas-settur pubbliku u għall-istituzzjonijiet, għall-aġenziji jew għall-korpi tal-Unjoni kemm biex tiġi żgurata ċ-ċertezza ġuridika kif ukoll biex jiġu mminimizzati l-piżijiet amministrattivi mqiegħda fuq in-negozji. Għal dan il-għan, it-talbiet għad-data minn korpi tas-settur pubbliku u minn istituzzjonijiet, aġenziji u korpi tal-Unjoni lid-detenturi tad-data jenħtieġ li jkunu trasparenti u proporzjonati f'termini tal-ambitu tal-kontenut***, tan-neċessità li tiġi indirizzata l-ħtieġa eċċezzjonali, tat-tul, tan-natura, tal-volum*** tagħhom u tal-granularità tagħhom. ***Il-korpi tas-settur pubbliku jew l-istituzzjonijiet, l-aġenziji jew il-korpi tal-Unjoni jenħtieġ li jitolbu data personali biss jekk id-data mhux personali tintwera li mhijiex biżżejjed biex twieġeb għall-ħtieġa eċċezzjonali li tintuża d-data, u jitolbu d-data personali f'forma aggregata jew psewdonimizzata. Jenħtieġ li huma juru l-ħtieġa u l-bażi ġuridika f'każ li tiġi**

minn darba l-istess data minn aktar minn korp wieħed tas-settur pubbliku jew istituzzjoni, aġenzija jew korp tal-Unjoni fejn dik id-data tkun meħtieġa bħala tweġiba għal emerġenza pubblika. Sabiex tiġi żgurata t-trasparenza, jenħtieġ li t-talbiet għad-data magħmula minn korpi tas-settur pubbliku u minn istituzzjonijiet, aġenziji jew korpi tal-Unjoni jiġu ppubblikati mingħajr dewmien żejjed mill-entità li titlob id-data u d-disponibbiltà pubblika online tat-talbiet kollha ġġustifikati minn emerġenza pubblika jenħtieġ li tiġi żgurata.	***mitluba data personali***. L-għan tat-talba u l-użu maħsub tad-data mitluba jenħtieġ li jkunu speċifiċi u spjegati b'mod ċar. It-talba jenħtieġ li tirrispetta wkoll l-interessi leġittimi tan-negozji li lilhom issir it-talba. Il-piż fuq id-detenturi tad-data jenħtieġ li jiġi minimizzat billi l-entitajiet rikjedenti jiġu obbligati jirrispettaw il-prinċipju ta' darba biss, li jipprevjeni li tintalab aktar minn darba l-istess data minn aktar minn korp wieħed tas-settur pubbliku jew istituzzjoni, aġenzija jew korp tal-Unjoni fejn dik id-data tkun meħtieġa bħala tweġiba għal emerġenza pubblika. Sabiex tiġi żgurata t-trasparenza, jenħtieġ li t-talbiet għad-data magħmula minn korpi tas-settur pubbliku u minn istituzzjonijiet, aġenziji jew korpi tal-Unjoni jiġu ppubblikati mingħajr dewmien żejjed mill-entità li titlob id-data u d-disponibbiltà pubblika online tat-talbiet kollha ġġustifikati minn emerġenza pubblika jenħtieġ li tiġi żgurata.

Emenda 39

Proposta għal regolament
Premessa 61a (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(61a) Sabiex jiġu evitati talbiet duplikati u talbiet li ma jissodisfawx ir-rekwiżiti u l-kundizzjonijiet tal-Kapitolu V, u għalhekk biex jiġi limitat in-numru ta' talbiet lid-detenturi tad-data, l-Istati Membri jenħtieġ li jiġu mħeġġa jaħtru punt ta' kuntatt wieħed jew aktar biex jikkoordinaw it-talbiet skont dak il-Kapitolu.

Emenda 40

Proposta għal regolament
Premessa 62

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(62) L-objettiv tal-obbligu li tiġi pprovduta d-data huwa li jiġi żgurat li l-korpi tas-settur pubbliku u l-istituzzjonijiet, l-aġenziji jew il-korpi tal-Unjoni jkollhom l-għarfien meħtieġ biex jirrispondu għal, jipprevjenu jew jirkupraw minn emerġenzi pubbliċi ***jew biex iżommu l-kapaċità li jwettqu kompiti speċifiċi pprovduti b'mod espliċitu mil-liġi***. Id-data miksuba minn dawk l-entitajiet tista' tkun kummerċjalment sensittiva. Għalhekk, jenħtieġ li d-Direttiva (UE) 2019/1024 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[65] ma tapplikax għad-data magħmula disponibbli skont dan ir-Regolament u jenħtieġ li ma titqiesx bħala data miftuħa disponibbli għall-użu mill-ġdid minn partijiet terzi. Madankollu, dan ma għandux jaffettwa l-applikabbiltà tad-Direttiva (UE) 2019/1024 għall-użu mill-ġdid ta' statistika uffiċjali, li għall-produzzjoni tagħha, ntużat id-data miksuba skont dan ir-Regolament, dment li l-użu mill-ġdid ma jinkludix id-data sottostanti. Barra minn hekk, jenħtieġ li ma taffettwax il-possibbiltà li d-data tiġi kondiviża għat-twettiq tar-riċerka jew għall-kompilazzjoni tal-istatistika uffiċjali, dment li jiġu ssodisfati l-kundizzjonijiet stabbiliti f'dan ir-Regolament. Jenħtieġ li l-korpi tas-settur pubbliku jitħallew ukoll jiskambjaw data miksuba skont dan ir-Regolament ma' korpi oħra tas-settur pubbliku biex jindirizzaw il-ħtiġijiet eċċezzjonali li għalihom tkun intalbet id-data.	(62) L-objettiv tal-obbligu li tiġi pprovduta d-data huwa li jiġi żgurat li l-korpi tas-settur pubbliku u l-istituzzjonijiet, l-aġenziji jew il-korpi tal-Unjoni jkollhom l-għarfien meħtieġ biex jirrispondu għal, jipprevjenu jew jirkupraw minn emerġenzi pubbliċi. Id-data miksuba minn dawk l-entitajiet tista' tkun kummerċjalment sensittiva. Għalhekk, jenħtieġ li d-Direttiva (UE) 2019/1024 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[65] ma tapplikax għad-data magħmula disponibbli skont dan ir-Regolament u jenħtieġ li ma titqiesx bħala data miftuħa disponibbli għall-użu mill-ġdid minn partijiet terzi. Madankollu, dan ma għandux jaffettwa l-applikabbiltà tad-Direttiva (UE) 2019/1024 għall-użu mill-ġdid ta' statistika uffiċjali, li għall-produzzjoni tagħha, ntużat id-data miksuba skont dan ir-Regolament, dment li l-użu mill-ġdid ma jinkludix id-data sottostanti. Barra minn hekk, jenħtieġ li ma taffettwax il-possibbiltà li d-data tiġi kondiviża għat-twettiq tar-riċerka jew għall-kompilazzjoni tal-istatistika uffiċjali, dment li jiġu ssodisfati l-kundizzjonijiet stabbiliti f'dan ir-Regolament. Jenħtieġ li l-korpi tas-settur pubbliku jitħallew ukoll jiskambjaw data miksuba skont dan ir-Regolament ma' korpi oħra tas-settur pubbliku biex jindirizzaw il-ħtiġijiet eċċezzjonali li għalihom tkun intalbet id-data.
[65] Id-Direttiva (UE) 2019/1024 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-20 ta' Ġunju 2019 dwar id-data miftuħa u l-użu mill-ġdid tal-informazzjoni tas-settur pubbliku (ĠU L 172, 26.6.2019, p. 56).	[65] Id-Direttiva (UE) 2019/1024 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-20 ta' Ġunju 2019 dwar id-data miftuħa u l-użu mill-ġdid tal-informazzjoni tas-settur pubbliku (ĠU L 172, 26.6.2019, p. 56).

Emenda 41

Proposta għal regolament
Premessa 63

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(63) Id-detenturi tad-data jenħtieġ li jkollhom il-possibbiltà li jew jitolbu modifika tat-talba magħmula minn korp tas-settur pubbliku jew magħmula minn istituzzjoni, aġenzija u korp tal-Unjoni jew it-tħassir tagħha f'perjodu ta' 5 ***jew 15-il jum*** tax-xogħol ***skont in-natura tal-ħtieġa eċċezzjonali invokata fit-talba***. ***F'każ ta' talbiet motivati minn emerġenza pubblika,*** jenħtieġ li jkun hemm raġuni ġustifikata biex id-data ma tkunx disponibbli jekk ikun jista' jintwera li t-talba hija simili jew identika għal talba ppreżentata qabel għall-istess għan minn korp ieħor tas-settur pubbliku jew minn istituzzjoni oħra, aġenzija jew korp tal-Unjoni. Detentur ta' data li jirrifjuta t-talba jew li jfittex il-modifika tagħha jenħtieġ li jikkomunika l-ġustifikazzjoni sottostanti għar-rifjut tat-talba lill-korp tas-settur pubbliku jew lill-istituzzjoni, lill-aġenzija jew lill-korp tal-Unjoni li jitlob id-data. F'każ li d-drittijiet tal-bażi tad-data sui generis skont id-Direttiva 96/6/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[66] japplikaw fir-rigward tas-settijiet tad-data mitluba, id-detenturi tad-data jenħtieġ li jeżerċitaw id-drittijiet tagħhom b'mod li ma jipprevjenix lill-korp tas-settur pubbliku u lill-istituzzjonijiet, l-aġenziji jew il-korpi tal-Unjoni, milli jiksbu d-data, jew milli jikkondividuha, f'konformità ma' dan ir-Regolament.	(63) Id-detenturi tad-data jenħtieġ li jkollhom il-possibbiltà li jew jitolbu modifika tat-talba magħmula minn korp tas-settur pubbliku jew magħmula minn istituzzjoni, aġenzija u korp tal-Unjoni jew it-tħassir tagħha f'perjodu ta' 5 ***ijiem*** tax-xogħol. Jenħtieġ li jkun hemm raġuni ġustifikata biex id-data ma tkunx disponibbli jekk ikun jista' jintwera li t-talba hija simili jew identika għal talba ppreżentata qabel għall-istess għan minn korp ieħor tas-settur pubbliku jew minn istituzzjoni oħra, aġenzija jew korp tal-Unjoni. Detentur ta' data li jirrifjuta t-talba jew li jfittex il-modifika tagħha jenħtieġ li jikkomunika l-ġustifikazzjoni sottostanti għar-rifjut tat-talba lill-korp tas-settur pubbliku jew lill-istituzzjoni, lill-aġenzija jew lill-korp tal-Unjoni li jitlob id-data. F'każ li d-drittijiet tal-bażi tad-data sui generis skont id-Direttiva 96/6/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[66] japplikaw fir-rigward tas-settijiet tad-data mitluba, id-detenturi tad-data jenħtieġ li jeżerċitaw id-drittijiet tagħhom b'mod li ma jipprevjenix lill-korp tas-settur pubbliku u lill-istituzzjonijiet, l-aġenziji jew il-korpi tal-Unjoni, milli jiksbu d-data, jew milli jikkondividuha, f'konformità ma' dan ir-Regolament.
[66] Id-Direttiva 96/9/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Marzu 1996 dwar il-protezzjoni legali ta' databases (ĠU L 77, 27.3.1996, p. 20).	[66] Id-Direttiva 96/9/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Marzu 1996 dwar il-protezzjoni legali ta' databases (ĠU L 77, 27.3.1996, p. 20).

Emenda 42

Proposta għal regolament
Premessa 64

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(64) Fejn ikun strettament meħtieġ li tiġi inkluża data personali fid-data magħmula disponibbli għal korp tas-settur pubbliku jew għal istituzzjoni, aġenzija jew korp tal-Unjoni, ir-regoli applikabbli dwar il-protezzjoni tad-data personali jenħtieġ li jiġu rispettati u li l-għemil disponibbli tad-data u l-użu sussegwenti tagħha jenħtieġu li u għandhom ikunu akkumpanjati minn salvagwardji għad-drittijiet u għall-interessi tal-individwi kkonċernati minn dik id-data. Il-korp li jitlob id-data jenħtieġ li juri l-ħtieġa stretta u l-finijiet speċifiċi u limitati għall-ipproċessar. Id-detentur tad-data jenħtieġ li ***jagħmel sforzi raġonevoli biex*** janonimizza d-data jew, fejn tali anonimizzazzjoni tirriżulta impossibbli, id-detentur tad-data jenħtieġ li japplika mezzi teknoloġiċi bħall-psewdonimizzazzjoni u l-aggregazzjoni, qabel ma jagħmel id-data disponibbli.	(64) Fejn ikun strettament meħtieġ li tiġi inkluża data personali fid-data magħmula disponibbli għal korp tas-settur pubbliku jew għal istituzzjoni, aġenzija jew korp tal-Unjoni, ir-regoli applikabbli dwar il-protezzjoni tad-data personali jenħtieġ li jiġu rispettati u li l-għemil disponibbli tad-data u l-użu sussegwenti tagħha jenħtieġu li u għandhom ikunu akkumpanjati minn salvagwardji għad-drittijiet u għall-interessi tal-individwi kkonċernati minn dik id-data. Il-korp li jitlob id-data jenħtieġ li juri l-ħtieġa stretta u l-finijiet speċifiċi u limitati għall-ipproċessar. Id-detentur tad-data jenħtieġ li janonimizza d-data jew, fejn tali anonimizzazzjoni tirriżulta impossibbli, id-detentur tad-data jenħtieġ li japplika mezzi teknoloġiċi bħall-psewdonimizzazzjoni u l-aggregazzjoni, qabel ma jagħmel id-data disponibbli.

Emenda 43

Proposta għal regolament
Premessa 67

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(67) Meta s-salvagwardja ta' oġġett pubbliku sinifikanti tkun f'riskju, bħal fil-każ ta' rispons għal emerġenzi pubbliċi, il-korp tas-settur pubbliku jew l-istituzzjoni, l-aġenzija jew il-korp tal-Unjoni ma għandhomx ikunu mistennija jikkumpensaw lill-intrapriżi għad-data miksuba. L-emerġenzi pubbliċi huma avvenimenti rari u mhux l-emerġenzi kollha bħal dawn jeħtieġu l-użu ta' data miżmuma minn intrapriżi. Għalhekk, l-attivitajiet kummerċjali tad-detenturi tad-data x'aktarx li ma jiġux affettwati b'mod negattiv bħala konsegwenza tal-fatt li l-	(67) Meta s-salvagwardja ta' oġġett pubbliku sinifikanti tkun f'riskju, bħal fil-każ ta' rispons għal emerġenzi pubbliċi, il-korp tas-settur pubbliku jew l-istituzzjoni, l-aġenzija jew il-korp tal-Unjoni ma għandhomx ikunu mistennija jikkumpensaw lill-intrapriżi għad-data miksuba. L-emerġenzi pubbliċi huma avvenimenti rari u mhux l-emerġenzi kollha bħal dawn jeħtieġu l-użu ta' data miżmuma minn intrapriżi. Għalhekk, l-attivitajiet kummerċjali tad-detenturi tad-data x'aktarx li ma jiġux affettwati b'mod negattiv bħala konsegwenza tal-fatt li l-

korpi tas-settur pubbliku jew l-istituzzjonijiet, l-aġenziji jew il-korpi tal-Unjoni jirrikorru għal dan ir-Regolament. ***Madankollu, peress li każijiet ta' ħtieġa eċċezzjonali għajr ir-rispons għal emerġenza pubblika jistgħu jkunu aktar frekwenti, inklużi każijiet ta' prevenzjoni jew ta' rkupru minn emerġenza pubblika,*** id-detenturi tad-data jenħtieġ li ***f'każijiet bħal dawn*** ikunu intitolati għal kumpens raġonevoli li ma għandux jaqbeż il-kostijiet tekniċi u organizzazzjonali mġarrba biex ikun hemm konformità mat-talba ***u l-marġni raġonevoli meħtieġ*** biex id-data tkun magħmula disponibbli għall-korp tas-settur pubbliku jew għall-istituzzjoni, għall-aġenzija jew għall-korp tal-Unjoni. Jenħtieġ li l-kumpens ma jinftehimx bħala li jikkostitwixxi pagament għad-data nnifisha u bħala li huwa obbligatorju.	korpi tas-settur pubbliku jew l-istituzzjonijiet, l-aġenziji jew il-korpi tal-Unjoni jirrikorru għal dan ir-Regolament. Id-detenturi tad-data jenħtieġ li jkunu intitolati għal kumpens raġonevoli li ma għandux jaqbeż il-kostijiet tekniċi u organizzazzjonali mġarrba biex ikun hemm konformità mat-talba biex id-data tkun magħmula disponibbli għall-korp tas-settur pubbliku jew għall-istituzzjoni, għall-aġenzija jew għall-korp tal-Unjoni. Jenħtieġ li l-kumpens ma jinftehimx bħala li jikkostitwixxi pagament għad-data nnifisha u bħala li huwa obbligatorju.

Emenda 44

Proposta għal regolament
Premessa 68

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(68) Il-korp tas-settur pubbliku jew l-istituzzjoni, l-aġenzija jew il-korp tal-Unjoni jista' jikkondividi d-data li jkun kiseb skont it-talba ma' entitajiet jew ma' persuni oħrajn meta dan ikun meħtieġ biex jitwettqu attivitajiet ta' riċerka xjentifika jew attivitajiet analitiċi li ma jkunx jista' jwettaq huwa stess. Tali data tista' wkoll tiġi kondiviża taħt l-istess ċirkostanzi mal-istituti nazzjonali tal-istatistika u mal-Eurostat għall-kompilazzjoni tal-istatistika uffiċjali. Madankollu, tali attivitajiet ta' riċerka jenħtieġ li jkunu kompatibbli mal-għan li għalih tkun intalbet id-data u d-detentur tad-data jenħtieġ li jiġi infurmat bil-kondiviżjoni ulterjuri tad-data li jkun ipprovda. Individwi li jwettqu riċerka jew organizzazzjonijiet ta' riċerka li magħhom tista' tiġi kondiviża din id-data jenħtieġ li jaġixxu ***jew*** fuq bażi mingħajr skop ta'	(68) Il-korp tas-settur pubbliku jew l-istituzzjoni, l-aġenzija jew il-korp tal-Unjoni jista' jikkondividi d-data li jkun kiseb skont it-talba ma' entitajiet jew ma' persuni oħrajn meta dan ikun meħtieġ biex jitwettqu attivitajiet ta' riċerka xjentifika jew attivitajiet analitiċi li ma jkunx jista' jwettaq huwa stess. Tali data tista' wkoll tiġi kondiviża taħt l-istess ċirkostanzi mal-istituti nazzjonali tal-istatistika u mal-Eurostat għall-kompilazzjoni tal-istatistika uffiċjali. Madankollu, tali attivitajiet ta' riċerka jenħtieġ li jkunu kompatibbli mal-għan li għalih tkun intalbet id-data u d-detentur tad-data jenħtieġ li jiġi infurmat bil-kondiviżjoni ulterjuri tad-data li jkun ipprovda. Individwi li jwettqu riċerka jew organizzazzjonijiet ta' riċerka li magħhom tista' tiġi kondiviża din id-data jenħtieġ li ***jkunu riċerkaturi approvati skont ir-***

qligħ jew fil-kuntest ta' missjoni ta' interess pubbliku rikonoxxuta mill-Istat. Organizzazzjonijiet li l-impriżi kummerċjali jkollhom influwenza deċiżiva fuqhom li tippermetti lil dawn l-impriżi jeżerċitaw kontroll minħabba sitwazzjonijiet strutturali, li jistgħu jirriżultaw f'aċċess preferenzjali għar-riżultati tar-riċerka, jenħtieġ li ma jitqisux bħala organizzazzjonijiet ta' riċerka għall-fini ta' din id-Direttiva.	***Regolament 2022/2065 (l-Att dwar is-Servizzi Diġitali), jew juru li*** jaġixxu fuq bażi mingħajr skop ta' qligħ jew fil-kuntest ta' missjoni ta' interess pubbliku rikonoxxuta mill-Istat. Organizzazzjonijiet li l-impriżi kummerċjali jkollhom influwenza deċiżiva fuqhom li tippermetti lil dawn l-impriżi jeżerċitaw kontroll minħabba sitwazzjonijiet strutturali, li jistgħu jirriżultaw f'aċċess preferenzjali għar-riżultati tar-riċerka, jenħtieġ li ma jitqisux bħala organizzazzjonijiet ta' riċerka għall-fini ta' din id-Direttiva. ***Barra minn hekk, l-individwi li jwettqu riċerka jew l-organizzazzjonijiet ta' riċerka li magħhom tista' tiġi kondiviża din id-data jenħtieġ li juru li huma affiljati ma' organizzazzjoni ta' riċerka kif definita fl-Artikolu 2, il-punt (1), tad-Direttiva (UE) 2019/790, li huma indipendenti minn interessi kummerċjali, jiżvelaw il-finanzjament tar-riċerka, li huma f'kapaċità li jippreżervaw ir-rekwiżiti speċifiċi tas-sigurtà u l-kunfidenzjalità tad-data li jikkorrispondu għal kull talba, li jipproteġu d-data personali u juru l-miżuri tekniċi u organizzazzjonali xierqa stabbiliti għal dan il-għan, jiġġustifikaw il-ħtieġa u l-proporzjonalità għall-fini tar-riċerka tagħhom tad-data mitluba u l-iskadenzi li fihom jitolbu aċċess għad-data, u juru l-kontribut għall-progress xjentifiku jew akkademiku, jew il-benefiċċji għall-interess pubbliku, tar-riżultati mistennija tar-riċerka, u jimpenjaw ruħhom li jagħmlu r-riżultati tar-riċerka tagħhom disponibbli pubblikament għal riċerka ulterjuri mingħajr ħlas, fi żmien perjodu raġonevoli wara t-tlestija tar-riċerka u filwaqt li jitqiesu d-drittijiet u l-interessi tal-utenti tal-prodott jew tas-servizz ikkonċernat.***

Emenda 45

Proposta għal regolament
Premessa 71

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(71) Is-servizzi tal-ipproċessar tad-data jenħtieġ li jkopru s-servizzi li jippermettu aċċess on-demand u aċċess remot wiesa' għal grupp skalabbli u elastiku ta' riżorsi informatiċi kondiviżabbli u distribwiti. Dawk ir-riżorsi informatiċi jinkludu riżorsi bħal networks, servers jew infrastruttura virtwali jew fiżika oħra, sistemi operattivi, software, inkluži għodod għall-iżvilupp tas-software, il-ħżin, l-applikazzjonijiet u s-servizzi. Il-kapaċità tal-klijent tas-servizz tal-ipproċessar tad-data biex unilateralment jipprovdi awtoforniment tal-kapaċitajiet tal-computing, bħall-ħin tas-server jew il-ħżin tan-network, mingħajr ebda interazzjoni umana mill-fornitur tas-servizz tista' tiġi deskritta bħala amministrazzjoni on-demand. It-terminu "aċċess remot wiesa'" jintuża biex jiddeskrivi li l-kapaċitajiet informatiċi jkunu pprovduti fuq in-network u jiġu aċċessati permezz ta' mekkaniżmi li jippromwovu l-użu ta' pjattaformi ta' terminals ħfief jew tqal eteroġeni (minn web browsers għal apparat portabbli u stazzjonijiet tax-xogħol). It-terminu "skalabbli" jirreferi għal riżorsi informatiċi li jiġu allokati b'mod flessibbli mill-fornitur tas-servizz tal-ipproċessar tad-data, irrispettivament mil-post ġeografiku fejn ikunu jinsabu r-riżorsi, sabiex jiġu ġestiti l-fluttwazzjonijiet li jkun hemm domanda kbira għalihom. It-terminu "grupp elastiku" jintuża biex jiddeskrivi dawk ir-riżorsi informatiċi li jiġu pprovduti u li jiġu rilaxxati skont id-domanda sabiex iżidu u jnaqqsu malajr ir-riżorsi disponibbli skont l-ammont ta' xogħol. It-terminu "jistgħu jiġu kondiviżi" jintuża biex jiddeskrivi dawk ir-riżorsi informatiċi li jiġu pprovduti lil diversi utenti li jikkondividu aċċess komuni għas-servizz, iżda fejn l-ipproċessar isir b'mod separat għal kull utent, għalkemm is-servizz jiġi pprovdut mill-istess tagħmir elettroniku. It-terminu "distribwit" jintuża biex jiddeskrivi dawk ir-riżorsi informatiċi li jinsabu fuq	(71) Is-servizzi tal-ipproċessar tad-data jenħtieġ li jkopru s-servizzi li jippermettu aċċess on-demand u aċċess remot wiesa' għal grupp skalabbli u elastiku ta' riżorsi ***ta' ħżin u*** informatiċi kondiviżabbli u distribwiti. Dawk ir-riżorsi informatiċi jinkludu riżorsi bħal networks, servers jew infrastruttura virtwali jew fiżika oħra, sistemi operattivi, software, inkluži għodod għall-iżvilupp tas-software, il-ħżin, l-applikazzjonijiet u s-servizzi. Il-kapaċità tal-klijent tas-servizz tal-ipproċessar tad-data biex unilateralment jipprovdi awtoforniment tal-kapaċitajiet tal-computing, bħall-ħin tas-server jew il-ħżin tan-network, mingħajr ebda interazzjoni umana mill-fornitur tas-servizz tista' tiġi deskritta bħala amministrazzjoni on-demand. It-terminu "aċċess remot wiesa'" jintuża biex jiddeskrivi li l-kapaċitajiet informatiċi jkunu pprovduti fuq in-network u jiġu aċċessati permezz ta' mekkaniżmi li jippromwovu l-użu ta' pjattaformi ta' terminals ħfief jew tqal eteroġeni (minn web browsers għal apparat portabbli u stazzjonijiet tax-xogħol). It-terminu "skalabbli" jirreferi għal riżorsi informatiċi li jiġu allokati b'mod flessibbli mill-fornitur tas-servizz tal-ipproċessar tad-data, irrispettivament mil-post ġeografiku fejn ikunu jinsabu r-riżorsi, sabiex jiġu ġestiti l-fluttwazzjonijiet li jkun hemm domanda kbira għalihom. It-terminu "grupp elastiku" jintuża biex jiddeskrivi dawk ir-riżorsi informatiċi li jiġu pprovduti u li jiġu rilaxxati skont id-domanda sabiex iżidu u jnaqqsu malajr ir-riżorsi disponibbli skont l-ammont ta' xogħol. It-terminu "jistgħu jiġu kondiviżi" jintuża biex jiddeskrivi dawk ir-riżorsi informatiċi li jiġu pprovduti lil diversi utenti li jikkondividu aċċess komuni għas-servizz, iżda fejn l-ipproċessar isir b'mod separat għal kull utent, għalkemm is-servizz jiġi pprovdut mill-istess tagħmir elettroniku. It-terminu "distribwit" jintuża biex jiddeskrivi dawk

kompjuters jew apparati differenti mqabbda ma' network u li jikkomunikaw u li jikkoordinaw bejniethom billi jgħaddu l-messaġġi. It-terminu "distribwit ħafna" jintuża biex jiddeskrivi s-servizzi tal-ipproċessar tad-data li jinvolvu l-ipproċessar tad-data eqreb ta' fejn tkun qed tiġi ġġenerata jew miġbura d-data, pereżempju f'apparat tal-ipproċessar tad-data konness. Edge computing, li huwa forma ta' pproċessar ta' data distribwit ħafna, huwa mistenni li jiġġenera mudelli kummerċjali ġodda u mudelli ta' kunsinna ta' servizzi tal-cloud, li jenħtieġ li jkunu miftuħin u interoperabbli sa mill-bidu nett.

ir-riżorsi informatiċi li jinsabu fuq kompjuters jew apparati differenti mqabbda ma' network u li jikkomunikaw u li jikkoordinaw bejniethom billi jgħaddu l-messaġġi. It-terminu "distribwit ħafna" jintuża biex jiddeskrivi s-servizzi tal-ipproċessar tad-data li jinvolvu l-ipproċessar tad-data eqreb ta' fejn tkun qed tiġi ġġenerata jew miġbura d-data, pereżempju f'apparat tal-ipproċessar tad-data konness. Edge computing, li huwa forma ta' pproċessar ta' data distribwit ħafna, huwa mistenni li jiġġenera mudelli kummerċjali ġodda u mudelli ta' kunsinna ta' servizzi tal-cloud, li jenħtieġ li jkunu miftuħin u interoperabbli sa mill-bidu nett.

Emenda 46

Proposta għal regolament
Premessa 77

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(77) Pajjiżi terzi jistgħu jadottaw liġijiet, regolamenti u atti legali oħra li għandhom l-għan li jittrasferixxu jew li jipprovdu aċċess governattiv direttament għal data mhux personali li tkun tinsab barra mill-fruntieri tagħhom, inkluż fl-Unjoni. Sentenzi ta' qrati jew tribunali jew deċiżjonijiet ta' awtoritajiet ġudizzjarji jew amministrattivi, inkluż awtoritajiet tal-infurzar tal-liġi f'pajjiżi terzi li jeħtieġu tali trasferiment jew aċċess għal data mhux personali jenħtieġ li jkunu infurzabbli meta jkunu bbażati fuq ftehim internazzjonali, bħal trattat ta' assistenza legali reċiproka, fis-seħħ bejn il-pajjiż terz rikjedenti u l-Unjoni jew l-Istat Membru. F'każijiet oħra, jistgħu jinqalgħu sitwazzjonijiet fejn talba għat-trasferiment jew għall-għoti ta' aċċess għal data mhux personali li tirriżulta minn liġi ta' pajjiż terz tkun f'kunflitt mal-obbligu li tiġi protetta tali data skont id-dritt tal-Unjoni jew skont il-liġi nazzjonali, b'mod partikolari fir-rigward tal-protezzjoni tad-drittijiet fundamentali tal-	(77) Pajjiżi terzi jistgħu jadottaw liġijiet, regolamenti u atti legali oħra li għandhom l-għan li jittrasferixxu jew li jipprovdu aċċess governattiv direttament għal data mhux personali li tkun tinsab barra mill-fruntieri tagħhom, inkluż fl-Unjoni. Sentenzi ta' qrati jew tribunali jew deċiżjonijiet ta' awtoritajiet ġudizzjarji jew amministrattivi, inkluż awtoritajiet tal-infurzar tal-liġi f'pajjiżi terzi li jeħtieġu tali trasferiment jew aċċess għal data mhux personali jenħtieġ li jkunu infurzabbli meta jkunu bbażati fuq ftehim internazzjonali, bħal trattat ta' assistenza legali reċiproka, fis-seħħ bejn il-pajjiż terz rikjedenti u l-Unjoni jew l-Istat Membru. F'każijiet oħra, jistgħu jinqalgħu sitwazzjonijiet fejn talba għat-trasferiment jew għall-għoti ta' aċċess għal data mhux personali li tirriżulta minn liġi ta' pajjiż terz tkun f'kunflitt mal-obbligu li tiġi protetta tali data skont id-dritt tal-Unjoni jew skont il-liġi nazzjonali, b'mod partikolari fir-rigward tal-protezzjoni tad-drittijiet fundamentali tal-

individwu, bħad-dritt għas-sigurtà u d-dritt għal rimedju effettiv, jew l-interessi fundamentali ta' Stat Membru relatati mas-sigurtà jew mad-difiża nazzjonali, kif ukoll il-protezzjoni ta' data kummerċjalment sensittiva, inkluż il-protezzjoni ta' sigrieti kummerċjali, u l-protezzjoni tad-drittijiet tal-proprjetà intellettwali, u inkluż l-impenji kuntrattwali tagħha rigward il-kunfidenzjalità f'konformità ma' tali liġi. Fin-nuqqas ta' ftehimiet internazzjonali li jirregolaw kwistjonijiet bħal dawn, it-trasferiment jew l-aċċess jenħtieġ li jkun permess biss jekk jiġi verifikat li s-sistema legali tal-pajjiż terz teħtieġ li r-raġunijiet u l-proporzjonalità tad-deċiżjoni jkunu stabbiliti, li l-ordni tal-qorti jew id-deċiżjoni tkun speċifika fin-natura tagħha, u li l-oġġezzjoni motivata tad-destinatarju tkun soġġetta għal rieżami minn qorti kompetenti fil-pajjiż terz, li għandha s-setgħa li tqis debitament l-interessi ġuridiċi rilevanti tal-fornitur ta' tali data. Kull fejn possibbli skont it-termini tat-talba għal aċċess għad-data tal-awtorità tal-pajjiż terz, jenħtieġ li l-fornitur tas-servizzi tal-ipproċessar tad-data jkun jista' jinforma lill-klijent li d-data tiegħu tkun meħtieġa, sabiex jivverifika l-preżenza ta' kunflitt potenzjali ta' tali aċċess mar-regoli tal-Unjoni jew nazzjonali, bħal dawk dwar il-protezzjoni ta' data kummerċjalment sensittiva, inkluż il-protezzjoni tas-sigrieti kummerċjali u tad-drittijiet tal-proprjetà intellettwali u tal-impriżi kuntrattwali fir-rigward tal-kunfidenzjalità.

individwu, bħad-dritt għas-sigurtà u d-dritt għal rimedju effettiv, jew l-interessi fundamentali ta' Stat Membru relatati mas-sigurtà jew mad-difiża nazzjonali, kif ukoll il-protezzjoni ta' data kummerċjalment sensittiva, inkluż il-protezzjoni ta' sigrieti kummerċjali, u l-protezzjoni tad-drittijiet tal-proprjetà intellettwali, u inkluż l-impenji kuntrattwali tagħha rigward il-kunfidenzjalità f'konformità ma' tali liġi. Fin-nuqqas ta' ftehimiet internazzjonali li jirregolaw kwistjonijiet bħal dawn, it-trasferiment jew l-aċċess jenħtieġ li jkun permess biss jekk jiġi verifikat li s-sistema legali tal-pajjiż terz teħtieġ li r-raġunijiet u l-proporzjonalità tad-deċiżjoni jkunu stabbiliti, li l-ordni tal-qorti jew id-deċiżjoni tkun speċifika fin-natura tagħha, u li l-oġġezzjoni motivata tad-destinatarju tkun soġġetta għal rieżami minn qorti kompetenti fil-pajjiż terz, li għandha s-setgħa li tqis debitament l-interessi ġuridiċi rilevanti tal-fornitur ta' tali data. Kull fejn possibbli skont it-termini tat-talba għal aċċess għad-data tal-awtorità tal-pajjiż terz, jenħtieġ li l-fornitur tas-servizzi tal-ipproċessar tad-data jkun jista' jinforma lill-klijent li d-data tiegħu tkun meħtieġa, sabiex jivverifika l-preżenza ta' kunflitt potenzjali ta' tali aċċess mar-regoli tal-Unjoni jew nazzjonali, bħal dawk dwar il-protezzjoni ta' data kummerċjalment sensittiva, inkluż il-protezzjoni tas-sigrieti kummerċjali u tad-drittijiet tal-proprjetà intellettwali u tal-impriżi kuntrattwali fir-rigward tal-kunfidenzjalità. ***Meta l-fornitur tas-servizzi tal-ipproċessar tad-data jkollu raġuni biex jemmen li t-trasferiment ta' data mhux personali jew l-aċċess għaliha jista' jwassal għar-riskju ta' identifikazzjoni mill-ġdid ta' data mhux personali, jew anonimizzata, il-fornitur jenħtieġ li jitlob lill-korpi jew lill-awtoritajiet rilevanti kompetenti skont il-leġiżlazzjoni applikabbli dwar il-protezzjoni tad-data għall-awtorizzazzjoni qabel jittrasferixxi jew jagħti aċċess għad-data.***

Emenda 47

Proposta għal regolament
Premessa 78

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(78) Sabiex titrawwem aktar fiduċja fid-data, huwa importanti li s-salvagwardji fir-rigward taċ-ċittadini tal-Unjoni, is-settur pubbliku u n-negozji jiġu implimentati sa fejn ikun possibbli biex jiġi żgurat il-kontroll fuq id-data tagħhom. Barra minn hekk, id-dritt, il-valuri u l-istandards tal-Unjoni jenħtieġ li jiġu rispettati f'termini ta' (iżda mhux limitati għal) sigurtà, protezzjoni tad-data u privatezza, u protezzjoni tal-konsumatur. Sabiex jiġi evitat l-aċċess illegali għal data mhux personali, jenħtieġ li l-fornituri ta' servizzi tal-ipproċessar tad-data soġġetti għal dan l-istrument, bħal servizzi cloud u tal-edge, jieħdu l-miżuri ***raġonevoli*** kollha biex jipprevjenu l-aċċess għas-sistemi fejn tinħażen data mhux personali, inkluż, fejn rilevanti, permezz tal-kriptaġġ tad-data, is-sottomissjoni frekwenti għall-awditi, l-aderenza vverifikata mal-iskemi ta' ċertifikazzjoni rilevanti ta' riassigurazzjoni tas-sigurtà, u l-modifika tal-politiki korporattivi.	(78) Sabiex titrawwem aktar fiduċja fid-data, huwa importanti li s-salvagwardji fir-rigward taċ-ċittadini tal-Unjoni, is-settur pubbliku u n-negozji jiġu implimentati sa fejn ikun possibbli biex jiġi żgurat il-kontroll fuq id-data tagħhom. Barra minn hekk, id-dritt, il-valuri u l-istandards tal-Unjoni jenħtieġ li jiġu rispettati f'termini ta' (iżda mhux limitati għal) sigurtà, protezzjoni tad-data u privatezza, u protezzjoni tal-konsumatur. Sabiex jiġi evitat l-aċċess illegali għal data mhux personali, jenħtieġ li l-fornituri ta' servizzi tal-ipproċessar tad-data soġġetti għal dan l-istrument, bħal servizzi cloud u tal-edge, jieħdu l-miżuri ***xierqa*** kollha biex jipprevjenu l-aċċess għas-sistemi fejn tinħażen data mhux personali, inkluż, fejn rilevanti, permezz tal-kriptaġġ tad-data, is-sottomissjoni frekwenti għall-awditi, l-aderenza vverifikata mal-iskemi ta' ċertifikazzjoni rilevanti ta' riassigurazzjoni tas-sigurtà, u l-modifika tal-politiki korporattivi.

Emenda 48

Proposta għal regolament
Premessa 79

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(79) L-istandardizzazzjoni u l-interoperabbiltà semantika jenħtieġ li jkollhom rwol ewlieni biex jipprovdu soluzzjonijiet tekniċi biex tiġi żgurata l-interoperabbiltà. Sabiex tiġi ffaċilitata l-konformità mar-rekwiżiti għall-interoperabbiltà, huwa meħtieġ li tiġi	(79) L-istandardizzazzjoni u l-interoperabbiltà semantika jenħtieġ li jkollhom rwol ewlieni biex jipprovdu soluzzjonijiet tekniċi biex tiġi żgurata l-interoperabbiltà. Sabiex tiġi ffaċilitata l-konformità mar-rekwiżiti għall-interoperabbiltà, huwa meħtieġ li tiġi

prevista preżunzjoni ta' konformità għal soluzzjonijiet ta' interoperabbiltà li jissodisfaw standards armonizzati jew partijiet minnhom f'konformità mar-Regolament (UE) Nru 1025/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill. Il-Kummissjoni jenħtieġ li tadotta speċifikazzjonijiet komuni f'oqsma fejn ma jeżisti l-ebda standard armonizzat jew fejn tali standards ma jkunux biżżejjed sabiex ikomplu jtejbu l-interoperabbiltà għall-ispazji komuni Ewropej tad-data, l-interfaċċi tal-ipprogrammar tal-applikazzjonijiet, il-qlib tal-cloud kif ukoll il-kuntratti intelliġenti. Barra minn hekk, jistgħu jibqgħu jiġu adottati speċifikazzjonijiet komuni fis-setturi differenti, f'konformità mad-dritt settorjali tal-Unjoni jew nazzjonali, abbażi tal-ħtiġijiet speċifiċi ta' dawk is-setturi. L-istrutturi u l-mudelli tad-data li jistgħu jerġgħu jintużaw (fil-forma ta' vokabularji ewlenin), ontoloġiji, profil tal-applikazzjoni tal-metadata, data ta' referenza fil-forma ta' vokabularju ewlieni, tassonomiji, listi tal-kodiċijiet, tabelli tal-awtorità, teżawri jenħtieġ li jkunu wkoll parti mill-ispeċifikazzjonijiet tekniċi għall-interoperabbiltà semantika. Barra minn hekk, il-Kummissjoni jenħtieġ li tkun tista' tawtorizza l-iżvilupp ta' standards armonizzati għall-interoperabbiltà tas-servizzi tal-ipproċessar tad-data.	prevista preżunzjoni ta' konformità għal soluzzjonijiet ta' interoperabbiltà li jissodisfaw standards armonizzati jew partijiet minnhom f'konformità mar-Regolament (UE) Nru 1025/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill. Il-Kummissjoni jenħtieġ li tadotta speċifikazzjonijiet komuni f'oqsma fejn ma jeżisti l-ebda standard armonizzat jew fejn tali standards ma jkunux biżżejjed sabiex ikomplu jtejbu l-interoperabbiltà għall-ispazji komuni Ewropej tad-data, l-interfaċċi tal-ipprogrammar tal-applikazzjonijiet, il-qlib tal-cloud kif ukoll il-kuntratti intelliġenti. Barra minn hekk, jistgħu jibqgħu jiġu adottati speċifikazzjonijiet komuni fis-setturi differenti, f'konformità mad-dritt settorjali tal-Unjoni jew nazzjonali, abbażi tal-ħtiġijiet speċifiċi ta' dawk is-setturi. ***L-ispeċifikazzjonijiet komuni jenħtieġ li jiġu żviluppati b'mod miftuħ u trasparenti, f'konsultazzjoni mal-industrija u mal-partijiet ikkonċernati rilevanti.*** L-istrutturi u l-mudelli tad-data li jistgħu jerġgħu jintużaw (fil-forma ta' vokabularji ewlenin), ontoloġiji, profil tal-applikazzjoni tal-metadata, data ta' referenza fil-forma ta' vokabularju ewlieni, tassonomiji, listi tal-kodiċijiet, tabelli tal-awtorità, teżawri jenħtieġ li jkunu wkoll parti mill-ispeċifikazzjonijiet tekniċi għall-interoperabbiltà semantika. Barra minn hekk, il-Kummissjoni jenħtieġ li tkun tista' tawtorizza l-iżvilupp ta' standards armonizzati għall-interoperabbiltà tas-servizzi tal-ipproċessar tad-data.

Emenda 49

Proposta għal regolament
Premessa 82

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(82) Sabiex jinfurzaw id-drittijiet tagħhom skont dan ir-Regolament, il-persuni fiżiċi u ġuridiċi jenħtieġ li jkunu	(82) Sabiex jinfurzaw id-drittijiet tagħhom skont dan ir-Regolament, il-persuni fiżiċi u ġuridiċi jenħtieġ li jkunu

intitolati jfittxu rimedju għall-ksur tad-drittijiet tagħhom skont dan ir-Regolament billi jressqu lmenti lill-awtoritajiet kompetenti. Jenħtieġ li dawk l-awtoritajiet ikunu obbligati jikkooperaw biex jiżguraw li l-ilment jiġi ttrattat u solvut kif xieraq. Sabiex isir użu mill-mekkaniżmu tan-network ta' kooperazzjoni għall-protezzjoni tal-konsumatur u sabiex ikunu jistgħu jsiru azzjonijiet rappreżentattivi, dan ir-Regolament jemenda l-Annessi tar-Regolament (UE) 2017/2394 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[68] u d-Direttiva (UE) 2020/1828 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[69].

intitolati jfittxu rimedju għall-ksur tad-drittijiet tagħhom skont dan ir-Regolament billi jressqu lmenti lill-awtoritajiet ***ta' koordinazzjoni jew lil kwalunkwe awtorità*** kompetenti ***rilevanti oħra***. Jenħtieġ li dawk l-awtoritajiet ikunu obbligati jikkooperaw biex jiżguraw li l-ilment jiġi ttrattat u solvut kif xieraq. Sabiex isir użu mill-mekkaniżmu tan-network ta' kooperazzjoni għall-protezzjoni tal-konsumatur u sabiex ikunu jistgħu jsiru azzjonijiet rappreżentattivi, dan ir-Regolament jemenda l-Annessi tar-Regolament (UE) 2017/2394 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[68] u d-Direttiva (UE) 2020/1828 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[69].

---

[68] Ir-Regolament (UE) 2017/2394 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-12 ta' Diċembru 2017 dwar il-kooperazzjoni bejn l-awtoritajiet nazzjonali responsabbli għall-infurzar tal-liġijiet tal-protezzjoni tal-konsumaturi u li jħassar ir-Regolament (KE) Nru 2006/2004 (ĠU L 345, 27.12.2017, p. 1).

[69] Id-Direttiva (UE) 2020/1828 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-25 ta' Novembru 2020 dwar azzjonijiet rappreżentattivi għall-protezzjoni tal-interessi kollettivi tal-konsumaturi, u li tħassar id-Direttiva 2009/22/KE (ĠU L 409, 4.12.2020, p. 1).

[68] Ir-Regolament (UE) 2017/2394 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-12 ta' Diċembru 2017 dwar il-kooperazzjoni bejn l-awtoritajiet nazzjonali responsabbli għall-infurzar tal-liġijiet tal-protezzjoni tal-konsumaturi u li jħassar ir-Regolament (KE) Nru 2006/2004 (ĠU L 345, 27.12.2017, p. 1).

[69] Id-Direttiva (UE) 2020/1828 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-25 ta' Novembru 2020 dwar azzjonijiet rappreżentattivi għall-protezzjoni tal-interessi kollettivi tal-konsumaturi, u li tħassar id-Direttiva 2009/22/KE (ĠU L 409, 4.12.2020, p. 1).

Emenda 50

Proposta għal regolament
Premessa 83

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(83) L-awtoritajiet kompetenti tal-Istati Membri jenħtieġ li jiżguraw li l-ksur tal-obbligi stabbiliti f'dan ir-Regolament jiġi ssanzjonat b'penali. Meta jagħmlu dan, jenħtieġ li jqisu n-natura, il-gravità, ir-rikorrenza u t-tul ta' żmien tal-ksur fid-	(83) L-awtoritajiet kompetenti tal-Istati Membri jenħtieġ li jiżguraw li l-ksur tal-obbligi stabbiliti f'dan ir-Regolament jiġi ssanzjonat b'penali. Meta jagħmlu dan, jenħtieġ li jqisu n-natura, il-gravità, ir-rikorrenza u t-tul ta' żmien tal-ksur fid-

dawl tal-interess pubbliku inkwistjoni, l-ambitu u t-tip ta' attivitajiet imwettqa, kif ukoll il-kapaċità ekonomika tal-kontraventur. Jenħtieġ li jqisu jekk il-kontraventur jonqos b'mod sistematiku jew rikorrenti milli jikkonforma mal-obbligi tiegħu li jirriżultaw minn dan ir-Regolament. Sabiex tgħin lill-intrapriżi jfasslu u jinnegozjaw kuntratti, il-Kummissjoni jenħtieġ li tiżviluppa u tirrakkomanda termini kuntrattwali mhux obbligatorji għal kuntratti ta' kondiviżjoni tad-data bejn in-negozji, fejn meħtieġ filwaqt li jitqiesu l-kundizzjonijiet f'setturi speċifiċi u l-prattiki eżistenti b'mekkaniżmi volontarji ta' kondiviżjoni tad-data. Dawn il-mudelli ta' termini kuntrattwali jenħtieġ li jkunu primarjament għodda prattika biex jgħinu b'mod partikolari lill-intrapriżi ż-żgħar jikkonkludu kuntratt. Meta jintużaw b'mod wiesa' u b'mod integrali, dawn it-termini kuntrattwali mudell jenħtieġ li jkollhom ukoll l-effett ta' benefiċċju li jinfluwenzaw it-tfassil ta' kuntratti dwar l-aċċess għal u l-użu ta' data u għalhekk iwasslu b'mod usa' lejn relazzjonijiet kuntrattwali aktar ġusti meta jaċċessaw u jikkondividu d-data.	dawl tal-interess pubbliku inkwistjoni, l-ambitu u t-tip ta' attivitajiet imwettqa, kif ukoll il-kapaċità ekonomika tal-kontraventur. Jenħtieġ li jqisu jekk il-kontraventur jonqos b'mod sistematiku jew rikorrenti milli jikkonforma mal-obbligi tiegħu li jirriżultaw minn dan ir-Regolament. Sabiex tgħin lill-intrapriżi jfasslu u jinnegozjaw kuntratti, il-Kummissjoni jenħtieġ li tiżviluppa u tirrakkomanda termini kuntrattwali mhux obbligatorji għal kuntratti ta' kondiviżjoni tad-data bejn in-negozji, fejn meħtieġ filwaqt li jitqiesu l-kundizzjonijiet f'setturi speċifiċi u l-prattiki eżistenti b'mekkaniżmi volontarji ta' kondiviżjoni tad-data. Dawn il-mudelli ta' termini kuntrattwali jenħtieġ li jkunu primarjament għodda prattika biex jgħinu b'mod partikolari lill-intrapriżi ż-żgħar jikkonkludu kuntratt. Meta jintużaw b'mod wiesa' u b'mod integrali, dawn it-termini kuntrattwali mudell jenħtieġ li jkollhom ukoll l-effett ta' benefiċċju li jinfluwenzaw it-tfassil ta' kuntratti dwar l-aċċess għal u l-użu ta' data u għalhekk iwasslu b'mod usa' lejn relazzjonijiet kuntrattwali aktar ġusti meta jaċċessaw u jikkondividu d-data. ***Sa fejn dawn it-termini kuntrattwali li jservu bħala mudell jikkonċernaw l-ipproċessar ta' data personali, il-Kummissjoni jenħtieġ li tadotta dawk it-termini fil-forma ta' att delegat, f'konsultazzjoni mal-EDPB.***

Emenda 51

Proposta għal regolament
Premessa 90

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(90) Il-Kontrollur Ewropew għall-Protezzjoni tad-Data u l-Bord Ewropew għall-Protezzjoni tad-Data ġew ikkonsultati f'konformità mal-Artikolu 42 tar-Regolament (KE) 2018/1725 u taw opinjoni konġunta ***fi [XX XX 2022]***.	(90) Il-Kontrollur Ewropew għall-Protezzjoni tad-Data u l-Bord Ewropew għall-Protezzjoni tad-Data ġew ikkonsultati f'konformità mal-Artikolu 42 tar-Regolament (KE) 2018/1725 u taw opinjoni konġunta ***fl-4 ta' Mejju 2022***.

Emenda 52

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
1. Dan ir-Regolament jistabbilixxi regoli armonizzati dwar l-għemil tad-data ***ġġenerata*** mill-użu ta' prodott jew servizz relatat disponibbli għall-utent ta' dak il-prodott jew ***servizz***, dwar l-għemil disponibbli tad-data mid-detenturi tad-data ***għar-riċevituri*** tad-data, u dwar l-għemil disponibbli tad-data mid-detenturi tad-data għal korpi tas-settur pubbliku jew istituzzjonijiet, aġenziji jew korpi tal-Unjoni, fejn ikun hemm ħtieġa eċċezzjonali***, għat-twettiq ta' kompitu mwettaq fl-interess pubbliku:***	1. Dan ir-Regolament jistabbilixxi regoli armonizzati dwar l-għemil tad-data***, miġbura jew iġġenerata*** mill-użu ta' prodott jew ***data miksuba, miġbura, jew iġġenerata b'mod legali matul il-forniment ta'*** servizz relatat disponibbli għall-utent ta' dak il-prodott jew ***għall-forniturи ta' servizzi***, dwar l-għemil disponibbli tad-data mid-detenturi tad-data ***fuq talba ta' utent lir-riċevituri tad-data, fuq termini kuntrattwali bejn l-utenti u d-detenturi tad-data, u l-utenti u r-riċevituri*** tad-data, u dwar l-għemil disponibbli tad-data mid-detenturi tad-data għal korpi tas-settur pubbliku jew istituzzjonijiet, aġenziji jew korpi tal-Unjoni, fejn ikun hemm ħtieġa eċċezzjonali ***fil-kuntest ta' emerġenza pubblika.***

Emenda 53

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 2 – punt a

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(a) manifatturi ta' prodotti u l-forniturи ta' servizzi relatati mqiegħda fis-suq fl-Unjoni u l-utenti ta' tali prodotti jew servizzi;	(a) manifatturi ta' prodotti u l-forniturи ta' servizzi relatati mqiegħda fis-suq fl-Unjoni u l-utenti ta' tali prodotti jew servizzi ***relatati, jew fil-każ ta' data personali, persuna fiżika identifikata jew identifikabbli li d-data miksuba, miġbura, jew iġġenerata mill-użu hija relatata magħha***;

Emenda 54

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 2 – punt d

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(d) korpi tas-settur pubbliku u istituzzjonijiet, aġenziji jew korpi tal-Unjoni li jitolbu lid-detenturi tad-data jagħmlu d-data disponibbli meta jkun hemm ħtieġa eċċezzjonali ***għal dik id-data għat-twettiq ta' kompitu mwettaq fl-interess pubbliku*** u d-detenturi tad-data li jipprovdu dik id-data bi tweġiba għal talba bħal din;	(d) korpi tas-settur pubbliku u istituzzjonijiet, aġenziji jew korpi tal-Unjoni li jitolbu lid-detenturi tad-data jagħmlu d-data disponibbli meta jkun hemm ħtieġa eċċezzjonali ***fil-kuntest ta' emerġenza pubblika*** u d-detenturi tad-data li jipprovdu dik id-data bi tweġiba għal talba bħal din;

Emenda 55

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 3

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
3. Id-dritt tal-Unjoni dwar il-protezzjoni tad-data personali, il-privatezza u l-kunfidenzjalità tal-komunikazzjonijiet u l-integrità tat-tagħmir terminali għandu japplika ***għad-data*** personali pproċessata b'rabta mad-drittijiet u mal-obbligi stabbiliti f'dan ir-Regolament. Dan ir-Regolament ***ma għandux jaffettwa l-applikabbiltà tad-dritt*** tal-Unjoni dwar il-protezzjoni tad-data personali, b'mod partikolari r-Regolament (UE) 2016/679 u d-Direttiva 2002/58/KE, inklużi ***s-setgħat*** u l-kompetenzi tal-awtoritajiet superviżorji. Sa fejn huma kkonċernati d-drittijiet stabbiliti fil-Kapitolu II ta' dan ir-Regolament, u meta l-utenti jkunu s-suġġetti tad-data ta' data personali soġġetti għad-drittijiet u l-obbligi skont dak il-Kapitolu, id-dispożizzjonijiet ta' dan ir-Regolament għandhom jikkomplementaw id-dritt tal-portabbiltà tad-data skont l-Artikolu 20 tar-Regolament (UE) 2016/679.	3. Id-dritt tal-Unjoni dwar il-protezzjoni tad-data personali, il-privatezza u l-kunfidenzjalità tal-komunikazzjonijiet u l-integrità tat-tagħmir terminali għandu japplika ***għal kwalunkwe data*** personali pproċessata b'rabta mad-drittijiet u mal-obbligi stabbiliti f'dan ir-Regolament. ***Il-kisba, il-ġbir, jew il-ġenerazzjoni ta' data personali permezz tal-użu ta' prodott jew servizz relatat għandhom jirrikjedu bażi ġuridika skont il-liġi dwar il-protezzjoni tad-data.*** Dan ir-Regolament ***ma jikkostitwixxix bażi ġuridika għall-ipproċessar ta' data personali. Dan ir-Regolament huwa mingħajr preġudizzju għal-liġi*** tal-Unjoni dwar il-protezzjoni tad-data personali ***u l-privatezza***, b'mod partikolari r-Regolament (UE) 2016/679***, ir-Regolament (UE) 2018/1725, u*** d-Direttiva 2002/58/KE, inklużi ***r-regoli dwar is-setgħat*** u l-kompetenzi tal-awtoritajiet superviżorji. ***Fil-każ ta' kunflitt bejn dan ir-Regolament u l-liġi tal-Unjoni dwar il-protezzjoni tad-data personali jew il-privatezza jew il-liġi nazzjonali adottata f'konformità ma' tali***

liġi tal-Unjoni, għandha tipprevali l-liġi tal-Unjoni jew dik nazzjonali dwar il-protezzjoni tad-data personali jew il-privatezza. Sa fejn huma kkonċernati d-drittijiet stabbiliti fil-Kapitolu II ta' dan ir-Regolament, u meta l-utenti jkunu s-suġġetti tad-data ta' data personali**,** soġġetti għad-drittijiet u l-obbligi skont dak il-Kapitolu, id-dispożizzjonijiet ta' dan ir-Regolament għandhom jikkomplementaw ***u jippartikolarizzaw*** id-dritt tal-portabbiltà tad-data skont l-Artikolu 20 tar-Regolament (UE) 2016/679. ***L-ebda dispożizzjoni ta' dan ir-Regolament ma għandha tiġi applikata jew interpretata b'tali mod li jitnaqqas jew jiġi limitat id-dritt għall-protezzjoni tad-data personali jew id-dritt għall-privatezza u l-kunfidenzjalità tal-komunikazzjonijiet.***

Emenda 56

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 4

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
4. Dan ir-Regolament ma għandux jaffettwa l-atti legali tal-Unjoni u dawk nazzjonali li jipprevedu l-kondiviżjoni, l-aċċess u l-użu ta' data għall-finijiet tal-prevenzjoni, l-investigazzjoni, is-sejbien jew il-prosekuzzjoni ta' reati kriminali jew l-eżekuzzjoni ta' pieni kriminali, inkluż ir-Regolament (UE) 2021/784 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[72] u [l-proposti dwar l-evidenza elettronika [COM(2018) 225 u 226] ladarba jiġu adottati, u l-kooperazzjoni internazzjonali f'dak il-qasam. Dan ir-Regolament ma għandux jaffettwa l-ġbir, il-kondiviżjoni, l-aċċess għal u l-użu ta' data skont id-Direttiva (UE) 2015/849 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar il-prevenzjoni tal-użu tas-sistema finanzjarja għall-finijiet tal-ħasil tal-flus jew il-finanzjament tat-terroriżmu u r-Regolament (UE) 2015/847 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar l-	4. Dan ir-Regolament ma għandux jaffettwa l-atti legali tal-Unjoni u dawk nazzjonali li jipprevedu l-kondiviżjoni, l-aċċess u l-użu ta' data għall-finijiet tal-prevenzjoni, l-investigazzjoni, is-sejbien jew il-prosekuzzjoni ta' reati kriminali ***jew amministrattivi*** jew l-eżekuzzjoni ta' pieni kriminali ***jew amministrattivi***, inkluż ir-Regolament (UE) 2021/784 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[72] u [l-proposti dwar l-evidenza elettronika [COM(2018) 225 u 226] ladarba jiġu adottati, u l-kooperazzjoni internazzjonali f'dak il-qasam. Dan ir-Regolament ma għandux jaffettwa l-ġbir, il-kondiviżjoni, l-aċċess għal u l-użu ta' data skont id-Direttiva (UE) 2015/849 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar il-prevenzjoni tal-użu tas-sistema finanzjarja għall-finijiet tal-ħasil tal-flus jew il-finanzjament tat-terroriżmu u r-Regolament (UE) 2015/847 tal-Parlament

informazzjoni li takkumpanja t-trasferiment ta' fondi. Dan ir-Regolament ma għandux jaffettwa l-kompetenzi tal-Istati Membri fir-rigward ta' attivitajiet li jikkonċernaw is-sigurtà pubblika, id-difiża, is-sigurtà nazzjonali, l-amministrazzjoni doganali u tat-taxxa u s-saħħa u s-sikurezza taċ-ċittadini f'konformità mad-dritt tal-Unjoni.	Ewropew u tal-Kunsill dwar l-informazzjoni li takkumpanja t-trasferiment ta' fondi. Dan ir-Regolament ma għandux jaffettwa l-kompetenzi tal-Istati Membri fir-rigward ta' attivitajiet li jikkonċernaw is-sigurtà pubblika, id-difiża, is-sigurtà nazzjonali, l-amministrazzjoni doganali u tat-taxxa u s-saħħa ***pubblika*** u s-sikurezza taċ-ċittadini f'konformità mad-dritt tal-Unjoni. ***Dan ir-Regolament ma għandux japplika għal data miġbura jew iġġenerata fil-kuntest ta' attivitajiet relatati mad-difiża jew minn prodotti jew servizzi tad-difiża jew minn prodotti jew servizzi implimentati u użati għal skopijiet ta' difiża.***
[72] Ir-Regolament (UE) 2021/784 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-29 ta' April 2021 dwar l-indirizzar tad-disseminazzjoni ta' kontenut terroristiku online (ĠU L 172, 17.5.2021, p. 79).	[72] Ir-Regolament (UE) 2021/784 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-29 ta' April 2021 dwar l-indirizzar tad-disseminazzjoni ta' kontenut terroristiku online (ĠU L 172, 17.5.2021, p. 79).

Emenda 57

Proposta għal regolament
Artikolu 2 – paragrafu 1 – punt 1a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(1a) "data personali" tfisser data personali kif iddefinita fl-Artikolu 4, il-punt (1) tar-Regolament (UE) 2016/679;

Emenda 58

Proposta għal regolament
Artikolu 2 – paragrafu 1 – punt 1b (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(1b) "data mhux personali" tfisser data għajr id-data personali;

Emenda 59

Proposta għal regolament
Artikolu 2 – paragrafu 1 – punt 1c (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(1c) "data ġġenerata mill-użu ta' prodott jew servizz relatat" tfisser kwalunkwe data rreġistrata intenzjonalment mill-utent jew bħala prodott sekondarju tal-azzjoni tal-utent, kif ukoll data ġġenerata jew irreġistrata mingħajr ebda azzjoni mill-utent, fost l-oħrajn, fil-modalità standby jew waqt li l-prodott ikun mitfi. Din tinkludi data ġġenerata mis-sensuri, data miġbura minn applikazzjonijiet inkorporati u data dijanjostika;

Emenda 60

Proposta għal regolament
Artikolu 2 – paragrafu 1 – punt 1d (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(1d) "kunsens" tfisser kunsens kif definit fl-Artikolu 4, punt (11) tar-Regolament (UE) 2016/679;

Emenda 61

Proposta għal regolament
Artikolu 2 – paragrafu 1 – punt 1e (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(1e) "suġġett tad-data" tfisser suġġett tad-data kif imsemmi fl-Artikolu 4, il-punt (1), tar-Regolament (UE) 2016/679;

Emenda 62

Proposta għal regolament
Artikolu 2 – paragrafu 1 – punt 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(2) "prodott" tfisser oġġett tanġibbli ***u mobbli, inkluż fejn inkorporat f'oġġett immobbli***, li jikseb, jiġġenera jew jiġbor, data dwar l-użu jew l-ambjent tiegħu, u li jkun jista' jikkomunika data ***permezz ta' servizz ta' komunikazzjoni elettronika disponibbli għall-pubbliku*** u li l-funzjoni primarja tiegħu ma tkunx il-ħżin u l-ipproċessar tad-data;	(2) "prodott" tfisser oġġett tanġibbli, li***, permezz tad-disinn u l-karatteristiċi tiegħu,*** jikseb, jiġġenera jew jiġbor, data dwar l-użu jew l-ambjent tiegħu, u li jkun jista' jikkomunika data u li l-funzjoni primarja tiegħu ma tkunx il-ħżin u l-ipproċessar tad-data***, bl-eċċezzjoni ta' prodotti li huma primarjament iddisinjati biex juru jew idoqqu kontenut, jew jirreġistraw u jittrażmettu kontenut, inklużi kompjuters għal skopijiet ġenerali, tablets u smartphones, kameras, sistemi tar-reġistrazzjoni tal-ħoss u skeners tat-test***;

Emenda 63

Proposta għal regolament
Artikolu 2 – paragrafu 1 – punt 3

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(3) "servizz relatat" tfisser servizz diġitali, inkluż software, li huwa ***inkorporat fi prodott jew interkonness ma' prodott b'tali mod li n-nuqqas tiegħu jipprevjeni lill-prodott milli jwettaq*** waħda ***mill-funzjonijiet*** tiegħu;	(3) "servizz relatat" tfisser servizz diġitali, inkluż software, li huwa ***meħtieġ sabiex il-prodott iwettaq funzjoni*** waħda ***jew aktar*** tiegħu***, u li jinvolvi l-komunikazzjoni ta' data mill-prodott lis-servizz relatat***;

Emenda 64

Proposta għal regolament
Artikolu 2 – paragrafu 1 – punt 4

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(4) "assistenti virtwali" tfisser software li jista' jipproċessa d-domandi, il-kompiti jew il-mistoqsijiet, inkluż abbażi ta' input b'awdjo, bil-miktub, ġesti jew movimenti, u abbażi ta' dawk id-domandi, il-kompiti	(4) "assistenti virtwali" tfisser software li jista' jipproċessa d-domandi, il-kompiti jew il-mistoqsijiet, inkluż abbażi ta' input b'awdjo, bil-miktub, ġesti jew movimenti, u abbażi ta' dawk id-domandi, il-kompiti

jew il-mistoqsijiet, jipprovdi aċċess ***għas-servizzi tiegħu stess u ta' partijiet terzi*** jew jikkontrolla ***l-apparati tagħhom stess u ta' partijiet terzi***;	jew il-mistoqsijiet, jipprovdi aċċess ***għal servizzi oħrajn*** jew jikkontrolla ***prodotti***;

Emenda 65

Proposta għal regolament
Artikolu 2 – paragrafu 1 – punt 5

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(5) "utent" tfisser persuna fiżika jew ġuridika li jkollha s-sjieda, li tikri jew li tagħmel lokazzjoni ta' prodott jew li tirċievi servizzi;	(5) "utent" tfisser persuna fiżika jew ġuridika li jkollha s-sjieda, li tikri jew li tagħmel lokazzjoni ta' prodott jew li tirċievi servizzi ***relatati, u, meta l-prodott jew servizz relatat jinvolvi l-ipproċessar ta' data personali, is-suġġett tad-data***;

Emenda 66

Proposta għal regolament
Artikolu 2 – paragrafu 1 – punt 6

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(6) "detentur tad-data" tfisser persuna ġuridika jew fiżika li għandha d-dritt jew l-obbligu, f'konformità ma' dan ir-Regolament, id-dritt applikabbli tal-Unjoni jew il-leġiżlazzjoni nazzjonali li timplimenta d-dritt tal-Unjoni, jew fil-każ ta' data mhux personali ***u permezz tal-kontroll tad-disinn tekniku tal-prodott u tas-servizzi relatati, il-kapaċità, li*** tagħmel ċerta data disponibbli;	(6) "detentur tad-data" tfisser persuna ġuridika jew fiżika ***li mhijiex l-utent, li għandha aċċess għad-data kkomunikata lilha, u*** li għandha d-dritt jew l-obbligu, f'konformità ma' dan ir-Regolament, id-dritt applikabbli tal-Unjoni jew il-leġiżlazzjoni nazzjonali li timplimenta d-dritt tal-Unjoni, jew fil-każ ta' data mhux personali ***għandha d-dritt miftiehem kuntrattwalment li tipproċessa u*** tagħmel ċerta data disponibbli;

Emenda 67

Proposta għal regolament
Artikolu 2 – paragrafu 1 – punt 7

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(7) "riċevitur tad-data" tfisser persuna ġuridika jew fiżika, li taġixxi għal finijiet li huma relatati mal-kummerċ, man-negozju, mas-sengħa jew mal-professjoni ta' dik il-persuna, minbarra l-utent ta' prodott jew servizz relatat, li d-detentur tad-data jagħmel id-data disponibbli lilha, ***inkluż parti terza*** wara talba mill-utent lid-detentur tad-data jew f'konformità ma' obbligu ġuridiku skont id-dritt tal-Unjoni jew il-leġiżlazzjoni nazzjonali li timplimenta d-dritt tal-Unjoni;	(7) "riċevitur tad-data" tfisser persuna ġuridika jew fiżika, li taġixxi għal finijiet li huma relatati mal-kummerċ, man-negozju, mas-sengħa jew mal-professjoni ta' dik il-persuna, minbarra l-utent ta' prodott jew servizz relatat, li d-detentur tad-data jagħmel id-data disponibbli lilha, wara talba ***espliċita*** mill-utent ***jew is-suġġett tad-data*** lid-detentur tad-data jew f'konformità ma' obbligu ġuridiku skont id-dritt tal-Unjoni jew il-leġiżlazzjoni nazzjonali li timplimenta d-dritt tal-Unjoni***, u inkluż parti terza li d-data ssirilha disponibbli direttament mill-utent jew is-suġġett tad-data***;

Emenda 68

Proposta għal regolament
Artikolu 2 – paragrafu 1 – punt 10

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(10) "emerġenza pubblika" tfisser sitwazzjoni eċċezzjonali li taffettwa b'mod negattiv il-popolazzjoni tal-Unjoni, ta' Stat Membru jew ta' parti minnu, b'riskju ta' riperkussjonijiet serji u dejjiema fuq il-kundizzjonijiet tal-għajxien jew fuq l-istabbiltà ekonomika, jew id-degradazzjoni sostanzjali tal-assi ekonomiċi fl-Unjoni jew fl-Istat(i) Membru/i rilevanti;	(10) "emerġenza pubblika" tfisser sitwazzjoni eċċezzjonali li taffettwa b'mod negattiv il-popolazzjoni tal-Unjoni, ta' Stat Membru jew ta' parti minnu***, bħal emerġenza tas-saħħa pubblika, emerġenza li tirriżulta minn diżastru naturali jew diżastru kbir ikkawżat mill-bniedem, bħal inċident kbir taċ-ċibersigurtà***, b'riskju ta' riperkussjonijiet serji u dejjiema fuq il-kundizzjonijiet tal-għajxien jew fuq l-istabbiltà ekonomika, jew id-degradazzjoni sostanzjali tal-assi ekonomiċi fl-Unjoni jew fl-Istat(i) Membru/i rilevanti***, li għaliha l-miżuri mhux ta' emerġenza għaż-żamma tas-sigurtà pubblika, is-saħħa pubblika u l-ordni pubblika huma b'mod ċar inadegwati, u li tiġi ddeterminata u ddikjarata uffiċjalment f'konformità mal-proċeduri applikabbli skont il-liġi tal-Unjoni jew nazzjonali***;

Emenda 69

Proposta għal regolament
Artikolu 2 – paragrafu 1 – punt 11a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(11a) "tqegħid għad-dispożizzjoni ta' data miksuba, miġbura jew iġġenerata bl-użu ta' prodott jew servizz relatat" tfisser li d-data ssir aċċessibbli, wara talba sempliċi, permezz ta' mezzi elettroniċi, li tippermetti lill-utent jew lil parti terza jikkupjaw id-data u jirċievu d-data f'format strutturat, użat b'mod komuni, interoperabbli u li jinqara mill-magni;

Emenda 70

Proposta għal regolament
Artikolu 2 – paragrafu 1 – punt 12

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(12) "servizz tal-ipproċessar tad-data" tfisser servizz ***diġitali*** għajr servizz tal-kontenut online kif definit fl-Artikolu 2(5) tar-Regolament (UE) 2017/1128, ipprovdut lil klijent, li jippermetti amministrazzjoni fuq talba u aċċess remot wiesa' għal ***grupp skalabbli u elastiku ta'*** riżorsi informatiċi ***li jistgħu jiġu kondiviżi ta' natura ċentralizzata, distribwita jew distribwita ħafna***;	(12) "servizz tal-ipproċessar tad-data" tfisser servizz għajr servizz tal-kontenut online kif definit fl-Artikolu 2(5) tar-Regolament (UE) 2017/1128, ipprovdut lil klijent, li jippermetti amministrazzjoni fuq talba u aċċess remot wiesa' għal riżorsi ***ta' ħżin u*** informatiċi;

Emenda 71

Proposta għal regolament
Artikolu 2 – paragrafu 1 – punt 19

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(19) "interoperabbiltà" tfisser il-kapaċità ta' żewġ ***spazji jew aktar tad-data jew*** networks ta' komunikazzjoni, sistemi,	(19) "interoperabbiltà" tfisser il-kapaċità ta' żewġ networks ta' komunikazzjoni, sistemi, prodotti, applikazzjonijiet***,***

prodotti, applikazzjonijiet ***jew*** komponenti għall-iskambju u għall-użu tad-data sabiex iwettqu l-funzjonijiet tagħhom;	komponenti***, jew servizzi, jew aktar*** għall-iskambju u għall-użu tad-data sabiex iwettqu l-funzjonijiet tagħhom;

Emenda 72

Proposta għal regolament
Artikolu 3 – titolu

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
L-obbligu ***li d-data ġġenerata*** mill-użu ta' prodotti jew ta' servizzi relatati ***ssir aċċessibbli***	L-obbligu ***tad-disinjaturi, il-manifatturi u l-fornituri ta' servizzi relatati rigward data miksuba, miġbura, jew iġġenerata*** mill-użu ta' prodotti jew ta' servizzi relatati

Emenda 73

Proposta għal regolament
Artikolu 3 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
1. Il-prodotti għandhom jitfasslu u jiġu manifatturati, u għandhom jiġu pprovduti servizzi relatati, b'tali mod li d-data ***ġġenerata*** mill-użu tagħhom tkun, awtomatikament, aċċessibbli faċilment, b'mod sikur u, fejn rilevanti u xieraq, aċċessibbli direttament ***għall-utent***.	1. Il-prodotti għandhom jitfasslu u jiġu manifatturati, u għandhom jiġu pprovduti servizzi relatati, b'tali mod li d-data ***miksuba, miġbura, jew iġġenerata*** mill-użu tagħhom tkun, awtomatikament, aċċessibbli faċilment, b'mod sikur u, fejn rilevanti u xieraq, aċċessibbli direttament ***għal dak l-utent f'format strutturat, użat b'mod komuni u li jinqara minn magna, inkluż l-aċċess għal data derivata jew inferita fil-każ ta' data personali, u l-informazzjoni meħtieġa biex id-data tiġi interpretata u użata. L-utent għandu jkun jista' jipproċessa d-data lil hinn mill-kontroll tad-detenturi tad-data. F'każ li dak l-utent ikun suġġett tad-data, il-prodotti għandhom joffru possibbiltajiet biex jiġu eżerċitati direttament id-drittijiet tas-suġġetti tad-data, meta teknikament fattibbli. Il-prodotti għandhom jitfasslu u jiġu mmanifatturati u s-servizzi relatati għandhom jiġu pprovduti b'tali mod li suġġett tad-data, irrispettivament mit-***

titolu legali tagħhom fuq il-prodott, jiġi offrut il-possibbiltà li juża l-prodotti koperti minn dan ir-Regolament bl-inqas mod intruživ possibbli għall-privatezza. Meta l-utenti jkunu jistgħu jistennew dan b'mod raġonevoli minħabba n-natura tal-prodott, il-prodotti għandhom jiġu disinjati u manifatturati, u għandhom jiġu pprovduti servizzi relatati, b'tali mod li jinżamm sett bażiku ta' funzjonalitajiet meta l-prodott jew is-servizz relatat jintuża offline.

Emenda 74

Proposta għal regolament
Artikolu 3 – paragrafu 1a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	1a. Il-kapaċità tal-użu tal-prodott jew tas-servizz relatat ma għandhiex tkun dipendenti mill-utent li jippermettilu jipproċessa d-data mhux meħtieġa għall-funzjonalità tal-prodott jew għall-forniment tas-servizz relatat.

Emenda 75

Proposta għal regolament
Artikolu 3 – paragrafu 1b (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	1b. Meta l-aċċess fuq l-apparat għad-data huwa teknikament appoġġat, il-manifattur għandu jagħmel dan il-mezz ta' aċċess teknikament disponibbli wkoll għal fornituri ta' servizzi ta' partijiet terzi b'mod mhux diskriminatorju.

Emenda 76

Proposta għal regolament
Artikolu 3 – paragrafu 2 – parti introduttorja

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
2. Qabel ma ***jiġi konkluż*** kuntratt għax-xiri, għall-kiri jew għal-lokazzjoni ta' prodott ***jew ta' servizz relatat***, għandha mill-inqas tingħata l-informazzjoni li ġejja lill-utent, f'format ċar u li jinftiehem:	2. Qabel ma ***l-utent jikkonkludi*** kuntratt għax-xiri, għall-kiri jew għal-lokazzjoni ta' prodott, għandha mill-inqas tingħata l-informazzjoni li ġejja lill-utent, ***fil-ħin u b'mod prominenti,*** f'format ***faċilment aċċessibbli,*** ċar u li jinftiehem:

Emenda 77

Proposta għal regolament
Artikolu 3 – paragrafu 2 – punt a

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(a) ***in-natura u l-volum*** tad-data ***li x'aktarx tiġi ġġenerata bl-użu tal-prodott jew servizz relatat***;	(a) ***it-tip, il-format, il-volum stmat u l-frekwenza tal-ġbir*** tad-data ***li l-prodott huwa kapaċi jikseb, jiġbor, jew jiġġenera***;

Emenda 78

Proposta għal regolament
Artikolu 3 – paragrafu 2 – punt b

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(b) jekk id-data hijiex probabbli li tiġi ġġenerata kontinwament u f'ħin reali;	(b) jekk id-data hijiex probabbli li ***tinkiseb, tingħabar, jew*** tiġi ġġenerata kontinwament u f'ħin reali;

Emenda 79

Proposta għal regolament
Artikolu 3 – paragrafu 2 – punt c

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(c) kif l-utent jista' jaċċessa dik id-data;	(c) kif l-utent jista' jaċċessa***, jirkupra u jitlob it-tħassir ta'*** dik id-data;

Emenda 80

Proposta għal regolament
Artikolu 3 – paragrafu 2 – punt d

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(d) jekk il-manifattur li jforni l-prodott jew il-fornitur tas-servizz li jipprovdi s-servizz relatat għandux l-intenzjoni li juża d-data huwa stess jew għandux l-intenzjoni li jippermetti lil parti terza tuża d-data u, jekk iva, l-għanijiet li għalihom se tintuża dik id-data;	***imħassar***

Emenda 81

Proposta għal regolament
Artikolu 3 – paragrafu 2 – punt e

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(e) jekk il-bejjiegħ, il-kerrej jew il-lokatur huwiex id-detentur tad-data u, jekk le, l-identità tad-detentur tad-data, bħall-isem kummerċjali tiegħu u l-indirizz ġeografiku li fih huwa stabbilit;	***imħassar***

Emenda 82

Proposta għal regolament
Artikolu 3 – paragrafu 2 – punt f

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(f) il-mezzi ta' komunikazzjoni li jippermettu lill-utent jikkuntattja lid-detentur tad-data malajr u jikkomunika ma' dak id-detentur tad-data b'mod effiċjenti;	***imħassar***

Emenda 83

Proposta għal regolament
Artikolu 3 – paragrafu 2 – punt g

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(g) kif l-utent jista' jitlob li d-data tiġi kondiviża ma' parti terza;	***imħassar***

Emenda 84

Proposta għal regolament
Artikolu 3 – paragrafu 2 – punt h

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(h) id-dritt tal-utent li jissottometti lment li jallega ksur tad-dispożizzjonijiet ta' dan il-Kapitolu mal-awtorità kompetenti msemmija fl-Artikolu 31.	***imħassar***

Emenda 85

Proposta għal regolament
Artikolu 3 – paragrafu 2a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	2a. Qabel ma utent jikkonkludi kuntratt għall-forniment ta' servizz relatat, għandha mill-inqas tingħata l-informazzjoni li ġejja lill-utent f'format ċar u li jinftiehem:
	(a) it-tip, il-format, u l-frekwenza tal-ġbir tad-data kkomunikata mill-prodott lis-servizz relatat, kif ukoll il-modalitajiet għall-utent tal-prodott biex jaċċessa jew jikseb id-data;
	(b) in-natura u l-volum stmat ta' kwalunkwe data miksuba, miġbura, iġġenerata, u personali derivata jew inferita matul il-forniment tas-servizz relatat, kif ukoll il-modalitajiet għall-utent biex jaċċessa jew jikseb id-data;
	(c) jekk il-fornitur tas-servizz relatat għandux l-intenzjoni li jipproċessa d-data huwa stess, jekk għandux il-ħsieb li jippermetti lil parti terza tipproċessa d-

data, u jekk iva, l-identità tal-parti terza, l-għanijiet li għalihom dik id-data se tiġi pproċessata, il-perjodu li għalihom tista' tiġi aċċessata, u s-salvagwardji meħtieġa wara li jkun intemm l-aċċess għad-data;

(d) l-identità tad-detentur tad-data u, fejn applikabbli, ta' partijiet oħra għall-ipproċessar tad-data, bħall-isem kummerċjali, id-dettalji ta' kuntatt u l-indirizz ġeografiku tal-istabbiliment;

(e) il-mezzi ta' komunikazzjoni li jippermettu lill-utent jikkuntattja faċilment lid-detentur tad-data u, fejn applikabbli, lil parti oħra tal-ipproċessar tad-data malajr, u jikkomunika magħhom b'mod effiċjenti;

(f) kif l-utent jista' jitlob li d-data tiġi kondiviża ma' jew ittrasferita lil parti terza;

(g) it-tul ta' żmien previst tal-ftehim, kif ukoll il-modalitajiet biex il-ftehim jintemm kmieni;

(h) id-dritt tal-utent li jissottometti lment li jallega ksur tad-dispożizzjonijiet ta' dan il-Kapitolu mal-awtorità kompetenti msemmija fl-Artikolu 31.

Emenda 86

Proposta għal regolament
Artikolu 4 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
1. Meta d-data ma tkunx tista' tiġi aċċessata direttament mill-utent mill-prodott, id-detentur tad-data għandu jagħmel disponibbli għall-utent ***id-data ġġenerata bl-użu tiegħu ta' prodott jew servizz***relatat mingħajr dewmien żejjed, mingħajr ħlas u, fejn applikabbli, kontinwament u f'ħin reali. Dan għandu jsir abbażi ta' talba sempliċi permezz ta' mezzi elettroniċi ***fejn dan ikun*** teknikament fattibbli.	1. Meta d-data ma tkunx tista' tiġi aċċessata direttament mill-utent mill-prodott, id-detentur tad-data għandu jagħmel disponibbli għall-utent ***kwalunkwe data kkomunikata lid-detentur tad-data mill-prodott jew miksuba, miġbura, jew iġġenerata matul il-forniment tas-servizz*** relatat mingħajr dewmien żejjed, mingħajr ħlas u, fejn applikabbli, kontinwament u f'ħin reali***, f'format strutturat, użat b'mod komuni u li jinqara mill-magni, inkluż l-***

aċċess għal data derivata jew inferita fil-każ tad-data personali, skont l-Artikolu 15 tar-Regolament (UE) 2016/679, u inkluża l-informazzjoni rilevanti biex id-data tiġi interpretata u użata. Dan għandu jsir abbażi ta' talba sempliċi permezz ta' mezzi elettroniċi***. Meta tali talba elettronika ma tkunx*** teknikament fattibbli***, id-detentur tad-data għandu jipprovdi alternattiva sempliċi u ta' effiċjenza komparabbli***.

Emenda 87

Proposta għal regolament
Artikolu 4 – paragrafu 1a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	1a. Meta disponibbli, id-detentur tad-data għandu jipprovdi informazzjoni dwar l-istrutturi tad-data, il-formati tad-data, il-vokabularji, l-iskemi ta' klassifikazzjoni, it-tassonomiji u l-listi tal-kodiċijiet, li għandhom jiġu deskritti b'mod konsistenti u magħmula disponibbli għall-pubbliku.

Emenda 88

Proposta għal regolament
Artikolu 4 – paragrafu 1b (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	1b. Id-detentur tad-data għandu jiddeskrivi l-mezzi tekniċi għall-użu tad-data, bħal kits għall-iżvilupp tas-software jew interfaċċi għall-ipprogrammar tal-applikazzjonijiet, u t-termini tal-użu u l-kwalità tas-servizz tagħhom f'biżżejjed dettall biex jippermettu tali aċċess.

Emenda 89

Proposta għal regolament
Artikolu 4 – paragrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
2. Id-detentur tad-data ma għandux jirrikjedi li l-utent jipprovdi kwalunkwe informazzjoni lil hinn minn dak li huwa meħtieġ biex tiġi vverifikata l-kwalità bħala ***utent*** skont il-paragrafu 1. Id-detentur tad-data ma għandu jżomm l-ebda informazzjoni dwar l-aċċess tal-utent għad-data mitluba lil hinn minn dak li huwa meħtieġ għall-eżekuzzjoni tajba tat-talba għall-aċċess tal-utent u għas-sigurtà u għall-manutenzjoni tal-infrastruttura tad-data.	2. Id-detentur tad-data ma għandux jirrikjedi li l-utent jipprovdi kwalunkwe informazzjoni lil hinn minn dak li huwa meħtieġ biex tiġi vverifikata l-kwalità ***tagħhom*** bħala ***l-utent*** skont il-paragrafu 1. Id-detentur tad-data ma għandu jżomm l-ebda informazzjoni dwar l-aċċess tal-utent għad-data mitluba lil hinn minn dak li huwa meħtieġ għall-eżekuzzjoni tajba tat-talba għall-aċċess tal-utent u għas-sigurtà u għall-manutenzjoni tal-infrastruttura tad-data.

Emenda 90

Proposta għal regolament
Artikolu 4 – paragrafu 4

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
4. L-utent ma ***għandux*** juża ***d-data*** miksuba skont talba msemmija fil-paragrafu 1 biex jiżviluppa prodott li jikkompeti mal-prodott li minnu toriġina d-data.	4. L-utent ma ***għandu*** juża ***l-ebda data*** miksuba skont talba msemmija fil-paragrafu 1 biex jiżviluppa prodott li jikkompeti mal-prodott li minnu toriġina d-data.

Emenda 91

Proposta għal regolament
Artikolu 4 – paragrafu 5

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
5. Meta l-utent ma jkunx suġġett tad-data, kwalunkwe data personali ġġenerata bl-użu ta' prodott jew servizz relatat għandha ssir disponibbli biss mid-detentur tad-data għall-utent fejn ikun hemm bażi ġuridika valida skont l-Artikolu ***6(1)*** tar-Regolament (UE) 2016/679 u, fejn rilevanti, il-kundizzjonijiet tal-Artikolu 9 tar-Regolament (UE) 2016/679 huma ssodisfati.	5. Meta l-utent ma jkunx suġġett tad-data, kwalunkwe data personali ġġenerata bl-użu ta' prodott jew servizz relatat għandha ssir disponibbli biss mid-detentur tad-data għall-utent fejn ikun hemm ***konformità mal-kundizzjonijiet u r-regoli kollha pprovduti mil-liġi applikabbli dwar il-protezzjoni tad-data, b'mod partikolari meta jkun hemm*** bażi ġuridika valida skont l-Artikolu ***6*** tar-Regolament

	(UE) 2016/679 u, fejn rilevanti, il-kundizzjonijiet tal-Artikolu 9 tar-Regolament (UE) 2016/679 ***u l-Artikolu 5(3) tad-Direttiva 2002/58/KE*** huma ssodisfati.

Emenda 92

Proposta għal regolament
Artikolu 5 – titolu

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Id-dritt li tiġi kondiviża data ma' partijiet terzi	Id-dritt ***tal-utenti u tas-suġġetti tad-data*** li tiġi kondiviża***, u l-obbligu tad-detenturi tad-data li jipprevedu l-kondivizjoni ta'*** data ma' partijiet terzi

Emenda 93

Proposta għal regolament
Artikolu 5 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
1. Fuq talba minn utent, jew minn parti li taġixxi f'isem utent, id-detentur tad-data għandu jagħmel disponibbli d-data ***ġġenerata*** mill-użu ta' prodott jew servizz relatat lil parti terza, mingħajr dewmien żejjed, mingħajr ħlas għall-utent, tal-istess kwalità, kif inhi disponibbli għad-detentur tad-data u, fejn applikabbli, kontinwament u f'ħin reali**.**	1. Fuq talba minn ***suġġett tad-data, jew minn*** utent, jew minn parti li taġixxi f'isem utent, id-detentur tad-data għandu jagħmel disponibbli d-data ***miksuba, miġbura, jew iġġenerata*** mill-użu ta' prodott jew servizz relatat lil parti terza, mingħajr dewmien żejjed, mingħajr ħlas ***għas-suġġett tad-data jew*** għall-utent, tal-istess kwalità, kif inhi disponibbli għad-detentur tad-data u, fejn applikabbli, kontinwament u f'ħin reali***, għall-fini speċifikata mis-suġġett tad-data jew mill-utent, bħal għall-finijiet ta':***

Emenda 94

Proposta għal regolament
Artikolu 5 – paragrafu 1 – punt a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(a) il-forniment ta' servizzi ta' wara l-bejgħ, bħall-manutenzjoni u t-tiswija tal-prodott, inklużi servizzi ta' wara l-bejgħ f'kompetizzjoni ma' prodott jew servizz ipprovdut mid-detentur tad-data;

Emenda 95

Proposta għal regolament
Artikolu 5 – paragrafu 1 – punt b (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(b) l-iffaċilitar tal-utent li jaġġorna s-software tal-prodott tiegħu jew tas-servizzi relatati b'mod partikolari biex jissolvu problemi ta' sigurtà u ta' użu;

Emenda 96

Proposta għal regolament
Artikolu 5 – paragrafu 1 – punt c (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(c) servizzi speċifiċi ta' intermedjazzjoni tad-data rikonoxxuti fl-Unjoni jew servizzi speċifiċi pprovduti minn organizzazzjonijiet għall-altruwiżmu fir-rigward tad-data rikonoxxuti fl-Unjoni skont il-kundizzjonijiet u r-rekwiżiti tal-Kapitoli III u IV tar-Regolament (UE) 2022/868 (l-Att dwar il-Governanza tad-Data);

Emenda 97

Proposta għal regolament
Artikolu 5 – paragrafu 2 – parti introduttorja

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
2. Kwalunkwe impriża li tipprovdi servizzi ta' pjattaforma ewlenija li għalihom wieħed jew aktar minn dawn is-servizzi ġew maħtura bħala gatekeeper, skont l-Artikolu ***[…] [tar-Regolament XXX*** dwar swieq kontestabbli u ġusti fis-settur diġitali (l-Att dwar is-Swieq Diġitali)[73]***]***, ma għandhiex tkun parti terza eliġibbli skont dan l-Artikolu u għalhekk ma għandhiex:	2. Kwalunkwe impriża li tipprovdi servizzi ta' pjattaforma ewlenija li għalihom wieħed jew aktar minn dawn is-servizzi ġew maħtura bħala gatekeeper, skont l-Artikolu ***3 tar-Regolament (EU) 2022/1925*** dwar swieqkontestabbli u ġusti fis-settur diġitali (l-Att dwar is-Swieq Diġitali)[73]], ma għandhiex tkun parti terza eliġibbli skont dan l-Artikolu u għalhekk ma għandhiex:
[73] ĠU […].	[73] ĠU […].

Emenda 98

Proposta għal regolament
Artikolu 5 – paragrafu 2 – punt a

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(a) tħajjar jew tinċentiva kummerċjalment utent bi kwalunkwe mod, inkluż billi tipprovdi kumpens monetarju jew kwalunkwe kumpens ieħor, biex tagħmel id-data disponibbli għal wieħed mis-servizzi tiegħu li l-utent ikun kiseb wara talba skont l-Artikolu 4(1);	(a) tħajjar jew tinċentiva kummerċjalment utent ***jew riċevitur tad-data*** bi kwalunkwe mod, inkluż billi tipprovdi kumpens monetarju jew kwalunkwe kumpens ieħor, biex tagħmel id-data disponibbli għal wieħed mis-servizzi tiegħu li l-utent ikun kiseb wara talba skont l-Artikolu 4(1)***, jew li r-riċevitur tad-data jkun kiseb skont dan l-Artikolu***;

Emenda 99

Proposta għal regolament
Artikolu 5 – paragrafu 3

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
3. L-utent jew parti terza ma għandhomx ikunu meħtieġa jipprovdu kwalunkwe informazzjoni lil hinn minn dak li huwa meħtieġ biex tiġi vverifikata l-kwalità bħala ***utent*** jew bħala parti terza	3. L-utent jew parti terza ma għandhomx ikunu meħtieġa jipprovdu kwalunkwe informazzjoni lil hinn minn dak li huwa ***strettament*** meħtieġ biex tiġi vverifikata l-kwalità ***tagħhom*** bħala ***l-utent***

skont il-paragrafu 1. Id-detentur tad-data ma għandu jżomm l-ebda informazzjoni dwar l-aċċess tal-parti terza għad-data mitluba lil hinn minn dak li huwa meħtieġ għall-eżekuzzjoni tajba tat-talba għal aċċess tal-parti terza u għas-sigurtà u l-manutenzjoni tal-infrastruttura tad-data.

jew bħala parti terza skont il-paragrafu 1. Id-detentur tad-data ma għandu jżomm l-ebda informazzjoni dwar l-aċċess tal-parti terza għad-data mitluba lil hinn minn dak li huwa meħtieġ għall-eżekuzzjoni tajba tat-talba għal aċċess tal-parti terza u għas-sigurtà u l-manutenzjoni tal-infrastruttura tad-data.

Emenda 100

Proposta għal regolament
Artikolu 5 – paragrafu 4a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	4a. Id-detentur tad-data u l-parti terza ma għandhomx ihajru jew jinċentivaw kummerċjalment utent bi kwalunkwe mod, inkluż billi jipprovdu kumpens monetarju jew kwalunkwe kumpens ieħor, biex jagħmel data disponibbli, li l-konsumatur jew is-suġġett tad-data ikun kiseb wara talba skont l-Artikolu 4(1);

Emenda 101

Proposta għal regolament
Artikolu 5 – paragrafu 6

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
6. ***Meta l-utent ma jkunx*** suġġett tad-data, kwalunkwe data personali ġġenerata bl-użu ta' prodott jew servizz relatat għandha ssir disponibbli biss meta jkun hemm bażi ġuridika valida skont l-Artikolu ***6(1)*** tar-Regolament (UE) 2016/679 u fejn rilevanti, il-kundizzjonijiet tal-Artikolu 9 tar-Regolament (UE) 2016/679 huma ssodisfati.	6. ***F'każ ta'*** suġġett tad-data ***li ma jkunx l-utent li qiegħed jitlob aċċess***, kwalunkwe data personali ***miksuba, miġbura, jew*** iġġenerata bl-użu ***tiegħu*** ta' prodott jew servizz relatat***, u d-data derivata u inferita minn dak l-użu,*** għandha ssir disponibbli biss ***mid-detentur tad-data lill-parti terza*** meta jkun hemm bażi ġuridika valida skont l-Artikolu ***6*** tar-Regolament (UE) 2016/679 u fejn rilevanti, il-kundizzjonijiet tal-Artikolu 9 tar-Regolament (UE) 2016/679 ***u l-Artikolu 5(3) tad-Direttiva 2002/58/KE*** huma ssodisfati.

Emenda 102

Proposta għal regolament
Artikolu 5 – paragrafu 9

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
9. Id-dritt imsemmi fil-paragrafu 1 ma għandux jaffettwa b'mod ħażin id-drittijiet ***u l-libertajiet*** ta' oħrajn.	9. Id-dritt imsemmi fil-paragrafu 1 ma għandux jaffettwa b'mod ħażin id-drittijiet ***ta' suġġetti tad-data*** ta' oħrajn ***skont il-liġi applikabbli dwar il-protezzjoni tad-data***.

Emenda 103

Proposta għal regolament
Artikolu 6 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
1. Parti terza għandha tipproċessa d-data li titqiegħed għad-dispożizzjoni tagħha skont l-Artikolu 5 biss għall-finijiet u skont il-kundizzjonijiet miftiehma mal-utent, u soġġett għad-drittijiet tas-suġġett tad-data sa fejn hija kkonċernata d-data personali***, u*** għandha tħassar id-data meta din ma tibqax meħtieġa ***għall-iskop miftiehem***.	1. Parti terza għandha tipproċessa d-data li titqiegħed għad-dispożizzjoni tagħha skont l-Artikolu 5 biss għall-finijiet ***speċifiċi msemmija fl-Artikolu 5(1) ta' dan ir-Regolament,*** u skont il-kundizzjonijiet miftiehma mal-utent, ***u meta jkun hemm konformità mal-kundizzjonijiet u mar-regoli kollha pprovduti mil-liġi applikabbli dwar il-protezzjoni tad-data, b'mod partikolari meta jkun hemm bażi ġuridika valida skont l-Artikolu 6(1) tar-Regolament (UE) 2016/679 u, meta rilevanti, il-kundizzjonijiet tal-Artikolu 9 tar-Regolament (UE) 2016/679 u tal-Artikolu 5(3) tad-Direttiva 2002/58/KE huma ssodisfati,*** u soġġett għad-drittijiet tas-suġġett tad-data, sa fejn hija kkonċernata d-data personali***. Il-parti terza*** għandha tħassar id-data meta din ma tibqax meħtieġa ***għall-finijiet imsemmija fl-Artikolu 5(1) ta' dan ir-Regolament***.

Emenda 104

Proposta għal regolament
Artikolu 6 – paragrafu 2 – punt a

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(a) tisforza, tqarraq jew timmanipula lill-utent bi kwalunkwe mod, ***billi*** timmina jew tfixkel l-awtonomija, it-teħid ta' deċiżjonijiet jew l-għażliet tal-utent, inkluż permezz ta' interfaċċa diġitali mal-utent;	(a) tisforza, tqarraq jew timmanipula lill-utent bi kwalunkwe mod, timmina jew tfixkel l-awtonomija, it-teħid ta' deċiżjonijiet jew l-għażliet tal-utent, inkluż permezz ta' interfaċċa diġitali mal-utent ***jew parti minnha, inkluż l-istruttura, id-disinn, il-funzjoni jew il-mod ta' tħaddim***;

Emenda 105

Proposta għal regolament
Artikolu 6 – paragrafu 2 – punt b

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(b) tuża d-data li tirċievi għat-tfassil tal-profil tal-persuni fiżiċi skont it-tifsira tal-Artikolu 4(4) tar-Regolament (UE) 2016/679, ***sakemm ma jkunx neċessarju li jiġi pprovdut is-servizz mitlub mill-utent***;	(b) tuża d-data li tirċievi għat-tfassil tal-profil tal-persuni fiżiċi skont it-tifsira tal-Artikolu 4***, il-punt*** (4) tar-Regolament (UE) 2016/679, ***lil hinn mill-konformità ma' dak ir-Regolament***;

Emenda 106

Proposta għal regolament
Artikolu 6 – paragrafu 2 – punt ba (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(ba) tuża d-data li tirċievi biex tidentifika mill-ġdid kwalunkwe suġġett tad-data li miegħu tkun relatata d-data u għandha tieħu miżuri tekniċi u operazzjonali biex tipprevjeni l-identifikazzjoni mill-ġdid; hija għandha tinnotifika kwalunkwe ksur tad-data li jirriżulta fl-identifikazzjoni mill-ġdid tas-suġġetti tad-data kkonċernati lil awtorità kompetenti tal-protezzjoni tad-data;

Emenda 107

Proposta għal regolament
Artikolu 6 – paragrafu 2 – punt c

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(c) tagħmel id-data disponibbli li tirċievi lil parti terza oħra, f'forma mhux ipproċessata, aggregata jew derivata, sakemm dan ma jkunx neċessarju biex jiġi pprovdut is-servizz mitlub mill-utent;	(c) tagħmel id-data disponibbli li tirċievi lil parti terza oħra, f'forma mhux ipproċessata, aggregata jew derivata, sakemm dan ma jkunx neċessarju biex jiġi pprovdut is-servizz mitlub mill-utent;***, u l-utent ikun ġie mgħarraf b'mod espliċitu dwar dan b'mod ċar, faċilment aċċessibbli u prominenti***;

Emenda 108

Proposta għal regolament
Artikolu 6 – paragrafu 2 – punt d

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(d) tagħmel disponibbli d-data li tirċievi għal impriża li tipprovdi servizzi ta' pjattaforma ewlenija, li għaliha, wieħed jew aktar minn dawn is-servizzi jkunu ġew maħtura bħala gatekeeper skont l-Artikolu ***[…] [***tar-Regolament dwar swieq kontestabbli u ġusti fis-settur diġitali (l-Att dwar is-Swieq Diġitali)***]***;	(d) tagħmel disponibbli d-data li tirċievi għal impriża li tipprovdi servizzi ta' pjattaforma ewlenija, li għaliha, wieħed jew aktar minn dawn is-servizzi jkunu ġew maħtura bħala gatekeeper skont l-Artikolu ***3*** tar-Regolament ***(UE) 2022/1925*** dwar swieq kontestabbli u ġusti fis-settur diġitali (l-Att dwar is-Swieq Diġitali);

Emenda 109

Proposta għal regolament
Artikolu 7 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
1. L-obbligi ta' dan il-Kapitolu ma għandhomx japplikaw għal ***data ġġenerata bl-użu ta' prodotti manifatturati jew servizzi relatati pprovduti minn*** intrapriżi li jikkwalifikaw bħala intrapriżi mikro jew żgħar, kif definit fl-Artikolu 2 tal-Anness tar-Rakkomandazzjoni 2003/361/KE,	1. L-obbligi ta' dan il-Kapitolu ***relatati mal-kondiviżjoni tad-data bejn negozju u negozju*** ma għandhomx japplikaw għal intrapriżi li jikkwalifikaw bħala intrapriżi mikro jew żgħar, kif definit fl-Artikolu 2 tal-Anness tar-Rakkomandazzjoni 2003/361/KE, sakemm

sakemm dawk l-intrapriżi ma jkollhomx intrapriżi sħab jew intrapriżi relatati kif definit fl-Artikolu 3 tal-Anness tar-Rakkomandazzjoni 2003/361/KE li ma jikkwalifikawx bħala intrapriżi mikro jew żgħar.	dawk l-intrapriżi ma jkollhomx intrapriżi sħab jew intrapriżi relatati kif definit fl-Artikolu 3 tal-Anness tar-Rakkomandazzjoni 2003/361/KE li ma jikkwalifikawx bħala intrapriżi mikro jew żgħar.

Emenda 110

Proposta għal regolament
Artikolu 7 – paragrafu 1a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	1a. L-obbligi ta' dan il-Kapitolu relatati mal-kondivižjoni tad-data bejn negozju u konsumatur ma għandhomx japplikaw għal data mhux personali ġġenerata bl-użu ta' prodotti manifatturati jew servizzi relatati pprovduti minn intrapriżi li jikkwalifikaw bħala intrapriżi mikro jew żgħar, kif definit fl-Artikolu 2 tal-Anness tar-Rakkomandazzjoni 2003/361/KE, sakemm dawk l-intrapriżi ma jkollhomx intrapriżi sħab jew intrapriżi relatati kif definit fl-Artikolu 3 tal-Anness tar-Rakkomandazzjoni 2003/361/KE li ma jikkwalifikawx bħala intrapriżi mikro jew żgħar.

Emenda 111

Proposta għal regolament
Artikolu 7 – paragrafu 2a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	2a. Id-detentur tad-data ma għandux ikun responsabbli fil-konfront tal-utent għal kwalunkwe dannu dirett jew indirett li jirriżulta mill-ipproċessar tad-data mill-utent wara li d-data tkun saret disponibbli.

Emenda 112

Proposta għal regolament
Artikolu 7a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	Artikolu 7a
	Termini kuntrattwali inġusti imposti fuq l-utenti u s-suġġetti tad-data
	Kwalunkwe terminu kuntrattwali minn detenturi tad-data, partijiet terzi jew riċevituri tad-data li, għad-detriment tal-utent, jeskludi l-applikazzjoni ta' dan il-Kapitolu, jidderoga minnu, jew jibdel l-effett tiegħu, ma għandux ikun vinkolanti fuq dak l-utent.

Emenda 113

Proposta għal regolament
Artikolu 9 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
1. Kwalunkwe kumpens miftiehem bejn detentur tad-data u riċevitur tad-data biex id-data tkun magħmula disponibbli għandu jkun raġonevoli.	1. Kwalunkwe kumpens miftiehem bejn detentur tad-data u riċevitur tad-data ***għall-kostijiet imġarrba b'mod dirett*** biex id-data tkun magħmula disponibbli għandu jkun ***ġust u*** raġonevoli***, u ma għandux jaqbeż il-kostijiet direttament relatati mal-għemil disponibbli tad-data***. ***Dawn il-kostijiet jinkludu l-kostijiet meħtieġa għar-riproduzzjoni tad-data u għad-disseminazzjoni permezz ta' mezzi elettroniċi, iżda mhux għall-ġbir, għall-ġenerazzjoni, jew għall-ħażna tad-data, sakemm dan ma jkunx meħtieġ minn talba.***

Emenda 114

Proposta għal regolament
Artikolu 9 – paragrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
2. ***Meta r-riċevitur tad-data jkun impriża mikro, żgħira jew medja, kif definit fl-Artikolu 2 tal-Anness tar-Rakkomandazzjoni 2003/361/KE, kwalunkwe kumpens miftiehem ma għandux jaqbeż il-kostijiet direttament relatati mal-għemil tad-data disponibbli għar-riċevitur tad-data u li huma attribwibbli għat-talba.*** L-Artikolu 8(3) għandu japplika kif xieraq.	2. L-Artikolu 8(3) għandu japplika kif xieraq.

Emenda 115

Proposta għal regolament
Artikolu 11 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
1. Id-detentur tad-data jista' japplika miżuri ta' protezzjoni teknika xierqa***, inklużi kuntratti intelliġenti,*** biex jipprevjeni aċċess mhux awtorizzat għad-data u biex jiżgura l-konformità mal-Artikoli 5, 6, 9 u 10, kif ukoll mat-termini kuntrattwali miftiehma biex id-data tkun magħmula disponibbli. Tali miżuri ta' protezzjoni teknika ma għandhomx jintużaw bħala mezz biex jiġi mfixkel id-dritt tal-utent li jipprovdi b'mod effettiv data lil partijiet terzi skont l-Artikolu 5 jew kwalunkwe dritt ta' parti terza skont id-dritt tal-Unjoni jew il-leġiżlazzjoni nazzjonali li timplimenta d-dritt tal-Unjoni kif imsemmi fl-Artikolu 8(1).	1. Id-detentur tad-data jista' japplika miżuri ta' protezzjoni teknika xierqa biex jipprevjeni ***divulgazzjoni u*** aċċess mhux awtorizzat għad-data u biex jiżgura l-konformità mal-Artikoli 5, 6, 9 u 10, kif ukoll mat-termini kuntrattwali miftiehma biex id-data tkun magħmula disponibbli. Tali miżuri ta' protezzjoni teknika ma għandhomx jintużaw bħala mezz ***għad-diskriminazzjoni jew*** biex jiġi mfixkel id-dritt tal-utent li ***jaċċessa d-data, jikseb kopja jew*** jipprovdi b'mod effettiv data lil partijiet terzi skont l-Artikolu 5 jew kwalunkwe dritt ta' parti terza skont id-dritt tal-Unjoni jew il-leġiżlazzjoni nazzjonali li timplimenta d-dritt tal-Unjoni kif imsemmi fl-Artikolu 8(1).

Emenda 116

Proposta għal regolament
Artikolu 11 – paragrafu 2 – parti introduttorja

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
2. Riċevitur tad-data li, għall-finijiet tal-kisba tad-data, ipprovda informazzjoni mhux preċiża jew falza lid-detentur tad-data, uża mezzi qarrieqa jew koerċittivi jew abbuża minn lakuni evidenti fl-infrastruttura teknika tad-detentur tad-data mfassla biex tipproteġi d-data, uża d-data magħmula disponibbli għal skopijiet mhux awtorizzati jew iddivulga dik id-data lil parti oħra mingħajr l-awtorizzazzjoni tad-detentur tad-data, għandu mingħajr dewmien żejjed, sakemm id-detentur tad-data jew l-utent ma jistipulax mod ieħor:	2. Riċevitur tad-data li, għall-finijiet tal-kisba tad-data, ipprovda informazzjoni mhux preċiża jew falza lid-detentur tad-data, uża mezzi qarrieqa jew koerċittivi jew abbuża minn lakuni evidenti fl-infrastruttura teknika tad-detentur tad-data mfassla biex tipproteġi d-data, uża d-data magħmula disponibbli għal skopijiet mhux awtorizzati jew iddivulga dik id-data lil parti oħra mingħajr l-awtorizzazzjoni tad-detentur tad-data ***jew fil-każ ta' data personali, bażi ġuridika xierqa skont ir-Regolament (UE) 2016/679***, għandu mingħajr dewmien żejjed, sakemm id-detentur tad-data jew l-utent ma jistipulax mod ieħor:

Emenda 117

Proposta għal regolament
Artikolu 11 – paragrafu 2 – punt ba (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(ba) jinforma lill-utent bi kwalunkwe użu jew divulgazzjoni mhux awtorizzati tad-data kif ukoll bil-miżuri meħuda biex dan jintemm.

Emenda 118

Proposta għal regolament
Artikolu 11 – paragrafu 3 – parti introduttorja

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
3. Il-paragrafu 2(b), ma għandux japplika f'xi wieħed mill-każijiet li ġejjin:	3. Il-paragrafu 2(b), ma għandux japplika f'xi wieħed mill-każijiet li ġejjin ***li fih hija involuta data mhux personali***:

Emenda 119

Proposta għal regolament
Artikolu 12 – paragrafu 1a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	1a. Id-detentur tad-data ma għandu jkun responsabbli għall-ebda dannu dirett jew indirett li jirriżulta minn, li huwa relatat ma', jew li jkollu rabta mal-ipproċessar tad-data mir-riċevitur tad-data wara li d-data tkun saret disponibbli.

Emenda 120

Proposta għal regolament
Artikolu 12 – paragrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
2. Kwalunkwe terminu kuntrattwali fi ftehim dwar il-kondiviżjoni tad-data li, għad-detriment ta' parti waħda, jew, fejn applikabbli, għad-detriment tal-utent, jeskludi l-applikazzjoni ta' dan il-Kapitolu, jidderoga minnu, jew ivarja l-effett tiegħu, ***ma għandux ikun vinkolanti fuq dik il-parti***.	2. Kwalunkwe terminu kuntrattwali fi ftehim dwar il-kondiviżjoni tad-data li, għad-detriment ta' parti waħda, jew, fejn applikabbli, għad-detriment tal-utent, jeskludi l-applikazzjoni ta' dan il-Kapitolu, jidderoga minnu, jew ivarja l-effett tiegħu, ***għandu jkun null***.

Emenda 121

Proposta għal regolament
Artikolu 12 – paragrafu 2a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	2a. Kwalunkwe terminu kuntrattwali fi ftehim dwar il-kondiviżjoni tad-data bejn id-detenturi tad-data u r-riċevituri tad-data li, għad-detriment tas-suġġetti tad-data, jipperikola l-applikazzjoni tad-drittijiet tagħhom għall-privatezza u l-protezzjoni tad-data, jidderoga minnu, jew ivarja l-effett tiegħu, għandu jkun null.

Emenda 122

Proposta għal regolament
Artikolu 13 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
1. Terminu kuntrattwali, dwar l-aċċess għal u l-użu ta' data jew ir-responsabbiltà u r-rimedji għall-ksur jew it-terminazzjoni ta' obbligi relatati mad-data li jkunu ġew imposti unilateralment minn intrapriża fuq intrapriża mikro, żgħira jew ta' daqs medju kif definita fl-Artikolu 2 tal-Anness tar-Rakkomandazzjoni 2003/361/KE ma għandux ikun vinkolanti fuq l-intrapriża ***tal-aħħar*** jekk ikun inġust.	1. Terminu kuntrattwali, dwar l-aċċess għal u l-użu ta' data jew ir-responsabbiltà u r-rimedji għall-ksur jew it-terminazzjoni ta' obbligi relatati mad-data li jkunu ġew imposti unilateralment minn intrapriża fuq intrapriża mikro, żgħira jew ta' daqs medju kif definita fl-Artikolu 2 tal-Anness tar-Rakkomandazzjoni 2003/361/KE***, jew li jkun ġie impost unilateralment minn intrapriża li hija s-sors tad-data fil-pussess tagħhom*** ma għandux ikun vinkolanti fuq l-intrapriża ***mikro, żgħira jew ta' daqs medju, ir-riċevitur tad-data jew l-utent, rispettivament,*** jekk ikun inġust.

Emenda 123

Proposta għal regolament
Artikolu 13 – paragrafu 1a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	1a. Terminu kuntrattwali ma għandux jitqies inġust meta jirriżulta mil-liġi applikabbli tal-Unjoni.

Emenda 124

Proposta għal regolament
Artikolu 14 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
1. Fuq talba, detentur tad-data għandu jagħmel id-data disponibbli għal korp tas-settur pubbliku jew ***għal istituzzjoni***, aġenzija jew korp tal-Unjoni li juri ħtieġa eċċezzjonali li juża d-data mitluba.	1. Fuq talba ***debitament ġustifikata u limitata fiż-żmien u l-ambitu***, detentur tad-data ***li huwa persuna ġuridika*** għandu jagħmel id-data disponibbli għal korp tas-settur pubbliku jew ***għall-istituzzjoni***, aġenzija jew korp tal-Unjoni li juri ħtieġa

	eċċezzjonali ***skont l-Artikolu 15*** li juża d-data mitluba.

Emenda 125

Proposta għal regolament
Artikolu 14 – paragrafu 1a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	1a. Korp tas-settur pubbliku jew istituzzjoni, aġenzija jew korp tal-Unjoni għandu jkun jista' jestendi ż-żmien li għalih tintalab id-data billi jagħmel talba ġustifikata, jipprovdi limitu ta' żmien speċifiku, meta l-ħtieġa eċċezzjonali skont l-Artikolu 15 b'mod dimostrabbli tkompli, u meta jkun previst hekk fid-dritt tal-Unjoni jew nazzjonali.

Emenda 126

Proposta għal regolament
Artikolu 14 – paragrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
2. Dan il-Kapitolu ma għandux japplika għall-intrapriżi żgħar u mikro kif definiti fl-Artikolu 2 tal-Anness tar-Rakkomandazzjoni 2003/361/KE.	***imħassar***

Emenda 127

Proposta għal regolament
Artikolu 15 – paragrafu 1 – parti introduttorja

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Ħtieġa eċċezzjonali li juża d-data skont it-tifsira ta' dan il-Kapitolu għandha titqies li teżisti ***fi*** kwalunkwe waħda ***miċ-ċirkostanzi*** li ġejjin:	Ħtieġa eċċezzjonali li juża d-data skont it-tifsira ta' dan il-Kapitolu għandha titqies li teżisti ***meta tiġi ssodisfata*** kwalunkwe waħda ***mill-kundizzjonijiet*** li ġejjin:

Emenda 128

Proposta għal regolament
Artikolu 15 – paragrafu 1 – punt a

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(a) ***meta d-data mitluba*** tkun meħtieġa bi tweġiba għal emerġenza pubblika;	(a) ***id-data*** tkun ***strettament*** meħtieġa bi tweġiba għal emerġenza pubblika;

Emenda 129

Proposta għal regolament
Artikolu 15 – paragrafu 1 – punt b

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(b) ***meta t-talba għad-data*** tkun ***limitata fiż-żmien u fl-ambitu u tkun*** meħtieġa biex ***tiġi evitata emerġenza pubblika jew biex jiġi assistit*** l-irkupru minn emerġenza pubblika***;***	(b) ***id-data*** tkun ***strettament*** meħtieġa biex ***tassisti*** l-irkupru minn emerġenza pubblika***.***

Emenda 130

Proposta għal regolament
Artikolu 15 – paragrafu 1 – punt c

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(c) meta n-nuqqas ta' data disponibbli jipprevjeni lill-korp tas-settur pubbliku jew lill-istituzzjoni, lill-aġenzija jew lill-korp tal-Unjoni milli jwettaq kompitu speċifiku fl-interess pubbliku li jkun ġie pprovdut b'mod espliċitu mil-liġi; u	***imħassar***
(1) l-korp tas-settur pubbliku jew l-istituzzjoni, l-aġenzija jew il-korp tal-Unjoni ma jistax jikseb tali data b'mezzi alternattivi, inkluż billi jixtri d-data dwar is-suq bir-rati tas-suq jew billi jibbaża fuq l-obbligi eżistenti biex jagħmel id-data disponibbli, u l-adozzjoni ta' miżuri leġiżlattivi ġodda ma tistax tiżgura d-disponibbiltà f'waqtha tad-data; jew	

(2) il-kisba tad-data f'konformità mal-proċedura stabbilita f'dan il-Kapitolu tnaqqas b'mod sostanzjali l-piż amministrattiv għad-detenturi tad-data jew għal intrapriżi oħra.

Emenda 131

Proposta għal regolament
Artikolu 16 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
1. Dan il-Kapitolu ma għandux jaffettwa l-obbligi stabbiliti fil-liġi tal-Unjoni jew nazzjonali għall-finijiet tar-rapportar, il-konformità mat-talbiet għal informazzjoni jew il-wiri jew il-verifika tal-konformità mal-obbligi legali.	1. Dan il-Kapitolu ma għandux jaffettwa l-obbligi stabbiliti fil-liġi tal-Unjoni jew nazzjonali għall-finijiet tar-rapportar, il-konformità mat-talbiet għal informazzjoni jew il-wiri jew il-verifika tal-konformità mal-obbligi legali***, inkluż fir-rigward tal-istatistika uffiċjali***.

Emenda 132

Proposta għal regolament
Artikolu 16 – paragrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
2. ***Id-drittijiet minn*** dan il-Kapitolu ma ***għandhomx jiġu eżerċitati minn*** korpi tas-settur pubbliku u istituzzjonijiet, aġenziji u korpi tal-Unjoni ***sabiex iwettqu*** attivitajiet għall-prevenzjoni, għall-investigazzjoni, għall-individwazzjoni jew għall-prosekuzzjoni ta' reati kriminali jew amministrattivi jew għall-eżekuzzjoni ta' pieni kriminali, jew għall-amministrazzjoni doganali jew tat-tassazzjoni. Dan il-Kapitolu ma jaffettwax il-liġi applikabbli tal-Unjoni u dik nazzjonali dwar il-prevenzjoni, l-investigazzjoni, is-sejba jew il-prosekuzzjoni ta' reati kriminali jew amministrattivi jew l-eżekuzzjoni ta' pieni kriminali jew amministrattivi, jew għall-amministrazzjoni doganali jew tat-tassazzjoni.	2. Dan il-Kapitolu ***ma għandux japplika għal*** korpi tas-settur pubbliku u istituzzjonijiet, aġenziji u korpi tal-Unjoni ***li jwettqu*** attivitajiet għall-prevenzjoni, għall-investigazzjoni, għall-individwazzjoni jew għall-prosekuzzjoni ta' reati kriminali jew amministrattivi jew għall-eżekuzzjoni ta' pieni kriminali, jew għall-amministrazzjoni doganali jew tat-tassazzjoni. Dan il-Kapitolu ma jaffettwax il-liġi applikabbli tal-Unjoni u dik nazzjonali dwar il-prevenzjoni, l-investigazzjoni, is-sejba jew il-prosekuzzjoni ta' reati kriminali jew amministrattivi jew l-eżekuzzjoni ta' pieni kriminali jew amministrattivi, jew għall-amministrazzjoni doganali jew tat-tassazzjoni.

Emenda 133

Proposta għal regolament
Artikolu 17 – paragrafu 1 – punt b

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(b) juri l-ħtieġa eċċezzjonali li għaliha tintalab id-data;	(b) juri l-ħtieġa eċċezzjonali ***skont l-Artikolu 15*** li għaliha tintalab id-data***, u b'mod partikolari l-ħtieġa u l-bażi ġuridika li tiġi inkluża d-data personali***;

Emenda 134

Proposta għal regolament
Artikolu 17 – paragrafu 1 – punt c

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(c) jispjega l-iskop tat-talba, l-użu maħsub tad-data mitluba, ***u*** t-tul ta' dak l-użu;	(c) jispjega l-iskop tat-talba, l-użu maħsub tad-data mitluba, ***inkluż kif l-ipproċessar tad-data se jindirizza l-ħtieġa eċċezzjonali, u jindika*** t-tul ta' dak l-użu***, u lil liema partijiet terzi se tiġi divulgata data skont l-Artikolu 21***;

Emenda 135

Proposta għal regolament
Artikolu 17 – paragrafu 1 – punt ca (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(ca) meta tintalab data personali, jispeċifika kwalunkwe miżura meħtieġa u proporzjonata biex jiġu implimentati l-prinċipji tal-protezzjoni tad-data, b'mod partikolari l-estent sa fejn tista' tiġi applikata l-anonimizzazzjoni, jew il-livell ta' aggregazzjoni jew psewdonimizzazzjoni li għandu jiġi applikat mid-detentur tad-data qabel ma d-data ssir disponibbli;

Emenda 136

Proposta għal regolament
Artikolu 17 – paragrafu 1 – punt e

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(e) jispeċifika l-iskadenza sa meta d-data għandha ssir disponibbli ***jew li sa meta d-detentur tad-data jista' jitlob lill-korp tas-settur pubbliku, lill-istituzzjoni, lill-aġenzija jew lill-korp tal-Unjoni biex jimmodifika jew jirtira t-talba***.	(e) jispeċifika l-iskadenza sa meta d-data għandha ssir disponibbli.

Emenda 137

Proposta għal regolament
Artikolu 17 – paragrafu 1 – punt ea (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(ea) meta t-talba ssir minn korp tas-settur pubbliku lil detentur tad-data stabbilit fi Stat Membru ieħor, jikkonferma li l-korp tas-settur pubbliku jkun innotifika lill-awtorità kompetenti ta' dak l-Istat Membru f'konformità mal-Artikolu 22(3).

Emenda 138

Proposta għal regolament
Artikolu 17 – paragrafu 2 – punt b

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(b) tkun proporzjonali għall-ħtieġa eċċezzjonali, f'termini tal-granularità ***u l-volum*** tad-data mitluba ***u l-frekwenza*** tal-aċċess tad-data mitluba;	(b) tkun proporzjonali għall-ħtieġa eċċezzjonali, f'termini tal-granularità***, il-volum u n-natura*** tad-data mitluba***, kif ukoll il-frekwenza*** tal-aċċess tad-data mitluba;

Emenda 139

Proposta għal regolament
Artikolu 17 – paragrafu 2 – punt d

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(d) tikkonċerna, sa fejn ikun possibbli, data mhux personali;	(d) tikkonċerna, sa fejn ikun possibbli, data mhux personali***, u biss jekk jintwera li din mhijiex biżżejjed biex twieġeb għall-ħtieġa eċċezzjonali li tintuża d-data, titlob data personali f'forma aggregata jew psewdonimizzata***;

Emenda 140

Proposta għal regolament
Artikolu 17 – paragrafu 4 – subparagrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Il-paragrafu 3 ma jipprekludix lil korp tas-settur pubbliku jew lil istituzzjoni, lil aġenzija jew lil korp tal-Unjoni milli ***jiskambja data miksuba skont dan il-Kapitolu ma' korp ieħor tas-settur pubbliku, istituzzjoni, aġenzija jew korp tal-Unjoni, bil-ħsieb li jtemm il-kompiti fl-Artikolu 15 jew li*** jagħmel id-data disponibbli għal parti terza f'każijiet fejn ikun esternalizza, permezz ta' ftehim disponibbli għall-pubbliku, spezzjonijiet tekniċi jew funzjonijiet oħra lil din il-parti terza. Japplikaw l-obbligi fuq il-korpi tas-settur pubbliku, l-istituzzjonijiet, l-aġenziji jew il-korpi tal-Unjoni skont l-Artikolu 19.	Il-paragrafu 3 ma jipprekludix lil korp tas-settur pubbliku jew lil istituzzjoni, lil aġenzija jew lil korp tal-Unjoni milli jagħmel id-data disponibbli għal parti terza f'każijiet fejn ikun esternalizza, permezz ta' ftehim disponibbli għall-pubbliku, spezzjonijiet tekniċi jew funzjonijiet oħra lil din il-parti terza. Japplikaw l-obbligi fuq il-korpi tas-settur pubbliku, l-istituzzjonijiet, l-aġenziji jew il-korpi tal-Unjoni skont l-Artikolu 19***, anke għal tali partijiet terzi***.

Emenda 141

Proposta għal regolament
Artikolu 17 – paragrafu 4a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	4a. Meta korp tas-settur pubbliku jew istituzzjoni, aġenzija, jew korp tal-Unjoni jkollu raġuni biex jemmen li l-iskambju ta' data mhux personali jew l-aċċess

għaliha jista' jwassal għar-riskju ta' identifikazzjoni mill-ġdid ta' data mhux personali, jew anonimizzata, il-korp tas-settur pubbliku jew istituzzjoni, aġenzija, jew korp tal-Unjoni għandu jitlob lill-korpi jew lill-awtoritajiet rilevanti kompetenti skont il-leġiżlazzjoni applikabbli dwar il-protezzjoni tad-data biex jingħata awtorizzazzjoni qabel jiskambja jew jagħti aċċess għad-data.

Emenda 142

Proposta għal regolament
Artikolu 17a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	Artikolu 17a
	Punt ta' kuntatt għat-talbiet għad-data
	1. L-Istati Membri huma mħeġġa jaħtru punt wieħed jew aktar ta' kuntatt biex jikkoordina u jappoġġa lill-korpi tas-settur pubbliku fit-talba għal data skont dan il-Kapitolu. Il-punti ta' kuntatt għandhom jgħinu jipprevjenu talbiet doppji u talbiet li ma jissodisfawx ir-rekwiżiti u l-kundizzjonijiet ta' dan il-Kapitolu.
	2. L-Istati Membri għandhom jinnotifikaw lill-Kummissjoni bil-punti ta' kuntatt li huma ħatru.
	3. Il-Kummissjoni għandha żżomm reġistru pubbliku tal-punti ta' kuntatt.

Emenda 143

Proposta għal regolament
Artikolu 18 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
1. Detentur ta' data li jirċievi talba għal aċċess għad-data skont dan il-Kapitolu għandu jagħmel id-data disponibbli għall-	1. Detentur ta' data li jirċievi talba għal aċċess għad-data skont dan il-Kapitolu għandu jagħmel id-data disponibbli għall-

korp tas-settur pubbliku jew istituzzjoni, aġenzija jew korp tal-Unjoni rikjedenti mingħajr dewmien żejjed.	korp tas-settur pubbliku jew istituzzjoni, aġenzija jew korp tal-Unjoni rikjedenti mingħajr dewmien żejjed ***u għat-tul tal-użu maħsub skont l-Artikolu 17(1)(c)***.

Emenda 144

Proposta għal regolament
Artikolu 18 – paragrafu 2 – parti introduttorja

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
2. Mingħajr preġudizzju għall-ħtiġijiet speċifiċi rigward id-disponibbiltà tad-data definiti fil-leġiżlazzjoni settorjali, id-detentur tad-data jista' jirrifjuta jew ifittex il-modifika tat-talba fi żmien ħamest (5) ijiem tax-xogħol wara li jirċievi talba għad-data meħtieġa bħala tweġiba għal emerġenza pubblika ***u fi żmien 15-il jum tax-xogħol f'każijiet oħra ta' ħtieġa eċċezzjonali,*** għal waħda mir-raġunijiet li ġejjin:	2. Mingħajr preġudizzju għall-ħtiġijiet speċifiċi rigward id-disponibbiltà tad-data definiti fil-leġiżlazzjoni settorjali, id-detentur tad-data jista' jirrifjuta jew ifittex il-modifika tat-talba ***u l-iskadenza mitluba*** fi żmien ħamest (5) ijiem tax-xogħol wara li jirċievi talba għad-data meħtieġa bħala tweġiba għal emerġenza pubblika għal waħda mir-raġunijiet li ġejjin:

Emenda 145

Proposta għal regolament
Artikolu 18 – paragrafu 2 – punt a

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(a) ***id-data*** ma tkunx disponibbli;	(a) ***force majeure jew impossibbiltà de facto li mhijiex attribwibbli għad-detentur tad-data, inklużi raġunijiet tekniċi u organizzazzjonali, bħali li d-data*** ma tkunx disponibbli;

Emenda 146

Proposta għal regolament
Artikolu 18 – paragrafu 2 – punt b

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(b) it-talba ma tissodisfax ***il-***	(b) ***id-detentur tad-data jiddikjara li*** t-

kundizzjonijiet stabbiliti fl-Artikolu 7(1) u (2).	talba ***mhijiex kompluta, fiha żbalji ċari fil-forma jew fil-kontenut, hija manifestament abbużiva, jew*** ma tissodisfax ***jew taqbeż kwalunkwe waħda mill-kundizzjonijiet*** stabbiliti fl-Artikolu 17(1) u (2).

Emenda 147

Proposta għal regolament
Artikolu 18 – paragrafu 5

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
5. Meta l-konformità mat-talba biex id-data tkun magħmula disponibbli għal korp tas-settur pubbliku jew għal istituzzjoni, aġenzija jew korp tal-Unjoni tkun teħtieġ id-divulgazzjoni ta' data personali, id-detentur tad-data għandu ***jagħmel sforzi raġonevoli biex*** jipsewdonimizza d-data***, dment li t-talba tkun tista' tiġi ssodisfata b'data psewdonimizzata***.	5. Meta l-konformità mat-talba biex id-data tkun magħmula disponibbli għal korp tas-settur pubbliku jew għal istituzzjoni, aġenzija jew korp tal-Unjoni tkun teħtieġ id-divulgazzjoni ta' data personali, id-detentur tad-data għandu jipsewdonimizza d-data ***personali li għandha ssir disponibbli***.

Emenda 148

Proposta għal regolament
Artikolu 18 – paragrafu 6a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	6a. Detentur tad-data li jikkonforma ma' talba għall-aċċess għal data skont dan l-Artikolu ma għandu jkun responsabbli għall-ebda azzjoni jew dannu dirett jew indirett li jirriżulta mill-azzjonijiet ta' riċevitur ta' data skont dan il-Kapitolu.

Emenda 149

Proposta għal regolament
Artikolu 19 – paragrafu 1 – parti introduttorja

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
1. Korp tas-settur pubbliku jew istituzzjoni, aġenzija jew korp tal-Unjoni li ***jkun irċieva data wara talba magħmula*** skont l-Artikolu 14 għandu:	1. Korp tas-settur pubbliku jew istituzzjoni, aġenzija jew korp tal-Unjoni li ***jitlob*** skont l-Artikolu 14 għandu:

Emenda 150

Proposta għal regolament
Artikolu 19 – paragrafu 1 – punt a

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(a) ***ma jużax*** id-data b'mod li ***ma jkunx*** kompatibbli mal-iskop li għalih tkun intalbet;	(a) ***juża biss*** id-data b'mod li ***jkun*** kompatibbli mal-iskop li għalih tkun intalbet ***u fit-tul ta' żmien maħsub tal-użu maħsub skont l-Artikolu 17(1)(c)***;

Emenda 151

Proposta għal regolament
Artikolu 19 – paragrafu 1 – punt b

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(b) jimplimenta, sa fejn ikun meħtieġ l-ipproċessar ta' data personali, miżuri tekniċi u organizzazzjonali li jissalvagwardjaw id-drittijiet u l-libertajiet tas-suġġetti tad-data;	(b) jimplimenta, sa fejn ikun meħtieġ l-ipproċessar ta' data personali, miżuri tekniċi u organizzazzjonali li jissalvagwardjaw id-drittijiet u l-libertajiet tas-suġġetti tad-data ***u jiggarantixxu livell għoli ta' sigurtà u jipprevjenu d-divulgazzjoni mhux awtorizzata tad-data***;

Emenda 152

Proposta għal regolament
Artikolu 19 – paragrafu 1 – punt ba (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(ba) jinforma lid-detentur tad-data mingħajr dewmien żejjed bi kwalunkwe inċident tas-sigurtà li jkun seħħ, meta dan

jaffettwa l-kunfidenzjalità, l-integrità jew id-disponibbiltà tad-data pprovduta;

Emenda 153

Proposta għal regolament
Artikolu 19 – paragrafu 1 – punt ca (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(ca) jeqred kwalunkwe data derivata jew inferita hekk kif din ma tibqax meħtieġa għall-iskop iddikjarat u jinforma lid-detentur tad-data li d-data nqerdet.

Emenda 154

Proposta għal regolament
Artikolu 20 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
1. Id-data magħmula disponibbli biex twieġeb għal emerġenza pubblika skont l-Artikolu 15***(a),*** għandha tiġi pprovduta mingħajr ħlas.	1. Id-data magħmula disponibbli biex twieġeb għal emerġenza pubblika skont l-Artikolu ***15*** għandha tiġi pprovduta mingħajr ħlas.

Emenda 155

Proposta għal regolament
Artikolu 20 – paragrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
2. ***Meta d-detentur*** tad-data jitlob kumpens biex id-data tkun magħmula disponibbli f'konformità ma' talba magħmula skont l-Artikolu 15***(b) jew (c)***, tali kumpens ma għandux jaqbeż l-ispejjeż tekniċi u organizzazzjonali mġarrba għall-konformità mat-talba inkluż, fejn meħtieġ, l-ispejjeż tal-anonimizzazzjoni u tal-adattament tekniku***, flimkien ma' marġni raġonevoli***. Fuq talba tal-korp tas-settur	2. ***Wara li jipprovdi d-data, id-detentur*** tad-data ***għandu jkun intitolat li*** jitlob kumpens biex id-data tkun magħmula disponibbli f'konformità ma' talba magħmula skont l-Artikolu 15**.** Tali kumpens ma għandux jaqbeż l-ispejjeż tekniċi u organizzazzjonali mġarrba għall-konformità mat-talba inkluż, fejn meħtieġ, l-ispejjeż tal-anonimizzazzjoni***, tal-aggregazzjoni,*** u tal-adattament tekniku.

pubbliku jew tal-istituzzjoni, tal-aġenzija jew tal-korp tal-Unjoni li jitlob id-data, id-detentur tad-data għandu jipprovdi informazzjoni abbażi tal-kalkolu tal-kostijiet ***u tal-marġni raġonevoli***.	Fuq talba tal-korp tas-settur pubbliku jew tal-istituzzjoni, tal-aġenzija jew tal-korp tal-Unjoni li jitlob id-data, id-detentur tad-data għandu jipprovdi informazzjoni abbażi tal-kalkolu tal-kostijiet.

Emenda 156

Proposta għal regolament
Artikolu 21 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
1. Korp tas-settur pubbliku jew istituzzjoni, aġenzija jew korp tal-Unjoni għandu jkun intitolat jikkondividi d-data riċevuta taħt dan il-Kapitolu ma' individwi jew ma' organizzazzjonijiet bil-ħsieb li jwettaq riċerka xjentifika jew analitika ***kompatibbli mal-iskop*** li għalih tkun intalbet id-data, jew ***ma' istituti nazzjonali tal-istatistika u mal-Eurostat*** għall-kompilazzjoni tal-istatistika uffiċjali.	1. Korp tas-settur pubbliku jew istituzzjoni, aġenzija jew korp tal-Unjoni għandu jkun intitolat jikkondividi d-data riċevuta taħt dan il-Kapitolu ma' individwi jew ma' organizzazzjonijiet***, inklużi istituti nazzjonali tal-istatistika u l-Eurostat,*** bil-ħsieb li jwettaq riċerka xjentifika jew analitika ***għall-iskop*** li għalih tkun intalbet id-data, jew għall-kompilazzjoni tal-istatistika uffiċjali.

Emenda 157

Proposta għal regolament
Artikolu 21 – paragrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
2. L-individwi jew l-organizzazzjonijiet li jirċievu d-data skont il-paragrafu 1 ***għandhom jaġixxu fuq bażi mhux għall-profitt jew fil-kuntest ta' missjoni ta' interess pubbliku rikonoxxuta fil-liġi tal-Unjoni jew tal-Istati Membri. Dawn ma għandhomx jinkludu organizzazzjonijiet li l-impriżi kummerċjali jkollhom influwenza deċiżiva fuqhom jew li jistgħu jirriżultaw f'aċċess preferenzjali għar-riżultati tar-riċerka.***	2. L-individwi jew l-organizzazzjonijiet li jirċievu d-data skont il-paragrafu 1 ***għandhom ikunu riċerkaturi approvati skont ir-Regolament 2022/2065 (l-Att dwar is-Servizzi Diġitali), jew juru li jissodisfaw il-kriterji kollha li ġejjin:***

Emenda 158

Proposta għal regolament
Artikolu 21 – paragrafu 2 – punt a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(a) ikunu jaġixxu fuq bażi mingħajr skop ta' qligħ jew fil-kuntest ta' missjoni ta' interess pubbliku rikonoxxuta fil-liġi tal-Unjoni jew tal-Istati Membri;

Emenda 159

Proposta għal regolament
Artikolu 21 – paragrafu 2 – punt b (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(b) ma jkunux jinkludu organizzazzjonijiet li l-impriżi kummerċjali jkollhom influwenza deċiżiva fuqhom jew li jistgħu jirriżultaw f'aċċess preferenzjali għar-riżultati tar-riċerka;

Emenda 160

Proposta għal regolament
Artikolu 21 – paragrafu 2 – punt c (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(c) ikunu affiljati ma' organizzazzjoni tar-riċerka kif definita fl-Artikolu 2, punt (1) tad-Direttiva (UE) 2019/790;

Emenda 161

Proposta għal regolament
Artikolu 21 – paragrafu 2 – punt d (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(d) ikunu indipendenti minn interessi kummerċjali;

Emenda 162

Proposta għal regolament
Artikolu 21 – paragrafu 2 – punt e (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(e) jiżvelaw il-finanzjament tar-riċerka;

Emenda 163

Proposta għal regolament
Artikolu 21 – paragrafu 2 – punt f (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(f) ikunu f'pożizzjoni li jippreservaw ir-rekwiżiti speċifiċi tas-sigurtà u l-kunfidenzjalità tad-data li jikkorrispondu għal kull talba [u li jipproteġu d-data personali], u juru l-miżuri tekniċi u organizzazzjonali xierqa li jkunu implimentaw għal dan il-għan;

Emenda 164

Proposta għal regolament
Artikolu 21 – paragrafu 2 – punt g (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(g) jiġġustifikaw il-ħtieġa u l-proporzjonalità għall-iskop tar-riċerka tagħhom tad-data mitluba u l-perjodi ta' żmien li għalihom jitolbu aċċess għad-data, u juru l-kontribut għall-progress xjentifiku jew akkademiku, jew il-benefiċċji għall-interess pubbliku, tar-riżultati mistennija tar-riċerka;

Emenda 165

Proposta għal regolament
Artikolu 21 – paragrafu 2 – punt h (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(h) jimpenjaw ruħhom li jqiegħdu r-riżultati tar-riċerka tagħhom għad-dispożizzjoni tal-pubbliku għal riċerka ulterjuri mingħajr ħlas, fi żmien raġonevoli wara t-tlestija tar-riċerka u filwaqt li jitqiesu d-drittijiet u l-interessi tal-utenti tal-prodott jew tas-servizz ikkonċernat.

Emenda 166

Proposta għal regolament
Artikolu 21 – paragrafu 3

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
3. Individwi jew organizzazzjonijiet li jirċievu d-data skont il-paragrafu 1 għandhom jikkonformaw mad-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 17(3) u tal-Artikolu 19.	3. Individwi jew organizzazzjonijiet li jirċievu d-data skont il-paragrafu 1 għandhom jikkonformaw mad-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 17(3) u tal-Artikolu 19. ***Meta dan ikun meħtieġ għar-riċerka xjentifika, l-analitika jew għall-iskop ta' statistika uffiċjali, l-Artikolu 19(1)(c) u (ca) ma għandux japplika.***

Emenda 167

Proposta għal regolament
Artikolu 21 – paragrafu 4

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
4. Meta korp tas-settur pubbliku jew istituzzjoni, aġenzija jew korp tal-Unjoni jittrażmetti jew jagħmel id-data disponibbli skont il-paragrafu 1, huwa għandu jinnotifika lid-detentur tad-data li mingħandu tkun waslet id-data.	4. Meta korp tas-settur pubbliku jew istituzzjoni, aġenzija jew korp tal-Unjoni għandu l-ħsieb jittrażmetti jew jagħmel id-data disponibbli skont il-paragrafu 1, huwa għandu jinnotifika lid-detentur tad-data li mingħandu tkun waslet id-data***, u jipprovdi d-dettalji tal-identità u ta' kuntatt tar-riċevitur tad-data u informazzjoni dwar il-finijiet u t-tul maħsub tal-ipproċessar tad-data***.

Emenda 168

Proposta għal regolament
Artikolu 22 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
1. Il-korpi tas-settur pubbliku u l-istituzzjonijiet, l-aġenziji u l-korpi tal-Unjoni għandhom jikkooperaw u jassistu lil xulxin, biex jimplimentaw dan il-Kapitolu b'mod konsistenti.	1. Il-korpi tas-settur pubbliku u l-istituzzjonijiet, l-aġenziji u l-korpi tal-Unjoni ***li għalihom japplika dan il-Kapitolu*** għandhom jikkooperaw u jassistu lil xulxin, biex jimplimentaw dan il-Kapitolu b'mod konsistenti.

Emenda 169

Proposta għal regolament
Artikolu 27 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
1. Il-fornituri tas-servizzi tal-ipproċessar tad-data għandhom jieħdu l-miżuri tekniċi, ġuridiċi u organizzazzjonali ***raġonevoli*** kollha, inkluż arranġamenti kuntrattwali, sabiex jevitaw it-trasferiment internazzjonali jew l-aċċess tal-gvern għal data mhux personali miżmuma fl-Unjoni fejn tali trasferiment jew aċċess joħloq kunflitt mad-dritt tal-Unjoni jew mal-liġi nazzjonali tal-Istat Membru rilevanti***, minħajr preġudizzju għall-paragrafi 2 jew 3***.	1. Il-fornituri tas-servizzi tal-ipproċessar tad-data għandhom jieħdu l-miżuri tekniċi, ġuridiċi u organizzazzjonali ***xierqa*** kollha, inkluż arranġamenti kuntrattwali, sabiex jevitaw it-trasferiment internazzjonali jew l-aċċess tal-gvern għal data mhux personali miżmuma fl-Unjoni fejn tali trasferiment jew aċċess joħloq kunflitt mad-dritt tal-Unjoni jew mal-liġi nazzjonali tal-Istat Membru rilevanti.

Emenda 170

Proposta għal regolament
Artikolu 27 – paragrafu 3 – subparagrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Id-destinatarju tad-deċiżjoni jista' jitlob l-opinjoni tal-korpi jew tal-awtoritajiet kompetenti rilevanti, skont dan ir-Regolament, sabiex jiddetermina jekk	Id-destinatarju tad-deċiżjoni jista' jitlob l-opinjoni tal-korpi jew tal-awtoritajiet kompetenti rilevanti, skont dan ir-Regolament, sabiex jiddetermina jekk

dawn il-kundizzjonijiet humiex issodisfati, b'mod partikolari meta jqis li d-deċiżjoni tista' tkun relatata ma' data kummerċjalment sensittiva, jew tista' taffettwa l-interessi nazzjonali ta' sigurtà jew ta' difiża tal-Unjoni jew tal-Istati Membri tagħha.	dawn il-kundizzjonijiet humiex issodisfati, b'mod partikolari meta jqis li d-deċiżjoni tista' tkun relatata ma' data kummerċjalment sensittiva, jew tista' taffettwa l-interessi nazzjonali ta' sigurtà jew ta' difiża tal-Unjoni jew tal-Istati Membri tagħha. ***Jekk l-opinjoni tal-awtoritajiet kompetenti tikkonkludi li l-kundizzjonijiet ma ġewx issodisfati, ir-riċevitur ma għandux jipprovdi aċċess għad-data.***

Emenda 171

Proposta għal regolament
Artikolu 27 – paragrafu 3 – subparagrafu 3

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Il-Bord Ewropew għall-Innovazzjoni fil-Qasam tad-Data stabbilit skont ir-Regolament ***[xxx – DGA]*** għandu jagħti pariri u jassisti lill-Kummissjoni fl-iżvilupp ta' linji gwida dwar il-valutazzjoni ta' jekk dawn il-kundizzjonijiet humiex issodisfati.	Il-Bord Ewropew għall-Innovazzjoni fil-Qasam tad-Data stabbilit skont ir-Regolament ***(UE) 2022/868*** għandu jagħti pariri u jassisti lill-Kummissjoni fl-iżvilupp ta' linji gwida dwar il-valutazzjoni ta' jekk dawn il-kundizzjonijiet humiex issodisfati.

Emenda 172

Proposta għal regolament
Artikolu 27 – paragrafu 4a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	4a. Meta l-fornitur tas-servizzi tal-ipproċessar tad-data jkollu raġuni biex jemmen li t-trasferiment ta' data mhux personali jew l-aċċess għaliha jista' jwassal għar-riskju ta' identifikazzjoni mill-ġdid ta' data mhux personali, jew anonimizzata, il-fornitur għandu jitlob lill-korpi jew lill-awtoritajiet rilevanti kompetenti skont il-leġiżlazzjoni applikabbli dwar il-protezzjoni tad-data għall-awtorizzazzjoni qabel jittrasferixxi jew jagħti aċċess għad-data.

Emenda 173

Proposta għal regolament
Artikolu 28 – paragrafu 4

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
4. Il-Kummissjoni ***tista'***, f'konformità mal-Artikolu 10 tar-Regolament (UE) Nru 1025/2012, titlob lil organizzazzjoni Ewropea tal-istandardizzazzjoni waħda jew aktar biex tabbozza standards armonizzati li jissodisfaw ir-rekwiżiti essenzjali skont il-paragrafu 1 ta' dan l-Artikolu	4. Il-Kummissjoni ***għandha***, f'konformità mal-Artikolu 10 tar-Regolament (UE) Nru 1025/2012, titlob lil organizzazzjoni Ewropea tal-istandardizzazzjoni waħda jew aktar biex tabbozza standards armonizzati li jissodisfaw ir-rekwiżiti essenzjali skont il-paragrafu 1 ta' dan l-Artikolu

Emenda 174

Proposta għal regolament
Artikolu 28 – paragrafu 5

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
5. Il-Kummissjoni għandha, permezz ta' atti ta' implimentazzjoni, tadotta speċifikazzjonijiet komuni, fejn ma jkunux jeżistu standards armonizzati msemmija fil-paragrafu 4 ta' dan l-Artikolu jew f'każ li tqis li l-istandards armonizzati rilevanti ma humiex biżżejjed biex tiġi żgurata l-konformità mar-rekwiżiti essenzjali fil-paragrafu 1 ta' dan l-Artikolu, fejn meħtieġ, fir-rigward ta' kwalunkwe rekwiżit jew fir-rigward tar-rekwiżiti kollha stabbiliti fil-paragrafu 1 ta' dan l-Artikolu. Dawk l-atti ta' implimentazzjoni għandhom jiġu adottati skont il-proċedura ta' eżami msemmija fl-Artikolu 39(2).	5. Il-Kummissjoni għandha, permezz ta' atti ta' implimentazzjoni, tadotta speċifikazzjonijiet komuni, fejn ma jkunux jeżistu standards armonizzati msemmija fil-paragrafu 4 ta' dan l-Artikolu jew f'każ li tqis li l-istandards armonizzati rilevanti ma humiex biżżejjed biex tiġi żgurata l-konformità mar-rekwiżiti essenzjali fil-paragrafu 1 ta' dan l-Artikolu, fejn meħtieġ, fir-rigward ta' kwalunkwe rekwiżit jew fir-rigward tar-rekwiżiti kollha stabbiliti fil-paragrafu 1 ta' dan l-Artikolu. Dawk l-atti ta' implimentazzjoni għandhom jiġu adottati skont il-proċedura ta' eżami msemmija fl-Artikolu 39(2). ***L-ispeċifikazzjonijiet komuni għandhom jiġu żviluppati b'mod miftuħ u trasparenti, f'konsultazzjoni mal-industrija u mal-partijiet ikkonċernati rilevanti.***

Emenda 175

Proposta għal regolament
Artikolu 29 – paragrafu 4

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
4. Il-Kummissjoni ***tista'***, f'konformità mal-Artikolu 10 tar-Regolament (UE) Nru 1025/2012, titlob lil organizzazzjoni Ewropea tal-istandardizzazzjoni waħda jew lil aktar minn organizzazzjoni Ewropea tal-istandardizzazzjoni waħda biex jabbozzaw standards Ewropej applikabbli għal tipi speċifiċi ta' servizzi ta' servizzi tal-ipproċessar tad-data.	4. Il-Kummissjoni ***għandha***, f'konformità mal-Artikolu 10 tar-Regolament (UE) Nru 1025/2012, titlob lil organizzazzjoni Ewropea tal-istandardizzazzjoni waħda jew lil aktar minn organizzazzjoni Ewropea tal-istandardizzazzjoni waħda biex jabbozzaw standards Ewropej applikabbli għal tipi speċifiċi ta' servizzi ta' servizzi tal-ipproċessar tad-data.

Emenda 176

Proposta għal regolament
Artikolu 30 – paragrafu 5

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
5. Il-Kummissjoni ***tista'***, f'konformità mal-Artikolu 10 tar-Regolament (UE) Nru 1025/2012, titlob lil organizzazzjoni Ewropea tal-istandardizzazzjoni waħda jew lil aktar minn organizzazzjoni Ewropea tal-istandardizzazzjoni waħda biex jabbozzaw standards armonizzati li jissodisfaw ir-rekwiżiti essenzjali skont il-paragrafu 1 ta' dan l-Artikolu.	5. Il-Kummissjoni ***għandha***, f'konformità mal-Artikolu 10 tar-Regolament (UE) Nru 1025/2012, titlob lil organizzazzjoni Ewropea tal-istandardizzazzjoni waħda jew lil aktar minn organizzazzjoni Ewropea tal-istandardizzazzjoni waħda biex jabbozzaw standards armonizzati li jissodisfaw ir-rekwiżiti essenzjali skont il-paragrafu 1 ta' dan l-Artikolu.

Emenda 177

Proposta għal regolament
Artikolu 30 – paragrafu 6

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
6. Fejn ma jeżistux standards armonizzati msemmija fil-paragrafu 4 ta' dan l-Artikolu jew fejn il-Kummissjoni tqis li l-istandards armonizzati rilevanti ma humiex biżżejjed biex jiżguraw il-	6. Fejn ma jeżistux standards armonizzati msemmija fil-paragrafu 4 ta' dan l-Artikolu jew fejn il-Kummissjoni tqis li l-istandards armonizzati rilevanti ma humiex biżżejjed biex jiżguraw il-

konformità mar-rekwiżiti essenzjali fil-paragrafu 1 ta' dan l-Artikolu f'kuntest transfruntier, il-Kummissjoni tista', permezz ta' atti ta' implimentazzjoni, tadotta speċifikazzjonijiet komuni fir-rigward tar-rekwiżiti essenzjali stabbiliti fil-paragrafu 1 ta' dan l-Artikolu. Dawk l-atti ta' implimentazzjoni għandhom jiġu adottati skont il-proċedura ta' eżami msemmija fl-Artikolu 39(2).	konformità mar-rekwiżiti essenzjali fil-paragrafu 1 ta' dan l-Artikolu f'kuntest transfruntier, il-Kummissjoni tista', permezz ta' atti ta' implimentazzjoni, tadotta speċifikazzjonijiet komuni fir-rigward tar-rekwiżiti essenzjali stabbiliti fil-paragrafu 1 ta' dan l-Artikolu. Dawk l-atti ta' implimentazzjoni għandhom jiġu adottati skont il-proċedura ta' eżami msemmija fl-Artikolu 39(2). ***L-ispeċifikazzjonijiet komuni għandhom jiġu żviluppati b'mod miftuħ, trasparenti u teknoloġikament newtrali, f'konsultazzjoni mal-industrija u mal-partijiet ikkonċernati rilevanti.***

Emenda 178

Proposta għal regolament
Artikolu 31 – paragrafu 1a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	1a. L-awtoritajiet superviżorji indipendenti responsabbli għall-monitoraġġ tal-applikazzjoni tar-Regolament (UE) 2016/679 għandhom ikunu responsabbli għall-monitoraġġ tal-applikazzjoni ta' dan ir-Regolament sa fejn hija kkonċernata l-protezzjoni tad-data personali. Il-Kapitoli VI u VII tar-Regolament (UE) 2016/679 għandhom japplikaw mutatis mutandis. Il-Kontrollur Ewropew għall-Protezzjoni tad-Data għandu jkun responsabbli għall-monitoraġġ tal-applikazzjoni ta' dan ir-Regolament sa fejn jikkonċerna l-istituzzjonijiet, il-korpi, l-uffiċċji u l-aġenziji tal-Unjoni. Meta rilevanti, l-Artikolu 62 tar-Regolament 2018/1725 għandu japplika mutatis mutandis. Il-kompiti u s-setgħat tal-awtoritajiet superviżorji għandhom jiġu eżerċitati fir-rigward tal-ipproċessar ta' data personali.

Emenda 179

Proposta għal regolament
Artikolu 31 – paragrafu 2 – punt a

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(a) l-awtoritajiet superviżorji indipendenti responsabbli għall-monitoraġġ tal-applikazzjoni tar-Regolament (UE) 2016/679 għandhom ikunu responsabbli għall-monitoraġġ tal-applikazzjoni ta' dan ir-Regolament sa fejn hija kkonċernata l-protezzjoni tad-data personali. Il-Kapitoli VI u VII tar-Regolament (UE) 2016/679 għandhom japplikaw mutatis mutandis. Il-kompiti u s-setgħat tal-awtoritajiet superviżorji għandhom jiġu eżerċitati fir-rigward tal-ipproċessar ta' data personali.	***imħassar***

Emenda 180

Proposta għal regolament
Artikolu 31 – paragrafu 3 – punt g

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(g) l-iżgurar tad-disponibbiltà pubblika online tat-talbiet għall-aċċess għad-data magħmula mill-korpi tas-settur pubbliku fil-każ ta' emerġenzi pubbliċi skont il-Kapitolu V;	(g) l-iżgurar tad-disponibbiltà pubblika online tat-talbiet għall-aċċess għad-data magħmula mill-korpi tas-settur pubbliku fil-każ ta' emerġenzi pubbliċi skont il-Kapitolu V ***u skont id-dispożizzjonijiet tiegħu***;

Emenda 181

Proposta għal regolament
Artikolu 31 – paragrafu 3 – punt ia (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(ia) l-iżgurar li l-kondiviżjoni tad-data tkun mingħajr ħlas għall-utenti, f'konformità mal-Artikoli 4 u 5.

Emenda 182

Proposta għal regolament
Artikolu 31 – paragrafu 4

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
4. Meta Stat Membru jaħtar aktar minn awtorità kompetenti waħda, l-awtoritajiet kompetenti għandhom, fl-eżerċitar tal-kompiti u s-setgħat assenjati lilhom skont il-paragrafu 3 ta' dan l-Artikolu, jikkooperaw ma' xulxin***, inkluż, kif xieraq,*** mal-awtorità superviżorja responsabbli għall-monitoraġġ tal-applikazzjoni tar-Regolament (UE) 2016/679, biex tiġi żgurata l-applikazzjoni konsistenti ta' dan ir-Regolament. ***F'każijiet bħal dawn, l-Istati Membri rilevanti għandhom jaħtru awtorità kompetenti ta' koordinazzjoni.***	4. Meta Stat Membru jaħtar aktar minn awtorità kompetenti waħda, l-awtoritajiet kompetenti għandhom, fl-eżerċitar tal-kompiti u s-setgħat assenjati lilhom skont il-paragrafu 3 ta' dan l-Artikolu, jikkooperaw ma' xulxin***. F'każijiet bħal dawn, l-Istati Membri rilevanti għandhom jaħtru awtorità kompetenti ta' koordinazzjoni. L-awtoritajiet kompetenti għandhom jikkooperaw*** mal-awtorità superviżorja responsabbli għall-monitoraġġ tal-applikazzjoni tar-Regolament (UE) 2016/679, biex tiġi żgurata l-applikazzjoni konsistenti ta' dan ir-Regolament.

Emenda 183

Proposta għal regolament
Artikolu 31 – paragrafu 6

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
6. Meta jwettqu l-kompiti tagħhom u jeżerċitaw is-setgħat tagħhom f'konformità ma' dan ir-Regolament, l-awtoritajiet kompetenti għandhom jibqgħu ħielsa minn kwalunkwe influwenza esterna, kemm diretta kif ukoll indiretta, u la għandhom ifittxu u lanqas jieħdu struzzjonijiet minn kwalunkwe awtorità pubblika oħra jew minn kwalunkwe parti privata.	6. Meta jwettqu l-kompiti tagħhom u jeżerċitaw is-setgħat tagħhom f'konformità ma' dan ir-Regolament, l-awtoritajiet kompetenti għandhom ***jaġixxu b'mod indipendenti u imparzjali, u jibqgħu*** ħielsa minn kwalunkwe influwenza esterna, kemm diretta kif ukoll indiretta, u la għandhom ifittxu u lanqas jieħdu struzzjonijiet minn kwalunkwe awtorità pubblika oħra jew minn kwalunkwe parti privata.

Emenda 184

Proposta għal regolament
Artikolu 31 – paragrafu 7

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
7. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-awtoritajiet kompetenti maħtura jingħataw ***ir-riżorsi*** meħtieġa biex iwettqu b'mod adegwat il-kompiti tagħhom f'konformità ma' dan ir-Regolament.	7. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-awtoritajiet kompetenti maħtura jingħataw ***biżżejjed riżorsi umani u tekniċi, l-għarfien espert, il-bini u l-infrastruttura*** meħtieġa ***għall-prestazzjoni effettiva*** biex iwettqu b'mod adegwat il-kompiti tagħhom f'konformità ma' dan ir-Regolament.

Emenda 185

Proposta għal regolament
Artikolu 32 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
1. Mingħajr preġudizzju għal kwalunkwe rimedju amministrattiv jew ġudizzjarju ieħor, il-persuni fiżiċi u ġuridiċi għandu jkollhom id-dritt li jippreżentaw ilment, individwalment jew, fejn rilevanti, kollettivament, mal-awtorità kompetenti rilevanti fl-Istat Membru tar-residenza abitwali tagħhom, post tax-xogħol jew stabbiliment jekk iqisu li d-drittijiet tagħhom skont dan ir-Regolament ikunu nkisru.	1. Mingħajr preġudizzju għal kwalunkwe rimedju amministrattiv jew ġudizzjarju ieħor, il-persuni fiżiċi u ġuridiċi għandu jkollhom id-dritt li jippreżentaw ilment, individwalment jew, fejn rilevanti, kollettivament, mal-awtorità kompetenti ***ta' koordinazzjoni, jew kwalunkwe awtorità kompetenti rilevanti oħra*** fl-Istat Membru tar-residenza abitwali tagħhom, post tax-xogħol jew stabbiliment jekk iqisu li d-drittijiet tagħhom skont dan ir-Regolament ikunu nkisru.

Emenda 186

Proposta għal regolament
Artikolu 34 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Il-Kummissjoni għandha tiżviluppa u tirrakkomanda mudelli ta' termini kuntrattwali mhux vinkolanti dwar l-aċċess għad-data u l-użu tagħha biex tgħin lill-partijiet fl-abbozzar u fin-negozjar ta'	Il-Kummissjoni għandha tiżviluppa u tirrakkomanda mudelli ta' termini kuntrattwali mhux vinkolanti dwar l-aċċess għad-data u l-użu tagħha biex tgħin lill-partijiet fl-abbozzar u fin-negozjar ta'

kuntratti bi drittijiet u b'obbligi kuntrattwali bbilanċjati.	kuntratti bi drittijiet u b'obbligi kuntrattwali bbilanċjati. ***Il-Kummissjoni għandha tikkonsulta lill-Bord Ewropew għall-Protezzjoni tad-Data meta tiżviluppa tali mudell ta' termini kuntrattwali, sa fejn hija kkonċernata d-data personali.***

Emenda 187

Proposta għal regolament
Artikolu 41 – paragrafu 1 – punt ba (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(ba) il-protezzjoni tas-sigrieti kummerċjali fl-Artikolu 4(3) u l-Artikolu 5(8)

PROĊEDURA TAL-KUMITAT LI JINTALAB JAGĦTI OPINJONI

Titolu	Regoli armonizzati għall-aċċess ġust għad-data u l-użu tagħha (l-Att dwar id-Data)
Referenzi	COM(2022)0068 – C9-0051/2022 – 2022/0047(COD)
Kumitat responsabbli Data tat-tħabbir fis-seduta plenarja	ITRE 23.3.2022
Opinjoni mogħtija minn Data tat-tħabbir fis-seduta plenarja	LIBE 23.3.2022
Kumitati assoċjati - data tat-tħabbir fis-seduta plenarja	7.7.2022
Rapporteur għal opinjoni Data tal-ħatra	Sergey Lagodinsky 15.6.2022
Eżami fil-kumitat	8.11.2022
Data tal-adozzjoni	31.1.2023
Riżultat tal-votazzjoni finali	+: 56 –: 2 0: 2
Membri preżenti għall-votazzjoni finali	Konstantinos Arvanitis, Malik Azmani, Pietro Bartolo, Vladimír Bilčík, Vasile Blaga, Karolin Braunsberger-Reinhold, Patrick Breyer, Saskia Bricmont, Joachim Stanisław Brudziński, Annika Bruna, Damien Carême, Patricia Chagnon, Caterina Chinnici, Clare Daly, Lena Düpont, Lucia Ďuriš Nicholsonová, Cornelia Ernst, Nicolaus Fest, Maria Grapini, Sylvie Guillaume, Andrzej Halicki, Evin Incir, Sophia in ‘t Veld, Assita Kanko, Fabienne Keller, Łukasz Kohut, Moritz Körner, Alice Kuhnke, Jeroen Lenaers, Juan Fernando López Aguilar, Lukas Mandl, Erik Marquardt, Javier Moreno Sánchez, Theresa Muigg, Emil Radev, Karlo Ressler, Diana Riba i Giner, Isabel Santos, Birgit Sippel, Sara Skyttedal, Tineke Strik, Ramona Strugariu, Annalisa Tardino, Yana Toom, Milan Uhrík, Tom Vandendriessche, Jadwiga Wiśniewska, Elena Yoncheva
Sostituti preżenti għall-votazzjoni finali	Delara Burkhardt, Beata Kempa, Alessandra Mussolini, Matjaž Nemec, Jan-Christoph Oetjen, Rob Rooken, Róża Thun und Hohenstein, Dragoş Tudorache, Loránt Vincze, Tomáš Zdechovský
Sostituti (skont l-Artikolu 209(7)) preżenti għall-votazzjoni finali	Niyazi Kizilyürek, David Lega

VOTAZZJONI FINALI B'SEJĦA TAL-ISMIJIET FIL-KUMITAT LI JINTALAB JAGĦTI OPINJONI

56	+
ECR	Joachim Stanisław Brudziński, Assita Kanko, Beata Kempa, Jadwiga Wiśniewska
ID	Annika Bruna, Patricia Chagnon, Nicolaus Fest, Annalisa Tardino, Tom Vandendriessche
PPE	Vladimír Bilčík, Vasile Blaga, Karolin Braunsberger-Reinhold, Lena Düpont, Andrzej Halicki, Jeroen Lenaers, Lukas Mandl, Alessandra Mussolini, Emil Radev, Karlo Ressler, Loránt Vincze, Tomáš Zdechovský
Renew	Malik Azmani, Lucia Ďuriš Nicholsonová, Sophia in 't Veld, Fabienne Keller, Moritz Körner, Jan-Christoph Oetjen, Ramona Strugariu, Róża Thun und Hohenstein, Yana Toom, Dragoş Tudorache
S&D	Pietro Bartolo, Delara Burkhardt, Caterina Chinnici, Maria Grapini, Sylvie Guillaume, Evin Incir, Łukasz Kohut, Juan Fernando López Aguilar, Javier Moreno Sánchez, Theresa Muigg, Matjaž Nemec, Isabel Santos, Birgit Sippel, Elena Yoncheva
The Left	Konstantinos Arvanitis, Clare Daly, Cornelia Ernst, Niyazi Kizilyürek
Verts/ALE	Patrick Breyer, Saskia Bricmont, Damien Carême, Alice Kuhnke, Erik Marquardt, Diana Riba i Giner, Tineke Strik

2	-
ECR	Rob Rooken
NI	Milan Uhrík

2	0
PPE	David Lega, Sara Skyttedal

Tifsira tas-simboli użati:
+ : favur
- : kontra
0 : astensjoni